



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

13313/18
ADD 9

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0356(NLE)

WTO 265
SERVICES 63
COASI 250

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Ottubru 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 691 final - ANNEX 6
Suġġett:	ANNESS għall- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Fieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 691 final - ANNEX 6.

Mehmuż: COM(2018) 691 final - ANNEX 6



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.10.2018
COM(2018) 691 final

ANNEX 6

ANNESS

għall-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-
Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam**

L-iskeda ta' Impenji Speċifiċi tal-Unjoni

1. L-iskeda tal-Unjoni ta' Impenji Speċifiċi hija stabbilita:
 - (a) fl-Appendiċi 8-A-1 (Impenji Speċifiċi dwar il-Provvista Transfruntiera ta' Servizi);
 - (b) fl-Appendiċi 8-A-2 (Impenji Speċifiċi dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Investimenti); u
 - (c) fl-Appendiċi 8-A-3 (Impenji Speċifiċi f'konformità mat-Taqsima D (Il-Preżenza Temporanja ta' Persuni Fiżiċi għal Skopijiet Kummerċjali) tal-Kapitolu 8 (Il-Liberalizzazzjoni tal-Investment, il-Kummerċ fis-Servizzi u l-Kummerċ Elettroniku)).
2. L-Appendiċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jikkostitwixxu parti integrali minn dan l-Anness.
3. Id-definizzjonijiet tat-termini previsti fil-Kapitolu 8 (Il-Liberalizzazzjoni tal-Investment, il-Kummerċ fis-Servizzi u l-Kummerċ Elettroniku) japplikaw għal dan l-Anness.

4. Fl-identifikazzjoni tas-setturi u tas-sottosetturi individwali tas-servizzi fl-Appeniċijiet:
- (a) “CPC” tfisser il-Klassifikazzjoni tal-Prodotti Ċentrali (Central Products Classification) kif stabbilit fid-Dokumenti Statistiċi tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, Serje M, Nru 77, CPC prov, 1991;
 - (b) “CPC ver. 1.0” tfisser Central Products Classification (Klassifika Ċentrali tal-Prodotti) kif stabbilit fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti dwar l-Istatistika, Serje M, Nru 77, CPC ver 1.0, 1998; u
 - (c) “ISIC rev 3.1” tfisser il-Klassifikazzjoni Industrijali Standard Internazzjonali tal-Attivitajiet Ekonomiċi kollha kif stabbiliti fid-Dokumenti Statistiċi tal-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, Serje M, Nru 4, ISIC REV 3.1, 2002.
5. It-taqsiriet li ġejjin għall-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jintużaw fl-Appendiċijiet speċifikati fil-paragrafu 1:
- | | |
|----|--|
| UE | L-Unjoni Ewropea, inkluż l-Istati Membri kollha tagħha |
| AT | L-AWSTRJA |
| BE | Il-Belġju |
| BG | Il-Bulgarija |
| CY | Ċipru |
| CZ | Ir-Repubblika Ċeka |
| DE | Il-Ġermanja |
| DK | Id-Danimarka |

EE	L-Estonja
EL	Il-Greċja
ES	Spanja
FI	Il-Finlandja
FR	Franza
HR	Il-Kroazja
HU	L-Ungerija
IE	L-Irlanda
IT	L-Italja
LT	Il-Litwanja
LU	Il-Lussemburgu
LV	Il-Latvja
MT	Malta
NL	In-Netherlands
PL	Il-Polonja
PT	Il-Portugall
RO	Ir-Rumanija
SE	L-Iżvezja
SI	Is-Slovenja
SK	Is-Slovakkja
UK	Ir-Renju Unit

Lista ta' impenji ta' forniment transfruntier ta' servizzi

1. Il-lista ta' impenji speċifikata f'dan l-Appendiċi tindika s-setturi tas-servizzi li ġew liberalizzati skont l-Artikolu 8.12 (Skeda ta' Impenji Speċifiċi) u, permezz ta' riżervi, il-limitazzjonijiet għall-aċċess għas-suq u għat-trattament nazzjonali applikabbli għas-servizzi u l-fornituri tas-servizzi tal-Vjetnam f'dawk is-setturi. Din il-lista ta' impenji tikkonsisti mill-elementi li ġejjin:
 - (a) l-ewwel kolonna tindika s-settur jew is-sottosettur li fih l-impenn ikun meħud mill-Unjoni, u l-kamp ta' applikazzjoni ta' liberalizzazzjoni li għalih japplikaw ir-riżervi; u
 - (b) it-tieni kolonna li tiddeskrivi r-riżervi li japplikaw.
2. Il-forniment transfruntier ta' servizzi fis-setturi jew fis-sottosetturi koperti b'dan il-Ftehim u li mhuwiex speċifikat fit-tabella ta' dan l-Appendiċi mhuwiex suġġett għal impenji.

3. Il-lista ta' impenji speċifikata f'dan l-Appendiċi ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u mal-proċeduri tal-kwalifiki, standards tekniċi u rekwiżiti u proċeduri ta' liċenzji meta dawn ma jkunux jikkostitwixxu aċċess għas-suq jew limitazzjoni nazzjonali għat-trattament fit-tifsira tal-Artikoli 8.10 (Aċċess għas-Suq) u 8.11 (Trattament Nazzjonali). Dawn il-miżuri bħar-rekwiżit li tinkiseb liċenzja, obbligi ta' servizz ġenerali, ir-rekwiżit li jinkiseb għarfien tal-kwalifiki f'setturi rregolati u r-rekwiżit li wieħed jgħaddi minn eżamijiet speċifiċi, inklużi eżamijiet tal-lingwa), anki jekk mhumix elenkati fit-tabella f'dan l-Appendiċi, japplikaw f'kull każ għas-servizzi u għall-fornituri tas-servizzi tal-Vjetnam.
4. Il-lista ta' impenji speċifikati f'dan l-Appendiċi hija mingħajr preġudizzju għall-fattibilità tal-provvista ta' servizzi transfruntiera prevista fis-subparagrafu (k) tal-Artikolu 8.2 (Definizzjonijiet) f'ċerti setturi u sottosetturi tas-servizzi u mingħajr preġudizzju għall-monopolji pubbliċi u d-drittijiet esklussivi kif deskritti fil-lista ta' impenji dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Investimenti stabbiliti fl-Appendiċi 8-A-2.
5. Skont il-paragrafu 6(a) tal-Artikolu 8.1 (Għan u Kamp ta' Applikazzjoni), il-lista ta' impenji speċifikata f'dan l-Appendiċi ma tinkludix miżuri dwar sussidji mogħtija minn Parti.

6. Id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mil-lista ta' impenji speċifikati f'dan l-Appendiċi ma għandhomx ikollhom effett dirett u ma jagħtu l-ebda dritt direttament lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi.
7. L-Unjoni tiegħu impenji ddifferentzjati mill-Istati Membri tagħha, fejn applikabbli.
8. Għal aktar ċertezza, għall-Unjoni, l-obbligu li jingħata trattament nazzjonali ma jinvolvix ir-rekwiżit li, jiġi estiż għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi tal-Vjetnam, it-trattament mogħti fi Stat Membru lil persuni fiżiċi u ġuridiċi ta' Stat Membru ieħor skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jew skont kwalunkwe miżura adottata skont dak it-Trattat, inkluża l-implimentazzjoni tagħhom fl-Istati Membri. Dan it-trattament nazzjonali jingħata biss lil persuni ġuridiċi tal-Vjetnam stabbiliti skont il-liġi ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom f'dak l-Istat Membru, inklużi dawk il-persuni ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni li huma proprjetà jew huma kkontrollati minn ċittadini tal-Vjetnam.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
SETTURI KOLLHA	Proprietà immobili Għall-Modalitajiet 1 u 2 Fl-Istati Membri kollha ħlief AT, BG, CY, CZ, DK, EL, FI, HU, IE, IT, LT, MT, PL, RO, SI, SK: Xejn. FI-AT: L-akkwist, ix-xiri kif ukoll il-lokazzjoni ta' proprietà immobili minn persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin tehtiegħ l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet reġjonali kompetenti (<i>Länder</i>) li jikkunsidraw jekk interessi ekonomiċi, soċjali jew kulturali importanti jkunux affettwati jew le. Fil-BG: Persuni ġuridiċi u ċittadini barranin b'permess ta' residenza permanenti barra l-pajjiż jistgħu jakkwistaw il-proprietà ta' bini u drittijiet ta' proprietà limitati fuq l-art¹, soġġett għal permess mill-Ministeru tal-Finanzi. Ir-rekwiżit ta' permess ma japplikax għal persuni li investew fil-Bulgarija. Ċittadini barranin li r-residenza permanenti tagħhom hija barra l-pajjiż, persuni ġuridiċi barranin u kumpaniji fejn il-parteċipazzjoni barranija tiżgura maġġoranza fl-adozzjoni jew iċ-ċaħda tad-deċiżjonijiet, jistgħu jakkwistaw id-drittijiet ta' proprietà ta' art f'żoni ġeografiċi speċifiċi magħżula mill-Kunsill tal-Ministri, soġġetti għal permess. F'CY: Bla restrizzjonijiet. Fir-CZ: L-art agrikola u l-foresti jistgħu jiġu akkwistati minn persuni fiżiċi barranin u ġuridiċi biss meta jkollhom residenza permanenti fir-Repubblika Ċeka. Għall-art agrikola u forestali japplikaw regoli speċifiċi fis-sjieda tal-istat.

¹ Il-liġi Bulgara dwar il-proprietà tirrikonoxxi d-drittijiet limitati ta' proprietà li ġejjin: id-dritt għall-użu, id-dritt għall-bini, id-dritt li tittella' sovrastruttura u s-servitujiet għall-użu.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Fid-DK: Limitazzjonijiet japplikaw fuq xiri ta' proprjetà immobbli minn persuni fiżiċi u ġuridiċi mhux residenti. Limitazzjonijiet japplikaw ukoll fuq ix-xiri ta' art agrikola minn persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin. Fil-EL: Skont il-Liġi Nru 1892/90, permess mill-Ministru tad-Difiża huwa meħtieġ għal ċittadin biex jakkwista proprjetà immobbli f'żoni qrib il-fruntieri. Skont il-prassi amministrattiva l-permess jingħata faċilment għal investiment dirett. Fil-FI (il-Gżejjer Åland): Restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' persuni fiżiċi, li ma jgawdux miċ-ċittadinanza reġjonali ta' Åland, u ta' persuni ġuridiċi, li jakkwistaw beni immobbli fil-Gżejjer Åland mingħajr il-permess tal-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer. Jeżistu restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-istabbiliment u d-dritt li jiġu pprovduti servizzi minn persuni fiżiċi li ma jgawdux Ċittadinanza reġjonali f' Åland, jew minn kwalunkwe persuna ġuridika, mingħajr il-permess tal-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer Åland. Fl-HU: Restrizzjonijiet japplikaw fuq l-akkwiżizzjoni ta' art u l-proprjetà immobbli minn investituri barranin¹. Fl-IE: Kunsens bil-miktub minn qabel tal-Kummissjoni tal-Art huwa meħtieġ għall-akkwist ta' kwalunkwe interess f'art Irlandiża minn kumpaniji domestiċi jew barranin jew minn ċittadini barranin. Meta tali art tkun għall-użu industrijali (iżda mhux l-industrija agrarja), dan ir-rekwiżit jiġi rinunzjat, soġġett għal ċertifikazzjoni għal dan l-iskop mill-Ministeru tal-Intrapriża, il-Kummerċ u l-Impjiegi. Din il-liġi ma tapplikax meta l-art taqa' fil-limiti tal-bliet u l-irħula. Fl-IT: Ix-xiri ta' proprjetà immobbli minn persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin huwa soġġett għal kundizzjoni ta' reċiproċità. Fil-LT: Bla restrizzjoni għall-akkwist ta' art². F'MT: Ir-rekwiżiti tal-liġi u r-regolamenti Maltin dwar l-akkwist tal-proprjetà immobbli jkomplu japplikaw.

¹ Fir-rigward tas-setturi tas-servizzi, dawn il-limiti ma jmorru lil hinn mil-limiti riflessi fl-impenji eżistenti tal-GATS.

² Fir-rigward tas-setturi tas-servizzi, dawn il-limiti ma jmorru lil hinn mil-limiti riflessi fl-impenji eżistenti tal-GATS.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Fil-PL: L-akkwist ta' proprjetà immobbli, b'mod dirett jew indirett, mill-barranin (persuna fiżika jew persuna ġuridika barranija) jeħtieġ l-awtorizzazzjoni Ma hemm l-ebda rbit għall-akkwist ta' proprjetà tal-Istat (jiġifieri r-regolamenti li jikkontrollaw il-proċess ta' privatizzazzjoni). Fir-RO: Persuni fiżiċi li ma jkollhomx ċittadinanza Rumena u permess ta' residenza fir-Rumanija, kif ukoll il-persuni ġuridiċi li ma jkollhomx ċittadinanza Rumena u l-kwartieri ġenerali tagħhom fir-Rumanija, ma jistax ikollhom titolu fuq kwalunkwe tip ta' art, permezz ta' atti <i>inter vivos</i>. Fis-SI: Persuni ġuridiċi, stabbiliti fis-Slovenja b'parteċipazzjoni ta' kapital barrani, jistgħu jiksbu proprjetà immobbli fit-territorju tas-Slovenja. Fergħat¹ stabbiliti fis-Slovenja minn persuni barranin jistgħu jakkwistaw biss proprjetà immobbli, ħlief art, li tkun meħtieġa għat-twettiq ta' attivitajiet ekonomiċi li għalihom dawn ikunu ġew stabbiliti. Fis-SK: Limitazzjonijiet japplikaw fuq l-akkwist ta' proprjetà immobbli minn persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin. Entitajiet barranin jistgħu jakkwistaw proprjetà immobbli permezz tal-istabbiliment ta' entitajiet ġuridiċi Slovakkji jew tal-parteċipazzjoni f'impriżi konġunti. Bla restrizzjonijiet għall-akkwist ta' art.

¹ Skont il-Liġi dwar il-Kumpaniji Kummerċjali, fergħa stabbilita fis-Slovenja ma titqisx bħala persuna ġuridika, iżda fir-rigward tal-operat tagħha, it-trattament tagħha huwa ugwali għal dak ta' sussidjarja, li huwa konformi mal-Artikolu XXVIII paragrafu (g) tal-GATS.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
SERVIZZI TA' NEGOZZI	
A. Servizzi professjonali	
(a) Servizzi legali (CPC 861) ¹ għajr pariri legali u dokumenti legali u servizzi ta' awtentikar legali pprovduti minn professjonisti legali b'funzjonijiet pubbliċi, bħal nutara, <i>“huissiers de justice”</i> jew <i>“officiers publics et ministériels”</i> oħra.	Għall-Modalitajiet 1 u 2 FI-AT, EL, ES, LT, MT, SK: L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura rikjesta għall-prattika tal-liġi domestika (tal-Unjoni u tal-Istat Membru), hija soġġetta għal kundizzjoni ta' ċittadinanza. F'CY: L-ammissjoni sħiħa għall-Avukatura hija suġġetta għal kundizzjoni ta' ċittadinanza, flimkien ma' rekwiżit ta' residenza. L-avukati li jkunu membri tal-Kamra tal-Avukati biss jistgħu jkunu soċji jew azzjonisti jew membri tal-Bord tad-Diretturi f'kumpanija legali f'Ċipru. Fil-BE, il-FI, il-LU: Sħubija sħiħa fil-Kamra tal-Avukati, meħtieġa għal servizzi tar-rappreżentanza legali, hija soġġetta għall-kundizzjoni ta' ċittadinanza, flimkien mar-rekwiżit tar-residenza. Fil-BE, hemm kwoti li japplikaw għar-rappreżentanza quddiem il-<i>“Cour de cassation”</i> f'każijiet mhux kriminali.

¹ Dan jinkludi servizzi ta' konsulenza legali, servizzi ta' rappreżentanza legali, servizzi ta' arbitraġġ u ta' konċiljazzjoni / medjazzjoni legali, kif ukoll servizzi ta' dokumenti legali u ċertifikazzjoni legali. Il-provvijjoni ta' servizzi legali huwa awtorizzat biss fir-rigward tal-liġi internazzjonali pubblika, il-liġi tal-UE u l-liġi ta' kwalunkwe ġurisdizzjoni fejn il-fornitur tas-servizz jew l-impjegati tiegħu jkunu kkwalifikati biex jipprattikaw bħala avukati, u, bħall-għoti ta' servizzi oħra, ikun soġġett għar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-liċenzja li japplikaw fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Għall-avukati li jipprovdu servizzi legali fir-rigward tad-dritt internazzjonali pubbliku u l-liġi barranija, dawn ir-rekwiżiti u l-proċeduri ta' liċenzjar jistgħu, fost oħrajn, jieħdu l-forma ta' konformità mal-kodiċi ta' etika lokali, l-użu ta' titolu lokali (sakemm ikun inkiseb ir-rikonoxximent mat-titolu lokali), rekwiżiti ta' assigurazzjoni, reġistrazzjoni sempliċi mal-Avukatura tal-pajjiż ospitanti jew sħubija simplifikata fl-Avukatura tal-pajjiż ospitanti permezz ta' test ta' attitudni u uffċju legali jew professjonali fil-pajjiż ospitanti. Is-servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni għandhom, fil-prinċipju, jitwettqu minn jew permezz ta' avukat ikkwalifikat mogħti l-awtorizzazzjoni tal-prattika ta' avukat fi Stat Membru tal-Unjoni li jaġixxi fuq bażi personali, filwaqt li s-servizzi legali fir-rigward tal-liġi ta' Stat Membru tal-Unjoni għandhom, fil-prinċipju, jitwettqu minn jew permezz ta' avukat mogħti l-awtorizzazzjoni tal-prattika ta' avukat f'dak l-Istat Membru waqt li jaġixxi fuq bażi personali. L-ammissjoni sħiħa fl-Avukatura tal-Istat Membru rilevanti tal-Unjoni tista' għalhekk tkun meħtieġa għar-rappreżentanza fil-qrati u awtoritajiet kompetenti oħra fl-Unjoni billi tinvolvi l-prattika ta' liġi proċedurali nazzjonali u tal-Unjoni. Madankollu, f'ċerti Stati Membri tal-Unjoni, avukati barranin li ma jkollhomx sħubija sħiħa fl-Avukatura jkunu awtorizzati li jirrappreżentaw parti fi proċeduri ċivili li tkun ċittadin ta' jew tappartjeni lil Stat li fih l-avukat ikun awtorizzat li jipprattika.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Fil-BG: L-avukati tal-Vjetnam jistgħu biss jipprovdu servizzi ta' rappreżentanza legali lil ċittadin tal-Vjetnam soġġett għar-reċiproċità u l-kooperazzjoni ma' avukat Bulgaru. Għal servizzi ta' medjazzjoni legali hi meħtieġa residenza permanenti. Fi FR: L-aċċess tal-avukati għall-professjoni ta' "<i>avocat auprès de la Cour de Cassation</i>" u "<i>avocat auprès du Conseil d'Etat</i>" huwa soġġett għal kwoti u kundizzjoni ta' nazzjonalità. Fil-HR: Mhemmx irbit biex tipprattika l-liġi Kroata Fl-HU: L-ammissjoni sħiħa għall-Avukatura hija suġġetta għal kundizzjoni ta' ċittadinanza, flimkien ma' rekwiżit ta' residenza. Għal avukati barranin l-ambitu tal-attivitajiet legali huwa limitat għall-ġhoti ta' pariri legali. Fil-LV: Ir-rekwiżit ta' nazzjonalità għal avukati liċenzjati li r-rappreżentanza legali fi proċedimenti kriminali hi riżervata għalihom Fid-DK: It-tpoġġija fis-suq ta' servizzi ta' konsulenza legali hija riżervata għall-avukati b'liċenzja Daniża biex jipprattikaw u għal ditti ta' avukati reġistrati fid-Danimarka. Rekwiżit ta' eżami legali Daniż sabiex tinkiseb liċenzja Daniża Fl-SE: L-ammissjoni fl-avukatura, meħtieġa biss għall-użu tat-titlu <i>Żvediż "advokat"</i>, hija soġġetta għal rekwiżit ta' residenza.
(b) 1. Servizzi tal-kontabbiltà u taż-żamma tal-kotba (CPC 86212 minbarra servizzi ta' awditjar, CPC 86213, CPC 86219 u CPC 86220)	Għall-Modalità 1 Fi FR, HU, IT, MT, RO, SI: Bla restrizzjonijiet. Fl-AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità tapplika għal rappreżentazzjoni quddiem awtoritajiet kompetenti. F'CY: L-aċċess huwa suġġett għat-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Il-kriterji prinċipali: is-sitwazzjoni tal-impjiegi fis-sottosettur. Għall-Modalità 2 Xejn.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(b) 2. Servizzi tal-awditjar (CPC 86211 u 86212 minbarra servizzi ta' kontabilità)	Għall-Modalità 1 Fil-BE, BG, CY, DE, EL, ES, FI, FR, HU, IE, IT, LU, MT, NL, PT, RO, UK: Bla restrizzjonijiet. FI-AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità tapplika għal rappreżentazzjoni quddiem awtoritajiet kompetenti u għat-twettiq ta' awditjar msemija fil-liġijiet Awstrijaċi speċifiċi (pereż. liġi dwar il-kumpaniji b'titoli konġunti, liġi dwar il-borża, liġi dwar il-bankarja, eċċ.) Fil-HR: L-intrapriżi ta' awditjar barranin jistgħu jipprovdu servizzi tal-awditjar fit-territorju Kroat fejn ikunu stabbilixxew ferġha. FI-SE: L-awdituri approvati fl-Iżvezja biss jistgħu jwettqu servizzi ta' verifika statutorji f'ċerti entitajiet legali, inklużi fil-kumpaniji limitati kollha u kif ukoll persuni fiżiċi. Biss l-awdituri approvati fl-Iżvezja, u intrapriżi pubbliċi ta' kontabilità reġistrati, jistgħu jkunu azzjonisti jew jistabbilixxu soċjetajiet f'kumpaniji li jipprattikaw awditjar ikkwaliċat (għal skopijiet uffiċjali). Ir-residenza fiż-ŻEE jew l-Iżvizzera hija meħtieġa għall-approvazzjoni. It-titoli ta' "awditur approvat" u "awditur awtorizzat" jistgħu jintużaw biss minn awdituri approvati jew awtorizzati fl-Iżvezja. Awdituri ta' assoċjazzjonijiet ekonomiċi kooperattivi u ċerti intrapriżi oħra li mhumex kontabilisti ċċertifikati jew approvati għandhom ikunu residenti fiż-ŻEE, sakemm il-gvern jew l-awtorità governattiva maħtura mill-gvern f'każ separat tippermetti mod ieħor. Il-verifika statutorja fil-kumpaniji elenkati u l-kumpaniji li jeċċedu ċerti limiti rigward il-fatturat, l-assi totali u n-numru ta' impjegati għandhom titwettaq minn awdituri pubbliċi awtorizzati fl-Iżvezja. Ir-residenza fiż-ŻEE jew l-Iżvizzera hija meħtieġa għall-awtorizzazzjoni jew l-approvazzjoni. Biss l-awdituri approvati fl-Iżvezja, u intrapriżi pubbliċi ta' kontabilità reġistrati, jistgħu jkunu azzjonisti jew jistabbilixxu soċjetajiet f'kumpaniji li jipprattikaw awditjar ikkwaliċat (għal skopijiet uffiċjali). It-titoli ta' "awditur approvat" u "awditur awtorizzat" jistgħu jintużaw biss minn awdituri approvati jew awtorizzati fl-Iżvezja. Awdituri ta' assoċjazzjonijiet ekonomiċi kooperattivi u ċerti intrapriżi oħra li mhumex kontabilisti ċċertifikati jew approvati jridu jkunu residenti fiż-ŻEE. L-awtorità kompetenti tista' tagħti eżenzjoni minn dan ir-rekwiżit.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Fil-LT: Ir-rapport tal-awditur irid ikun ippreparat flimkien ma' awditur akkreditat biex jipprattika fil-Litwanja. Għall-Modalità 2 Xejn.
(c) Servizzi ta' konsulenza dwar it-tassazzjoni (CPC 863) ¹	Għall-Modalità 1 FI-AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità tapplika għal rappreżentazzjoni quddiem awtoritajiet kompetenti. Fil-BG, MT, RO SI: Bla restrizzjonijiet. F'CY: L-awtorizzazzjoni hi soġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Il-kriterji prinċipali: is-sitwazzjoni tal-impjiegi fis-sottosettur. Fir-CZ: Servizzi ta' tassazzjoni jistgħu jiġu fornuti minn persuni fiżiċi biss li huma rreġistrati fil-lista tal-Kamra tal-Konsulenti tat-Taxxa jew fil-Kamra tal-Awdituri. Għall-Modalità 2 Xejn.

¹ Ma jinkludix servizzi ta' konsulenza legali u servizzi ta' rappreżentanza legali dwar kwistjonijiet ta' taxxa, li jinsabu taħt 1.A.(a) Servizzi Legali.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(d) Servizzi Arkitettoniċi u (e) Ippjanifikar urban u servizzi arkitettoniċi tat-tisbiħ tal-pajsaġġ (CPC 8671 u CPC 8674)	Għall-Modalità 1 Fl-AT: Bla restrizzjonijiet għajr għal servizzi puri tal-ippjanar. Fil-BE, BG, CY, EL, IT, MT, PL, PT, SI: Bla restrizzjonijiet. Fil-DE: L-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali dwar it-tariffi u s-salarji għas-servizzi kollha li jitwettqu minn barra. Fil-HR: Persuni fiżiċi u ġuridiċi jistgħu jipprovdu servizzi marbutin mal-arkitettura wara li jiksbu l-approvazzjoni mill-Kamra tal-Arkitetti Kroati. Disinn jew proġett imfassal barra mill-pajjiż irid jiġi rikonoxxut (validat) minn persuna fiżika jew ġuridika awtorizzata fil-Kroazja fir-rigward tal-konformità tiegħu mal-Liġi Kroata. Bla restrizzjonijiet għall-ippjanar urban. Fl-HU, RO: Mhux marbuta għal servizzi arkitettoniċi tal-pajsaġġ. Għall-Modalità 2 Xejn.
(f) Servizzi ta' inġinerija; u (g) Servizzi ta' Inġinerija integrata (CPC 8672 u CPC 8673)	Għall-Modalità 1 Fl-AT, SI: Bla restrizzjonijiet għajr għal servizzi puri tal-ippjanar. Fil-BG, CY, EL, IT, MT, PT: Bla restrizzjonijiet. Fil-HR: Persuni fiżiċi u ġuridiċi jistgħu jipprovdu servizzi marbutin mal-inġinerija wara li jiksbu l-approvazzjoni mill-Kamra tal-Inġiniera Kroati. Disinn jew proġett imfassal barra mill-pajjiż irid jiġi rikonoxxut (validat) minn persuna fiżika jew ġuridika awtorizzata fil-Kroazja fir-rigward tal-konformità tiegħu mal-Liġi Kroata.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Għall-Modalità 2 Xejn.
(h) Servizzi Mediċi (inklużi Psikologi) u dentali (CPC 9312 u parti minn CPC 85201)	Għall-Modalità 1 FI-AT, BE, BG, CY, DE, DK, EE, EL, ES, FI, FR, IE, IT, LU, MT, NL, PT, RO, SK, UK: Bla restrizzjonijiet. Fir-CZ: L-aċċess huwa ristrett għal persuni fiżiċi biss. Awtorizzazzjoni mill-Ministeru tas-Saħħa hija meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin. Fil-HR: Bla restrizzjonijiet, ħlief għat-telemediċina. Fis-SI: Bla restrizzjonijiet għal servizzi mediċi soċjali, servizzi sanitarji, servizzi epidemoloġiċi, servizzi mediċi/ekoloġiċi, il-forniment tad-demmm, preparazzjonijiet tad-demmm kif ukoll trapjanti u awtopsji. Għall-Modalità 2 Xejn.
(i) Servizzi Veterinarji (CPC 932)	Għall-Modalità 1 FI-AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FR, HU, IE, IT, LV, MT, NL, PT, RO, SI, SK: Bla restrizzjonijiet. Fir-UK: Bla restrizzjonijiet ħlief għal servizzi ta' laboratorji veterinarji u servizzi tekniċi pprovduti lil kirurgi veterinarji, pariri ġenerali, gwida u informazzjoni, pereż.: pariri dwar in-nutrizzjoni, dwar l-imġiba u l-kura tal-annimali tal-kumpanija). Għall-Modalità 2 Xejn.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(j) 1. Servizzi ta' qbiela (parti minn CPC 93191) (j) 2. Servizzi pprovduti mill-infirmiera, il-fiżjoterapisti u l-persunal paramediku (parti minn CPC 93191)	Għall-Modalità 1 FI-AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FR, HU, IE, IT, LT, LU, LV, MT, NL, PT, RO, SI, SK, UK: Bla restrizzjonijiet. Fil-FI, PL: Bla restrizzjonijiet għajr għal infirmiera. Fil-HR: Bla restrizzjonijiet, ħlief għat-telemediċina. Għall-Modalità 2 Xejn.
(k) Bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċinali u bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċinali u ortopediċi (CPC 63211) u servizzi oħra pprovduti minn spijżjara¹	Għall-Modalità 1 FI-AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EL, ES, FI, FR, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SE, SI, SK, UK: Bla restrizzjonijiet. Fil-HU: Bla restrizzjonijiet għajr għal CPC 63211. Fil-LV, LT: Bla restrizzjonijiet minbarra għal ordni postali. Għall-Modalità 2 Xejn.

¹ Il-forniment tal-farmaċewtiċi lill-pubbliku ġenerali, bħall-għoti ta' servizzi oħra, huwa sogggett għal rekwiżiti ta' liċenzji u kwalifiki u l-proċeduri applikabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni. Bħala regola ġenerali, din l-attività hi riżervata għall-ispiżjara. F'ċerti Stati Membri tal-Unjoni, il-forniment ta' mediċini bi preskrizzjoni biss huwa riżervat għall-ispiżjara.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
B. Servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati (CPC 84)	Għall-Modalitajiet 1 u 2: Xejn.
C. Servizzi ta' riċerka u żvilupp	
Servizzi Ruġ fix-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi (CPC 852 esklużi servizzi ta' psikologi ¹)	Xejn.
Servizzi ta' Ruġ fix-xjenzi naturali (CPC 851) servizzi ta' Ruġ interdixiplinari (CPC 853)	Għall-Modalitajiet 1 u 2: UE: Għal servizzi ta' Ruġ iffinanzjati mill-pubbliku, id-drittijiet esklużivi u / jew l-awtorizzazzjonijiet jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni u lil persuni ġuridiċi tal-Unjoni li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-Unjoni.
D. Servizzi ta' proprjetà immobbli ²	
(a) Li jinvolvu proprjetà jew beni immobbli mikrija (CPC 821)	Għall-Modalità 1 Fil-BG, CY, CZ, EE, HU, IE, LT, LV, MT, PL, RO, SI, SK: Bla restrizzjonijiet. Fil-HR: Meħtieġa preżenza kummerċjali.

¹ Parti minn CPC 85201, li tinsab f'1.A.(h) Servizzi Mediċi u Dentali.

² Is-servizz konċernat hu relatat mal-professjoni ta' aġent ta' proprjetà immobbi u ma jaffettwa l-ebda dritt u / jew restrizzjoni fuq persuni fiżiċi u ġuridiċi li jixtru proprjetà immobbli.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Għall-Modalità 2 Fid-DK: It-titolu ta' "aġent tal-beni immobbli" tista' tintuża biss minn nies li ġew ammessi għar-reġistru tal-aġenti immobiljari. It-Taqsim 25(2) tal-Att dwar il-bejgħ ta' beni immobbli jistipula r-reqwiziti għal dawk li jistgħu jiġu ammessi għar-reġistru. Fost l-oħrajn, l-Att jeħtieġ li l-applikant ikun residenti fid-Danimarka jew residenti tal-Unjoni, iż-ŻEE jew l-Iżvizzera. Barra minn hekk, xi reqwiziti għall-għarfien teoretiku u għarfien Prattiku tal-applikanti għandhom jittqiesu bħala stabbiliti mill-Awtorità Daniża tal-Intrapriżi u l-Kostruzzjoni fil-linji gwida. L-Att dwar il-bejgħ tal-proprjetà immobbli huwa applikabbli biss meta jkun qed jitttrattaw mal-konsumaturi Daniżi. Leġiżlazzjoni oħra li tikkonċerna l-aċċess għall-barranin li jixtru / jbigħu proprjetà fid-Danimarka jista' jkun applikabbli, pereż. reqwiziti ta' residenza.
(b) Fuq bażi ta' ħlas jew kuntratt (CPC 822)	Għall-Modalità 1 Fil-BG, CY, CZ, EE, HU, IE, LT, LV, MT, PL, RO, SI, SK: Bla restrizzjonijiet. Fil-HR: Meħtieġa preżenza kummerċjali. Fid-DK: It-titolu ta' "aġent tal-beni immobbli" tista' tintuża biss minn nies li ġew ammessi għar-reġistru tal-aġenti immobiljari. It-Taqsim 25(2) tal-Att dwar il-bejgħ ta' beni immobbli jistipula r-reqwiziti għal dawk li jistgħu jiġu ammessi għar-reġistru. Fost l-oħrajn, l-Att jeħtieġ li l-applikant ikun residenti fid-Danimarka jew residenti tal-Unjoni, iż-ŻEE jew l-Iżvizzera. Barra minn hekk, xi reqwiziti għall-għarfien teoretiku u għarfien Prattiku tal-applikanti għandhom jittqiesu bħala stabbiliti mill-Awtorità Daniża tal-Intrapriżi u l-Kostruzzjoni fil-linji gwida. L-Att dwar il-bejgħ tal-proprjetà immobbli huwa applikabbli biss meta jkun qed jitttrattaw mal-konsumaturi Daniżi. Leġiżlazzjoni oħra li tikkonċerna l-aċċess għall-barranin li jixtru / jbigħu proprjetà fid-Danimarka jista' jkun applikabbli, pereż. reqwiziti ta' residenza. Għall-Modalità 2 Xejn.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
E. Servizz ta' kera / lokazzjoni mingħajr operaturi	
(a) Relatati mal-vapuri (CPC 83103)	Għall-Modalità 1 Fil-BG, CY, DE, HU, MT, RO: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Xejn.
(b) Relatati mal-ajruplani (CPC 83104)	Għall-Modalità 1 Fil-BG, CY, CZ, HU, LV, MT, PL, RO, SK: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 FI-AT, BE, DE, DK, EE, EL, ES, FI, FR, HU, IE, IT, LT, LU, NL, PT, SE, SI, UK: Inġenji tal-ajru użati minn linji tal-ajru tal-Unjoni għandhom ikunu rreġistrati fl-Istat Membru li jagħti l-liċenzja lil-linja tal-ajru jew xi mkien ieħor fl-Unjoni. Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet għal kuntratti ta' kiri qosra jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali Fil-BG, CY, CZ, LV, MT, PL, RO, SK: Mhemmx irbit.
(c) Relatati ma' tagħmir tat-trasport ieħor (CPC 83101, CPC 83102 u CPC 83105)	Għall-Modalità 1 Fil-BG, CY, HU, LV, MT, PL, RO, SI: Bla restrizzjonijiet. FI-SE: Għal CPC 83101: rekwiżit ta' residenza.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Għall-Modalità 2 Xejn. Għall-Modalità 1 u 2: Fil-HR: Minbarra l-kabotaġġ,
(d) Relatati ma' tagħmir tat-trasport ieħor (CPC 83106, CPC 83107, CPC 83108 u CPC 83109)	Għall-Modalità 1 Fil-BG, CY, CZ, HU, MT, PL, RO, SK: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Xejn.
(e) Relatati ma' prodotti personali u tad-dar (CPC 832)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 Fil-BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EL, ES, FI, FR, HU, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SE, SI, SK, UK: Bla restrizzjonijiet. FI-EE: Mhux marbuta għajr għal servizzi ta' kiri li jikkonċernaw video-cassettes irrekordjati minn qabel għall-użu fit-tagħmir għad-divertiment tad-dar.
(f) Kiri ta' tagħmir tat-telekomunikazzjoni (CPC 7541)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 Xejn.
F. Servizzi oħra ta' negozju	
(a) Servizzi ta' reklamar (CPC 871)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 Xejn.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(b) Riċerka tas-suq u sondaġġ (CPC 864)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 Xejn.
(c) Servizzi ta' konsulenza dwar l-immaniġġar (CPC 865)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 Xejn.
(d) Servizzi Relatati mal-Konsulenza dwar il-Ġestjoni (CPC 866)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 FI-HU: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' arbitrazzjoni u konċiljazzjoni (CPC 86602).
(e) Servizzi ta' ttestjar tekniku u analiżi (CPC 8676)	Għall-Modalità 1 FI-IT: Bla restrizzjonijiet għall-professjoni ta' bijologi u analisti kimiċi. BG, CY, CZ, MT, PL, RO, SK, SE: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 BG, CY, CZ, MT, PL, RO, SK, SE: Bla restrizzjonijiet.
(f) Servizzi ta' konsulenza u pariri relatati mal-agrikoltura, il-kaċċa u l-forestrija (parti minn CPC 881)	Għall-Modalità 1 FI-IT: Bla restrizzjonijiet għal attivitajiet riżervati għal agronomi u " <i>periti agrari</i> ". FI-EE, MT, RO: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Xejn.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(g) Servizzi ta' konsulenza u pariri relatati mas-sajd (parti minn CPC 882)	Għall-Modalità 1 FI-LV, MT, RO, SI: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Xejn.
(h) Servizzi ta' pariri u konsulenza marbutin mal-manifattura (parti minn CPC 884 u parti minn CPC 885)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 Xejn.
(i) Servizzi ta' forniment u ta' kollokament tal-persunal	
(i) 1. Servizzi ta' Tfittxija ta' Persunal Eżekuttiv (CPC 87201)	Għall-Modalità 1 FI-AT, BG, CY, CZ, DE, EE, ES, FI, HR, IE, LV, LT, MT, PL, PT, RO, SE, SI, SK: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 FI-AT, BG, CY, CZ, EE, FI, HR, LV, LT, MT, PL, RO, SI, SK: Bla restrizzjonijiet.
(i) 2. Servizzi ta' Tqegħid (CPC 87202)	Għall-Modalità 1 FI-AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FI, FR, HR, IE, IT, LT, LU, LV, MT, NL, PL, PT, RO, SE, SI, SK, UK: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 FI-AT, BG, CY, CZ, EE, FI, HR, LT, LV, MT, PL, RO, SI, SK: Bla restrizzjonijiet.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(i) 3. Servizzi ta' forniment ta' persunal ta' appoġġ għall-uffiċċju (CPC 87203)	Għall-Modalità 1 FI-AT, BG, CY, CZ, DE, EE, FI, FR, HR, IE, IT, LT, LV, MT, NL, PL, PT, RO, SE, SI, SK: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 FI-AT, BG, CY, CZ, EE, FI, HR, LT, LV, MT, PL, RO, SI, SK: Bla restrizzjonijiet.
(i) 4. Servizzi ta' forniment ta' persunal għall-ghajjn domestika, ħaddiema oħra kummerċjali jew industrijali, infermiera u persunal ieħor (CPCs 87204, 87205, 87206, 87209)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 FI-Istati Membri kollha ħlief HU: Bla restrizzjonijiet. FI-HU: Xejn.
(j) 1. Servizzi ta' investigazzjoni (CPC 87301)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 FI-BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FI, FR, HR, HU, IE, IT, LT, LU, LV, MT, NL, PL, PT, RO, SI, SK, UK: Bla restrizzjonijiet.
(j) 2. Servizzi ta' sigurtà (CPC 87302, CPC 87303, CPC 87304 u CPC 87305)	Għall-Modalità 1 FI-HU: Bla restrizzjoni għal CPC 87304, CPC 87305. FI-BE, BG, CY, CZ, EE, ES, FI, FR, HR, IT, LT, LV, MT, PT, PL, RO, SI, SK: Bla restrizzjonijiet. Fid-DK: Rekwiżiti ta' nazzjonalità u residenza għall-membri tal-bord. Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi ta' gwardjani tal-ajruport.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Għall-Modalità 2 FI-HU: Bla restrizzjoni għal CPC 87304, CPC 87305. Fil-BG, CY, CZ, EE, LT, LV, MT, PL, RO, SI, SK: Bla restrizzjonijiet.
(k) Is-Servizzi relatati ta' konsulenza xjentifika u teknika (CPC 8675)	Għall-Modalità 1 Fil-BE, BG, CY, DE, DK, EL, ES, FR, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SI, UK: Bla restrizzjonijiet għal servizzi ta' esplorazzjoni. Fil-HR: Servizzi bażiċi ta' konsulenza ġeoloġika, ġeodejtika u tal-minjieri, kif ukoll servizzi ta' konsulenza dwar il-protezzjoni ambjentali f'it-territorju Kroat jistgħu jsiru biss konġuntement ma' / jew permezz ta' persuni legali domestiċi. Għall-Modalità 2 Xejn.
(l) 1. Manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti (parti minn CPC 8868)	Għall-Modalità 1 Għal bastimenti tat-trasport marittimu: fil-BE, BG, CY, DE, DK, EL, ES, FI, FR, HR, IE, IT, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SE, SI, UK: Bla restrizzjonijiet. Bastimenti għat-trasport fil-mogħdijiet tal-ilma interni: fl-UE ħlief fl-EE, HU, LV: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Xejn.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(l) 2. Manutenzjoni u tiswija ta' apparat tat-trasport bil-ferrovija (parti minn CPC 8868)	Għall-Modalità 1 FI-AT, BE, BG, DE, CY, CZ, DK, EL, ES, FI, FR, HR, IE, IT, LU, LT, LV, MT, NL, PL, PT, RO, SE, SI, SK, UK: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Xejn.
(l) 3. Il-manutenzjoni u t-tiswija ta' vetturi bil-mutur, muturi u snowmobiles u tagħmir għat-trasport fuq it-triq (parti minn CPC 6112, CPC 6122, parti minn CPC 8867 u parti minn CPC 8868)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 Xejn.
(l) 4. Manutenzjoni u tiswija ta' ajruplani u parts tagħhom (parti minn CPC 8868)	Għall-Modalità 1 FI-BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EL, ES, FI, FR, HR, IE, IT, LT, LU, MT, NL, PT, RO, SE, SI, SK, UK: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Xejn.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(l) 5. Manutenzjoni u tiswija ta' prodotti tal-metall, ta' makkinarju (mhux tal-uffiċċju), ta' tagħmir (mhux tat-trasport u mhux tal-uffiċċju) u ta' prodotti personali u tad-dar ¹ (CPC 633, CPC 7545, CPC 8861, CPC 8862, CPC 8864, CPC 8865 u CPC 8866)	Għall-Modalitajiet 1 u 2: Xejn.
(m) Servizzi ta' tindif tal-bini (CPC 874)	Għall-Modalità 1 FI-AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FI, FR, HR, IE, IT, LU, LV, MT, NL, PL, PT, RO, SE, SI, SK, UK: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Xejn.
(n) Servizzi fotografiċi (CPC 875)	Għall-Modalità 1 FI-BG, EE, MT, PL: Mingħajr restrizzjoni għall-forniment ta' servizzi fotografiċi mill-ajru. FI-HR, LV: Bla restrizzjonijiet servizzi fotografiċi ta' speċjalità (CPC 87504). Għall-Modalità 2 Xejn.

¹ Servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' apparat tat-trasport (CPC 6112, 6122, 8867 u CPC 8868) jinsabu taħt l. F.(l) 1. sa 1. F.(l) 4. Is-servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' makkinarju u tagħmir tal-uffiċċju inklużi l-kompjuters (CPC 845) jinsabu f'l.B. Servizzi tal-Kompjuter u Servizzi Relatati.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(o) Servizzi ta' ppakkjar (CPC 876)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 Xejn.
(p) Stampar u pubblikazzjoni (CPC 88442)	Għall-Modalitajiet 1 u 2: Xejn.
(q) Servizzi ta' kungressi (parti minn CPC 87909)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 Xejn.
(r) 1. Servizzi ta' traduzzjoni u interpretar (CPC 87905)	Għall-Modalità 1 Fil-HR: Bla restrizzjonijiet għal dokumenti uffiċjali. Fl-HU, SK: Mingħajr restrizzjonijiet għal traduzzjoni u interpretazzjoni uffiċjali. Fil-PL: Bla restrizzjonijiet għal servizzi ta' interpreti ġuramentati. Għall-Modalità 2 Xejn.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(r) 2. Id-disinn intern u servizzi oħra marbutin mad-disinn ta' speċjalità (CPC 87907)	Għall-Modalità 1 Fil-DE: L-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali dwar it-tariffi u s-salarji għas-servizzi kollha li jitwettqu minn barra. Għall-Modalità 2 Xejn.
(r) 3. Servizzi ta' aġenziji li jiġbru d-dejn (CPC 87902)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 Fil-BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FI, FR, HR, HU, IE, IT, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SE, SI, SK, UK: Bla restrizzjonijiet.
(r) 4. Servizzi ta' tagħrif finanzjarju fuq il-konsumatur (CPC 87901)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 Fil-BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FI, FR, HR, HU, IE, IT, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SE, SI, SK, UK: Bla restrizzjonijiet.
(r) 5. Servizzi ta' duplikazzjoni (CPC 87904) ¹	Għall-Modalità 1 FI-AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FI, FR, HR, HU, IE, IT, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SE, SI, SK, UK: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Xejn.
(r) 6. Servizzi ta' kollegament tat-telekomunikazzjonijiet (CPC 7544)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 Xejn.
(r) 7. Servizzi tat-tweġib tat-telefon (CPC 87903)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 Xejn.

¹ Ma jinkludix servizzi ta' stampar, li jaqgħu taħt CPC 88442 u jinsabu taħt 1.F. p).

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
2. SERVIZZI TA' KOMUNIKAZZJONI	
A. Servizzi postali u ta' kurjer (Servizzi relati mal-maniġġar ¹ ta' oġġetti postali ² skont il-lista li ġejja ta' sottosetturi, kemm jekk għal destinazzjonijiet domestiċi kif ukoll barranin: (i) l-immaniġġar ta' komunikazzjonijiet miktubin indirizzati fuq kwalunkwe mezz fiżiku ³ , inkluż servizz ta' posta ibrida u posta diretta; (ii) l-immaniġġar ta' kaxxi u pakketti indirizzati ⁴ ;	Għall-Modalitajiet 1 u 2 Xejn.

¹ “Immaniġġar” tirreferi għal attivitajiet bħalma huma l-ħruġ mid-dwana, l-għażla, il-ġarr u t-tqassim.

² “Oġġett postali” tfisser oġġetti pproċessati minn kwalunkwe tip ta' operatur kummerċjali, kemm pubbliku kif ukoll privat.

³ Perez. ittri, kartolini.

⁴ Kotba u katalgi huma inklużi hawn taħt.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(iii) l-immaniġġar ta' prodotti stampati indirizzati¹; (iv) l-immaniġġar tal-oġġetti msemmija hawn fuq minn (i) sa (iii) bħala posta rreġistrata jew assicurata; (v) is-servizzi ta' kunsinna express² għall-oġġetti msemmija hawn fuq fil-punti minn (i) sa (iii) hawn fuq; (vi) l-immaniġġar ta' oġġetti mhux indirizzati, u (vii) l-iskambju ta' dokumenti³.	

¹ Ġurnali, gazzetti, u rivisti.

² Is-servizzi ta' kunsinna express jistgħu jinkludu, flimkien ma' veloċità u affidabbiltà akbar, elementi ta' valur miżjud bħal ma huma għbir mill-punt tal-orijini, kunsinna personali lid-destinatarju, intraċċar u tiftix, il-possibbiltà ta' bdil tad-destinazzjoni u tad-destinatarju waqt it-tranżitu, u konferma tal-wasla.

³ Provvista tal-mezzi, inklużi l-provvista ta' bini *ad hoc* kif ukoll trasport minn parti terza, li tippermetti awtotwassil permezz ta' skambju reċiproku ta' oġġetti postali bejn utenti sottoskritti għal dan is-servizz. "Oġġett postali" tfisser oġġetti pproċessati minn kwalunkwe tip ta' operatur kummerċjali, kemm pubbliku kif ukoll privat.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Is-sottosetturi (i), (iv) u (v), madankollu, huma esklużi meta dawn jaqgħu fl-ambitu tas-servizzi li jistgħu jkunu riżervati għal oġġetti ta' korrispondenza li l-prezz tagħhom ikun inqas minn ħames darbiet it-tariffa bażika pubblika, sakemm dawn ikunu jiżnu inqas minn 100 gramma¹, u għas-servizz ta' posta reġistrata użata matul il-proċeduri ġudizzjali jew amministrattivi.) (parti minn CPC 751, parti minn CPC 71235² u parti minn CPC 73210³)	

¹ “Oġġetti ta' korrispondenza” tfisser komunikazzjoni bil-miktub fuq kull tip ta' mezz fiżiku mibgħut u mwassal fl-indirizz indikat minn min jibagħtu fuq l-oġġett innifsu jew fuq it-tgeżwir tiegħu. Kotba, katalgi, gazzetti u perjodiċi mhumex ikkunsidrati bħala oġġetti ta' korrispondenza.

² Il-ġarr ta' oġġetti postali u ta' kurrier għal kont proprju bi kwalunkwe modalità fuq l-art.

³ It-trasport ta' oġġetti postali għall-kont proprju bl-ajru.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
B. Servizzi tat-telekomunikazzjoni Dawn is-servizzi ma jkopru l-attività ekonomika li tikkonsisti minn forniment tal-kontenut li jirrikjedi servizzi ta' telekomunikazzjoni għat-trasport tiegħu.	
(a) Is-servizzi kollha li jikkonsistu fit-trażmissjoni u r-riċezzjoni tas-sinjali bi kwalunkwe mezz elettromanjetiku ¹ , minbarra x-xandir ²	Għall-Modalitajiet 1 u 2 Xejn.
3. KOSTRUZZJONI U SERVIZZI TA' INĠENERIJA RELATATI (CPC 511, CPC 512, CPC 513, CPC 514, CPC 515, CPC 516, CPC 517 u CPC 518)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 Xejn.

¹ Dawn is-servizzi ma jinkludux informazzjoni onlajn u / jew ipproċessar tad-data (inkluż l-ipproċessar tat-tranżazzjonijiet) (parti minn CPC 843) li jinsabu taħt 1.B. Kompjuter u servizzi relatati.

² Servizzi ta' xandir tirreferi għall-katina mhux interrotta ta' trażmissjoni bil-fili jew mingħajr fili, irrispettivament mill-lokalità fejn toriġina trasmissjoni, meħtieġa għar-riċezzjoni jew il-wiri tas-smiġh jew viżivi ta' sinjali ta' programmi mill-pubbliku kollu jew minn parti tal-pubbliku, iżda ma jkoprix kollegamenti ta' kontribuzzjoni bejn l-operaturi.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
4. SERVIZZI TA' DISTRIBUZZJONI (eskluża distribuzzjoni ta' armi tan-nar, munizzjon, splussivi u materjal ieħor tal-gwerra) A. Servizzi ta' aġenti kummissjonanti (a) Is-servizzi tal-aġenti Kummissjonati ta' vetturi bil-mutur, muturi u snowmobiles u partijiet u aċċessorji tagħhom (parti minn CPC 61111, parti minn CPC 6113 u parti minn CPC 6121) (b) Servizzi oħra tal-aġenti tal-Kummissjoni (CPC 621) B. Servizzi ta' negozju bl-ingrossa (a) Is-Servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa ta' vetturi bil-mutur, muturi u snowmobiles u partijiet u aċċessorji tagħhom (parti minn CPC 61111, parti minn CPC 6113 u parti minn CPC 6121)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 FI-UE except in AT, FI, SI: Bla restrizzjonijiet għad-distribuzzjoni ta' prodotti kimiċi, u għal metalli (u ħaġar) prezzjużi. FI-AT: Bla restrizzjonijiet għad-distribuzzjoni ta' prodotti pirotekniċi, ta' oġġetti li jaqbd u splussivi u sustanzi tossiċi. FI-AT, BG: Mingħajr restrizzjonijiet għad-distribuzzjoni ta' prodotti għal użu mediku bħal apparat mediku u kirurġiku, sustanzi mediċi u oġġetti għal użu mediku Fil-HR: Bla restrizzjonijiet għal prodotti tat-tabakk. Fil-LT: Id-distribuzzjoni ta' pirotekniċi hija suġġetta għal liċenzja. Biss il-persuni ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni jistgħu jiksbu liċenzja. FI-SE: Mingħar restrizzjonijiet għal prodotti bijoċidi. Għall-Modalità 1 FI-AT, BG, FR, PL, RO: Mingħajr restrizzjonijiet għat-tabakk u prodotti tat-tabakk. FI-AT, BG, CZ, FI, RO, SI, SK: Mingħajr restrizzjonijiet għad-distribuzzjoni tal-farmaċewtiċi Fil-BE, BG, CY, DE, DK, EL, ES, FR, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, SK, UK: Għal servizzi ta' bejgħ bl-imnut, mingħajr restrizzjonijiet ħlief għall-ordnijiet bil-posta. Fil-BG, HU, PL: Mhux marbuta għas-servizzi tas-sensara ta' prodotti bażiċi. Fil-BG, FI, PL, RO: Mingħajr restrizzjonijiet għad-distribuzzjoni ta' xorb alkoħoliku. F'CY: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza għal bejgħ bl-ingrossa ta' prodotti farmaċewtiċi.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(b) Servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa ta' tagħmir terminali tat-telekomunikazzjoni (CPC 7542)	Fi FR: Għal servizzi ta' aġenti tal-kummissjoni, bla restrizzjonijiet għal negozjanti u sensara li jaħdmu fi 17-il suq ta' interess nazzjonali tal-prodotti tal-ikel frisk. Mingħajr restrizzjonijiet għall-bejgħ bl-ingrossa tal-farmaċewtiċi.
(c) Servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa oħrajn (CPC 622 għajr servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa ta' prodotti tal-enerġija ¹)	Fl-IT: Għal servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa, monopolju tal-istat fuq it-tabakk.
C. Servizzi ta' bejgħ bl-imnut ²	F'MT: Mhux marbuta għal servizzi ta' aġenti tal-kummissjoni.
Servizzi ta' kummerċ bl-imnut ta' vetturi bil-mutur, muturi u snowmobiles u partijiet u aċċessorji tagħhom (CPC 61112, parti minn CPC 6113 u parti minn CPC 6121)	Fl-SE: Bla restrizzjoni għall-bejgħ bl-imnut ta' xorb alkoħoliku.
Servizzi ta' kummerċ bl-imnut ta' tagħmir terminali tat-telekomunikazzjoni (parti minn CPC 7542)	
Servizzi relatati mal-bejgħ bl-imnut tal-ikel (CPC 631)	

¹ Dawn is-servizzi, li jinkludu CPC 62271, jinsabu fis-SERVIZZI tal-ENERĠIJA taħt 14.D.

² Ma jinkludux servizzi ta' manutenzjoni u tiswija, li jinsabu f'SERVIZZI TAN-NEGOZJU taħt 1.B. u 1.F.(I).
Ma jinkludux servizzi bl-imnut tal-prodotti tal-enerġija li jinsabu fis-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA f'14.E. u 14.F.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' oġġetti oħra (mhux tal-enerġija), minbarra l-bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi u ortopediċi ¹ (CPC 632 minbarra CPC 63211 u 63297)	
D. Konċessjoni (CPC 8929)	
5. SERVIZI EDUKATTIVI (servizzi ffinanzjati mill-privat biss)	
A. Servizzi ta' edukazzjoni primarja (CPC 921)	Għall-Modalità 1 Fil-BG, CY, FI, FR, HR, IT, MT, RO, SE, SI: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 F'CY, FI, HR, MT, RO, SE, SI: Bla restrizzjonijiet.
B. Servizzi ta' edukazzjoni sekondarja (CPC 922)	Għall-Modalità 1 Fil-BG, CY, FI, FR, HR, IT, MT, RO, SE: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 F'CY, FI, MT, RO, SE: Bla restrizzjonijiet.

¹ Bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi u ortopediċi jinstabu taħt SERVIZI PROFESSIONALI f' 1.A).(k).

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Għall-Modalitajiet 1 u 2 Fil-LV: Mhux marbuta għal servizzi edukattivi relatati ma' servizzi ta' edukazzjoni teknika u vokazzjonali fi skejjel sekondarji għal studenti b' diżabbiltà (CPC 9224).
C. Servizzi ta' edukazzjoni ogħla (CPC 923)	Għall-Modalità 1 FI-AT, BG, CY, FI, MT, RO, SE: Bla restrizzjonijiet. Fi FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità tapplika. Madankollu, iċ-ċittadini tal-Vjetnam jista' jkollhom awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti sabiex iwaqqfu u jmexxu istituzzjoni edukattiva, u biex jgħallmu. FI-IT: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza tapplika għal fornituri tas-servizzi li jkollhom jiġu awtorizzati biex joħroġu diplomi rikonoxxuti mill-Istat Għall-Modalità 2 FI-AT, BG, CY, FI, MT, RO, SE: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalitajiet 1 u 2 Fir-CZ, SK: Mhux marbuta għal servizzi tal-edukazzjoni ogħla, minbarra servizzi tal-edukazzjoni post-sekondarji tekniċi u vokazzjonali (CPC 92310).
D. Servizzi ta' edukazzjoni tal-adulti (CPC 924)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 F'CY, FI, MT, RO, SE: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 1 FI-AT: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' edukazzjoni għall-adulti permezz tax-xandir bir-radju jew bit-televiżjoni.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
E. Servizzi ta' edukazzjoni primarja (CPC 929)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 FI-AT, BE, BG, CY, DE, DK, EE, EL, ES, FI, FR, HU, IE, IT, LT, LU, LV, MT, NL, PL, PT, RO, SE, SI, UK: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 1: Fil-HR: L-ebda għal edukazzjoni permezz ta' korrispondenza jew l-edukazzjoni permezz tat-telekomunikazzjoni.
6. SERVIZI AMBJENTALI	Għall-Modalità 1
A. Servizzi ta' ilma tad-drenaġġ (CPC 9401) ¹	FI-UE: Bla restrizzjonijiet, minbarra servizzi ta' konsulenza. Għall-Modalità 2 Xejn.
B. Ġestjoni tal-iskart solidu / perikoluż, minbarra t-trasport transfruntier ta' skart perikoluż	
(a) Servizzi ta' rimi tal-iskart (CPC 9402)	
(b) Sanità u servizzi simili (CPC 9403)	
C. Il-ħarsien tal-arja u l-klima ambjentali (CPC 9404) ²	

¹ Tikkorrispondi għal servizzi tad-drenaġġ.

² Tikkorrispondi għas-servizzi ta' tindif ta' gassijiet tal-egżost.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
D. Ir-Rimedjar u t-tindif ta' ħamrija u ilma (a) Trattament, rimedjazzjoni ta' ħamrija u ilma kkontaminati / mniġġsa (parti minn CPC 94060)¹ E. Tnaqqis tal-ħsejjes u l-vibrazzjoni (CPC 9405) F. Ħarsien tal-bijodiversità u l-pajsaġġ (a) Servizzi tal-ħarsien tan-natura u l-pajsaġġ (parti minn CPC 9406) G. Servizzi ambjentali u anċillari oħra (CPC 94090)	

¹ Tikkorrisponi għal partijiet tas-servizzi ta' protezzjoni tan-natura u l-pajsaġġ.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
7. SERVIZI FINANZJARJI	
A. Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni	Għall-Modalitajiet 1 u 2 FI-AT BE, CZ, DE, DK, EL, ES, FI, FR, HU, IE, IT, LU, NL, PL, PT, RO, SE, SI, SK, UK: Bla restrizzjonijiet għal servizzi ta' assigurazzjoni diretta għajr għal assigurazzjoni tar-riskji relatati ma': (a) Traffiku marittimu, avjazzjoni kummerċjali u t-tluġh fl-ispazju ta' merkanzija (inklużi s-satelliti), b'livell ta' assigurazzjoni li jkopri xi waħda minn dawn li ġejjin, jew kollha kemm huma: l-oġġetti li jkunu qed jiġu trasportati, il-vettura li għorri l-oġġetti, u kwalunkwe responsabbiltà li tkun gejjja minn dawn; u (b) oġġetti fi tranżitu internazzjonali. FI-AT: L-attività promozzjonali u l-intermedjazzjoni f'isem kumpanija sussidjarja mhux imwaqqfa fl-Unjoni jew f'isem fergħa mhux imwaqqfa fl-Awstrija (ħlief għal riassigurazzjoni u għar-retroċessjoni) huma pprojbiti. L-assigurazzjoni obbligatorja tat-trasport bl-ajru, ħlief għall-assigurazzjoni tat-trasport internazzjonali kummerċjali bl-ajru, tista' tiġi sottoskrita biss minn sussidjarju mwaqqaf fl-Unjoni jew permezz ta' fergħa mwaqqfa fl-Awstrija. Trid titħallas taxxa ogħla fuq il-primjum għall-kuntratti (ħlief għall-kuntratti ta' riassikurazzjoni u ta' retroċessjoni) sottoskritti minn kumpanija sussidjarja li mhix stabbilita fl-Unjoni jew minn fergħa li mhix stabbilita fl-Awstrija. Tista' ssir eċċezzjoni fuq it-taxxa ogħla fuq il-primjum. Fid-DK: L-assigurazzjoni obbligatorja għat-trasport bl-ajru tista' tkun sottoskritta biss minn ditti mwaqqfa fl-Unjoni. Ebda persuna jew kumpanija (inklużi kumpaniji tal-assigurazzjoni) ma tista', għal skopijiet ta' negozju fid-Danimarka, tassisti fl-għoti ta' assigurazzjoni diretta għal persuni residenti fid-Danimarka, għal bastimenti Daniżi jew għal proprjetà fid-Danimarka, barra minn kumpaniji tal-assigurazzjoni liċenzjati mil-liġi Daniża jew mill-awtoritajiet Daniżi kompetenti.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Fil-DE: Il-poloż tal-assigurazzjoni obbligatorja għat-trasport bl-ajru jistgħu jkunu sottoskritti biss minn kumpanija sussidjarja mwaqqfa fl-Unjoni jew minn fergħa mwaqqfa fil-Ġermanja. Jekk kumpanija barranija tal-assigurazzjoni tkun waqqfet fergħa fil-Ġermanja, tista' tikkonkludi kuntratti ta' assicurazzjoni fil-Ġermanja relatata ma' trasport internazzjonali biss permezz tal-fergħa tagħha stabbilita fil-Ġermanja. Fi FR: L-assikurazzjoni tar-riskji marbuta mat-trasport fuq l-art tista' ssir biss minn ditti tal-assikurazzjoni stabbiliti fl-Unjoni. Fil-PL: Bla restrizzjonijiet għar-riassigurazzjoni, ir-retroċessjoni u assicurazzjoni, ħlief għal riassigurazzjoni, retroċessjoni u assicurazzjoni ta' riskji relatati mal-kummerċ internazzjonali. Fil-PT: Assikurazzjoni ta' trasport bl-ajru u l-baħar li tkopri merkanzija, inġenji tal-ajru, korp ta' bastiment u responsabilità tista' tiġi sottoskritta biss minn kumpaniji mwaqqfa fl-Unjoni. Huma biss persuni u kumpaniji li huma stabbiliti fl-UE li jistgħu jaġixxu bħala intermedjarji għal tali negozju ta' assikurazzjoni fil-Portugall. Fir-RO: Riassikurazzjoni fis-suq internazzjonali hija permessa biss jekk ir-riskju riassikurat ma jistax jitpoġġa fis-suq domestiku. Għall-Modalità 1 FI-AT, BE, CZ, DE, DK, EL, ES, FI, FR, HU, IE, IT, LU, NL, PT, RO, SE, SI, SK, UK: Bla restrizzjonijiet għal servizzi tal-intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni diretta għajr għal assicurazzjoni ta' riskji relatati ma': (a) traffiku marittimu, avjazzjoni kummerċjali u t-tluġh fl-ispazju ta' merkanzija (inklużi s-satelliti), b'livell ta' assicurazzjoni li jkopri xi waħda minn dawn li ġejjin, jew kollha kemm huma: l-oġġetti li jkunu qed jiġu trasportati, il-vettura li għorr l-oġġetti, u kwalunkwe responsabbiltà li tkun gejjja minn dawn; u (b) oġġetti fi tranżitu internazzjonali.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Fil-BG: Bla restrizzjonijiet għall-assikurazzjoni diretta, ħlief għal servizzi pprovduti minn fornituri barranin lil persuni barranin fit-territorju tal-Bulgarija. Assigurazzjoni tat-trasport li tkopri l-oġġetti, assicurazzjoni tal-vetturi bħala tali u assicurazzjoni kontra r-responsabbiltà rigward riskji li jseħħu fil-Bulgarija ma jistgħux jiġu sottoskritti direttament minn kumpaniji tal-assigurazzjoni barranin. Kumpanija tal-assikurazzjoni barranija tista' tikkonkludi kuntratti ta' assikurazzjoni biss permezz ta' fergħa fl-Unjoni. Bla restrizzjonijiet għall-assigurazzjoni ta' depożitu u skemi simili ta' kumpens, kif ukoll skemi ta' assicurazzjoni obbligatorja. F'CY, LV, MT: Bla restrizzjonijiet għal servizzi ta' assicurazzjoni diretta għajr għal assicurazzjoni tar-riskji relatati ma': (a) traffiku marittimu, avjazzjoni kummerċjali u t-tluġh fl-ispazju ta' merkanzija (inklużi s-satelliti), b'livell ta' assicurazzjoni li jkopri xi waħda minn dawn li ġejjin, jew kollha kemm huma: l-oġġetti li jkunu qed jiġu trasportati, il-vettura li ġgħorr l-oġġetti, u kwalunkwe responsabbiltà li tkun gejjja minn dawn; u (b) oġġetti fi tranżitu internazzjonali. Fil-LT: Bla restrizzjonijiet għal servizzi ta' assicurazzjoni diretta għajr għal assicurazzjoni tar-riskji relatati ma': (a) traffiku marittimu, avjazzjoni kummerċjali u t-tluġh fl-ispazju ta' merkanzija (inklużi s-satelliti), b'livell ta' assicurazzjoni li jkopri xi waħda minn dawn li ġejjin, jew kollha kemm huma: l-oġġetti li jkunu qed jiġu trasportati, il-vettura li ġgħorr l-oġġetti, u kwalunkwe responsabbiltà li tkun gejjja minn dawn; u (b) prodotti fi tranżitu internazzjonali, ħlief dawk relatati mat-trasport bit-triq fejn ir-riskju jinsab fil-Litwanja Fil-LT, LV, PL, BU: Bla restrizzjonijiet għall-intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni. Fil-FI: Biss assikuraturi li għandhom l-uffiċċju ewlieni tagħhom fl-Unjoni jew fergħa fil-Finlandja jistgħu joffru servizzi ta' assikurazzjoni diretta) inkluża ko-assikurazzjoni. Il-provvista ta' servizzi ta' servizzi ta' sensara tal-assikurazzjoni hija suġġetta għal post permanenti tan-negozju fl-Unjoni.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Fil-HR: Bla restrizzjonijiet għal servizzi diretti ta' intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni ħlief (a) assigurazzjoni fuq il-ħajja: għall-provvista ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja għal persuni barranin residenti fil-Kroazja; (b) assigurazzjoni mhux tal-ħajja: għall-provvista ta' assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja għal persuni barranin residenti fil-Kroazja ħlief responsabbiltà tal-karozzi; u (c) marittima, tal-avjazzjoni u t-trasport. FI-HU: Il-provvista ta' assikurazzjoni diretta fit-territorju tal-Ungerija minn kumpaniji tal-assikurazzjoni mhux stabbiliti fl-Unjoni hija permessa biss permezz ta' uffiċċju fergħa rreġistrat fl-Ungerija. FI-IT: Bla restrizzjonijiet għall-professjoni attwarjali. L-assigurazzjoni għat-trasport tal-merkanzija, l-assigurazzjoni tal-vetturi bħala tali u l-obbligazzjoni tal-assigurazzjoni fir-rigward tar-riskji fl-Italja jistgħu jkunu sottoskritti biss minn kumpaniji tal-assigurazzjoni mwaqqfa fl-Unjoni. Din ir-riżerva ma tapplikax għal trasport internazzjonali li jinvolti importazzjonijiet lejn l-Italja. FI-SE: Il-forniment ta' assigurazzjoni diretta huwa permess biss permezz ta' fornitur ta' servizz tal-assigurazzjoni awtorizzat fl-Iżvezja, bil-kundizzjoni li l-fornitur barrani tas-servizz u l-kumpanija tal-assigurazzjoni Żvediża jkunu proprjetà tal-istess grupp ta' kumpaniji jew ikollhom ftehim ta' kooperazzjoni bejniethom. Fi ES: Għal servizzi attwarjali, rekwiżit ta' residenza u tliet snin ta' esperjenza rilevanti. Għall-Modalità 2 FI-AT, BE, BG, CZ, CY, DE, DK, EL, ES, FI, FR, HU, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SE, SI, SK, UK: Bla restrizzjonijiet għall-intermedjazzjoni.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Fil-BG: Għall-assigurazzjoni diretta, persuni Bulgari fiżiċi u ġuridiċi, kif ukoll persuni barranin li jwettqu attività ta' negozju fit-territorju tal-Bulgarija, jistgħu jikkonkludu kuntratti ta' assicurazzjoni ma' fornituri fir-rigward tal-attività tagħhom fil-Bulgarija biss, li huma liċenzjati li jwettqu attività ta' assicurazzjoni fil-Bulgarija. Kumpens tal-assigurazzjoni li jirriżulta minn dawn il-kuntratti għandu jitħallas fil-Bulgarija. Bla restrizzjonijiet għall-assigurazzjoni ta' depożitu u skemi simili ta' kumpens, kif ukoll skemi ta' assicurazzjoni obbligatorja. Fil-HR: Bla restrizzjonijiet għal servizzi diretti ta' intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni ħlief (a) assicurazzjoni fuq il-ħajja: biex persuni barranin li joqogħdu l-Kroazja jkunu jistgħu jakkwistaw assicurazzjoni tal-ħajja; (b) assicurazzjoni mhux tal-ħajja: (i) għall-abbiltà ta' persuni barranin li jgħixu fil-Kroazja sabiex tinkiseb assicurazzjoni mhux tal-ħajja tal-karozzi minbarra responsabbiltà; (ii) - assicurazzjoni ta' riskju personali jew tal-proprjetà li ma tkunx disponibbli fil-Kroazja; - kumpaniji li jixtru assicurazzjoni 'l barra b'rabta ma' xogħlijiet ta' investment inkuż it-tagħmir għal dawk ix-xogħlijiet - biex jiżguraw ir-ritorn tas-selfiet barranin (kollateral tal-assigurazzjoni); - assicurazzjoni personali u tal-proprjetà ta' impriżi bi sjieda sħiħa jew konġunta li jwettqu attività ekonomika f'pajjiż barrani, jekk dan ikun skont ir-regolamenti ta' dak il-pajjiż jew tkun meħtieġa mir-reġim ta' reġistrazzjoni tiegħu, - vapuri taħt kostruzzjoni u rinnovazzjoni jekk ikun stipulat mill-kuntratt konkluż mal-klijent barrani (ix-xerrej); u (c) marittima, tal-avjazzjoni u t-trasport. Fl-IT: L-assigurazzjoni għat-trasport tal-merkanzija, l-assigurazzjoni tal-vetturi bħala tali u l-obbligazzjoni tal-assigurazzjoni fir-rigward tar-riskji fl-Italja jistgħu jkunu sottoskritti biss minn kumpaniji tal-assigurazzjoni mwaqqfa fl-Unjoni. Din ir-riżerva ma tapplikax għal trasport internazzjonali li jinvolvi importazzjonijiet lejn l-Italja.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
B. Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni)	Għall-Modalità 1 FI-AT, BE, BG, CZ, DE, DK, EL, ES, FI, FR, HU, IE, IT, LU, NL, PL, PT, SE, SK, UK: Mingħajr restrizzjonijiet ħlief għall-forniment ta' informazzjoni finanzjarja u pproċessar ta' <i>data</i> finanzjarja u għal servizzi ta' konsulenza u servizzi awżiljarji oħra minbarra l-intermedjazzjoni. FI-AT, BE: L-istabbiliment hu meħtieġ għall-għoti ta' servizzi ta' konsulenti dwar l-investimenti. Fil-BG: Limitazzjonijiet u kundizzjonijiet relatati mal-użu tan-netwerk tat-telekomunikazzjonijiet jistgħu japplikaw. F'CY: Bla restrizzjonijiet ħlief għan-negozjar ta' titoli ta' sigurtà trasferibbli, għall-forniment ta' informazzjoni finanzjarja u pproċessar ta' <i>data</i> finanzjarja u għal servizzi ta' konsulenza u servizzi awżiljarji oħra minbarra l-intermedjazzjoni. FI-EE: Għal aċċettazzjoni ta' depożiti, hemm bżonn ta' awtorizzazzjoni mill-Awtorità ta' Sorveljanza Finanzjarja Estonjana u reġistrazzjoni taħt il-liġi Estonjana bħala kumpanija b'ishma konġunti, kumpanija sussidjarja jew ferġha. FI-EE: L-istabbiliment ta' kumpanija tal-maniġment speċjalizzata hija meħtieġa biex jitwettqu attivitajiet ta' maniġment ta' fondi ta' investiment, u huma biss daww il-kumpaniji li għandhom l-uffiċċju tagħhom irreġistrat fl-Unjoni li jistgħu jaġixxu bħala depożitorji tal-assi ta' fondi għall-investiment. Fil-HR: Mingħajr restrizzjonijiet ħlief għal servizzi ta' self, lokazzjoni finanzjarja, ħlas u servizzi ta' trażmissjoni ta' flus, garanziji u impenji, sensar tal-flus, forniment u trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja u servizzi konsultattivi u servizzi finanzjarji awżiljarji oħra, ħlief għal intermedjazzjoni. FI-IE: Il-forniment ta' servizzi ta' investiment jew konsulenza ta' investiment jirrikjedi jew (a) awtorizzazzjoni fl-Irlanda, li normalment tirrikjedi li l-entità tkun inkorporata jew inkella tkun soċjetà kummerċjali jew rappreżentant esklussiv, f'kull każ b'uffiċċju ewlieni / irreġistrat fl-Irlanda (awtorizzazzjoni tista' ma tintalabx f'ċerti każijiet, pereż fejn fornitur ta' servizz tal-Vjetnam ma għandu l-ebda preżenza kummerċjali fl-Irlanda u s-servizz mhuwiex fornut lil individwi privati), jew (b) awtorizzazzjoni fi Stat Membru ieħor skont id-Direttiva tal-Unjoni dwar investiment u servizzi.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	FI-IT: Bla restrizzjonijiet għal "<i>promotori di servizi finanziari</i>" (bejjiegħa finanzjarji). Fil-LT: L-istabbiliment ta' kumpanija ta' ġestjoni speċjalizzata hija meħtieġa biex twettaq l-attivitajiet ta' ġestjoni ta' fiduċjarja ta' unità u kumpaniji ta' investiment, u biss kumpaniji li għandhom l-uffiċċju tagħhom irreġistrat fl-Unjoni jistgħu jkunu depożitarji tal-assi tal-fondi tal-investiment. Fil-LT: Il-preżenza kummerċjali hi meħtieġa għall-ġestjoni tal-fondi tal-pensjonijiet Fil-LV: Mhux marbuta għajr għall-parteċipazzjoni fil-ħruġ tat-tipi kollha ta' titoli, għall-provviżjoni ta' informazzjoni finanzjarja u l-ipproċessar ta' <i>data</i> finanzjarja u għal servizzi ta' konsulenza u servizzi awżiljarji oħra għajr l-intermedjazzjoni. F'MT: Bla restrizzjonijiet ħlief għall-aċċettazzjoni tad-depożiti, għas-self ta' kull tip, għall-forniment ta' informazzjoni finanzjarja u u pproċessar ta' <i>data</i> finanzjarja u għal servizzi ta' konsulenza u servizzi awżiljarji oħra minbarra l-intermedjazzjoni. Fil-PL: Għall-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u għall-ipproċessar ta' <i>data</i> finanzjarja u softwer relatat, ir-rekwiżit għall-użu tan-netwerk pubbliku tat-telekomunikazzjonijiet, jew in-netwerk ta' operatur awtorizzat ieħor. Fir-RO: Mhux marbuta għall-kiri finanzjarju, negozjar tal-istrumenti tas-suq tal-flus, għall-munita barranija, prodotti derivattivi, rati tal-kambju u strumenti tar-rati tal-interess, titoli trasferibbli u strumenti negozjabbli oħra u assi finanzjarji, għall-parteċipazzjoni fil-ħruġ tat-tipi kollha ta' titoli, għall-ġestjoni tal-assi u s-servizzi ta' kumpens u likwidazzjoni għall-assi finanzjarji. Servizzi ta' pagamenti u trażmissjoni tal-flus huma permessi biss minn bank stabbilit fir-Rumanija.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Fis-SI: (a) Il-parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' titoli tat-Teżor, ġestjoni tal-fondi tal-pensjonijiet: Bla restrizzjonijiet. (b) Is-sottosetturi l-oħra kollha, ħlief il-parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' bonds tat-Teżor, ġestjoni tal-fondi tal-pensjonijiet, l-ġhoti u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja u servizzi konsultattivi u servizzi finanzjarji oħra: Mhux marbuta mbarra l-aċċettazzjoni tal-krediti (tislif ta' kull xorta) u l-aċċettazzjoni ta' garanziji u obbligi minn istituzzjonijiet ta' kreditu barrani minn entitajiet legali domestiċi u proprjetarji esklużivi. Persuni barranin jistgħu joffru titoli barranin biss permezz ta' banek domestiċi u kumpaniji ta' senserija. Il-membri tal-Borża Slovena għandhom ikunu inkorporati fis-Slovenja jew ikunu ferġat ta' kumpaniji jew banek barranin tal-investment. Għall-Modalità 2 Fil-BG: Limitazzjonijiet u kundizzjonijiet relatati mal-użu tan-netwerk tat-telekomunikazzjonijiet jistgħu japplikaw. Fil-PL: Għall-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u għall-ipproċessar ta' <i>data</i> finanzjarja u softwer relatat, ir-rekwiżit għall-użu tan-netwerk pubbliku tat-telekomunikazzjonijiet, jew in-netwerk ta' operatur awtorizzat ieħor.
8. SERVIZI TAS-SAĦĦA U SERVIZZI SOĊJALI (biss servizzi ffinanzjati mill-privat)	
A. Servizzi tal-isptar (CPC 9311) C. Servizzi ta' faċilitajiet residenzjali tas-saħħa għajr servizzi fl-isptar (CPC 93193)	Għall-Modalità 1 FI-AT, BE, BG, DE, CY, CZ, DK, EE, EL, ES, FI, FR, HR, IE, IT, LT, LU, LV, MT, NL, PL, PT, RO, SE, SI, SK, UK: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Xejn.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
D. Servizzi soċjali (CPC 933)	Għall-Modalità 1 FI-AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FI, FR, HR, HU, IE, IT, LU, MT, PL, PT, RO, SE, SI, SK, UK: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Fil-BE: Mingħajr restrizzjonijiet ħlief għal djar ta' konvalexzenza u mistrieħ kif ukoll djar tal-anzjani. Fir-CZ: Bla restrizzjonijiet.
9. SERVIZZI TAT-TURIŻMU U SERVIZZI RELATATI MAL-IVJAĠĠAR	
A. Lukandi, ristoranti u catering (CPC 641, CPC 642 u CPC 643) (minbarra catering fis-servizzi tat-trasport tal-ajru)	Għall-Modalità 1 FI-AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EL, ES, FR, IE, IT, LT, LU, LV, MT, NL, PL, PT, RO, SE, SI, SK, UK: Bla restrizzjonijiet għajr għall-ctering. Fil-HR: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Xejn.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
B. Aġenziji tal-ivvjaġġar u servizzi ta' operaturi tat-tours (inklużi l-maniġers tat-tours) (CPC 7471)	Għall-Modalità 1 Fil-BG, HU: Bla restrizzjonijiet. F'CY: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Fornituri barranin ta' servizzi jridu jkunu rappreżentati minn Uffiċċju tal-Ivvjaġġar residenti. Għall-Modalità 2 Xejn.
C. Servizzi ta' gwidi turistiċi (CPC 7472)	Għall-Modalità 1 Fil-BG, CY, CZ, HU, IT, LT, MT, PL, SI, SK: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Xejn.
10. SERVIZZI RIKREATTIVI, KULTURALI U SPORTIVI (minbarra servizzi awdjoviżivi)	
A. Servizzi tad-divertiment (inklużi servizzi ta' teatru, baned lajv, ċirkli u diskoteki) (CPC 9619)	Għall-Modalità 1 Fil-BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FI, FR, HR, HU, IE, IT, LT, LU, LV, MT, NL, PL, PT, RO, SI, SK, UK: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 F'CY, CZ, FI, HR, MT, PL, RO, SI, SK: Bla restrizzjonijiet.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Fil-BG: Bla restrizzjonijiet, għajr għal servizzi ta' divertiment ta' produttori teatrali, gruppi tal-kant, baned u orkestri (CPC 96191); servizzi pprovduti minn awturi, kompożituri, skulturi, u artisti individwali oħra (CPC 96192); u servizzi teatrali anċillari (CPC 96193). Fl-EE: Bla restrizzjonijiet għal servizzi oħrajn ta' divertiment (CPC 96199) minbarra għal servizzi ta' swali taċ-ċinema. Fil-LT, LV: Mhux marbuta, għajr għal servizzi ta' operat ta' teatru ċinematografiku (parti minn CPC 96199).
B. Servizzi ta' aġenzija tal-aħbarijiet u tal-istampa (CPC 962)	Għall-Modalità 1 Fil-BG, CY, CZ, EE, HU, LT, MT, RO, PL, SI, SK: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Fil-BG, CY, CZ, HU, LT, MT, PL, RO, SI, SK: Bla restrizzjonijiet.
C. Il-libreriji, il-mużewijiet tal-arkivji, u servizzi kulturali oħrajn (CPC 963)	Għall-Modalità 1 Fil-BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FI, FR, HR, HU, IE, IT, LT, LU, LV, MT, NL, PL, PT, RO, SE, SI, SK, UK: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Fil-BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EL, ES, FI, FR, HR, HU, IE, IT, LT, LU, LV, MT, NL, PL, PT, RO, SE, SI, SK, UK: Bla restrizzjonijiet.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
D. Servizzi sportivi (CPC 9641)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 FI-AT: Bla restrizzjonijiet għal servizzi ta' skola tal-iski u ta' gwida tal-muntanji. FI-BG, CZ, HR, LV, MT, PL, RO, SK: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 1 F'CY, EE: Bla restrizzjonijiet.
E. Servizzi tal-parks rikreattivi u l-bajjiet (CPC 96491)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 Xejn.
11. SERVIZZI TA' TRASPORT	
A. It-trasport marittimu (a) Trasport tal-merkanzija (CPC 7211) ħlief it-trasport tal-kabotaġġ nazzjonali ¹).	Għall-Modalitajiet 1 u 2: Xejn.

¹ Mingħajr preġudizzju għall-ambitu tal-attivitajiet li jistgħu jkunu kkunsidrati bħala kabotaġġ skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, din l-iskeda ma tinkludix kabotaġġ għat-trasport nazzjonali, li huwa meqjus li jkopri t-trasport ta' passiġġieri jew oġġetti bejn port jew punt fi Stat Membri tal-Unjoni u port jew punt ieħor fl-Istess Stat Membru, inkluż fl-istess xkaffa kontinentali kif ipprovdut fil-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi Marittima, u traffiku li joriġina u jieqaf fl-istess port jew punt li jinsab fi Stat Membru tal-Unjoni.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(b) Trasport internazzjonali tal-merkanzija (CPC 7212) ħlief it-trasport tal-kabotaġġ nazzjonali ¹)	
B. It-trasport bil-ferrovija	Għall-Modalità 1
(a) Trasport tal-passiġġieri (CPC 7111)	FI-UE: Bla restrizzjonijiet.
(b) Trasport tal-merkanzija (CPC 7112)	Għall-Modalità 2: L-ebda waħda
C. It-trasport bit-triq	Għall-Modalità 1
(a) Trasport ta' passiġġieri (CPC 7121 u CPC 7122)	FI-UE: Bla restrizzjonijiet.
(b) Trasport tal-merkanzija (CPC 7123, eskluż il-ġarr ta' oġġetti postali u bil-kurier għal rashom ²)	Għall-Modalità 2 Xejn.

¹ Mingħajr preġudizzju għall-ambitu tal-attivitajiet li jistgħu jkunu kkunsidrati bħala kabotaġġ skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, din l-iskeda ma tinkludix kabotaġġ għat-trasport nazzjonali, li huwa meqjus li jkopri t-trasport ta' passiġġieri jew oġġetti bejn port jew punt fi Stat Membri tal-Unjoni u port jew punt ieħor fl-Istess Stat Membru, inkluż fl-istess xkaffa kontinentali kif ipprovdut fil-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi Marittima, u traffiku li joriġina u jieqaf fl-istess port jew punt li jinsab fi Stat Membru tal-Unjoni.

² Parti minn CPC 71235, li tinstab fis-SERVIZZI TA' KOMUNIKAZZJONI taħt 2.A. Servizzi Postali u ta' Kurrier.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
D. Trasport bil-pajpijiet ta' oġġetti minbarra l-fjuwil ¹ (CPC 7139)	Għall-Modalità 1: FI-UE: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2: FI-AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FI, FR, IE, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SE, SI, SK, UK: Bla restrizzjonijiet.
12. SERVIZZI AWŻILJARI GĦAT-TRASPORT ²	
A. Servizzi awżiljarji għat-trasport marittimu (a) Servizzi ta' mmaniġġar tal-merkanzija marittima (b) Servizzi ta' ħżin u magażinaġġ (parti minn CPC 742) (c) Servizzi ta' permessi tad-dwana (d) Servizzi ta' stazzjon tal-containers u ta' depot (e) Servizzi ta' aġenzija marittima	Għall-Modalità 1: FI-UE: Bla restrizzjonijiet* SE: Xejn ħlief għall imbuttar jew irmunkar b'ekwipaġġ fejn SE għandha limitazzjonijiet fuq kabotaġġ u bandiera. FI-AT, BG, CY, CZ, DE, EE, HU, LT, MT, PL, RO, SI, SK: Mhux marbuta għall-kiri ta' bastimenti bl-ekwipaġġ. FI-HR: Bla restrizzjonijiet għal servizzi tal-aġenziji għal trasport ta' merkanzija. Għall-Modalità 2: Xejn.

¹ It-trasport bil-pajpijiet tal-fjuwils jinsab taħt SERVIZZI TAL-ENERĠIJA f'14.B

² Ma jinkludux servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport, li jinsabu f'SERVIZZI TAN-NEGOZJU taħt 1.F.1) 1 sa 1.F.1) 4.

* Bla restrizzjonijiet minħabba nuqqas ta' flessibbiltà teknika.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(f) Servizzi marittimi ta' dispaċċ tal-merkanzija (g) Kiri ta' bastimenti bl-ekwipaġġ (CPC 7213) (h) Servizzi ta' mbuttjar u rmonkar (CPC 7214) (i) Servizzi ta' appoġġ għat-trasport marittimu (parti minn CPC 745) (j) Servizzi ta' sostenn u servizzi awżiljari oħra (parti minn CPC 749)	
B. Servizzi awżiljarji għat-trasport bil-ferrovija (a) Servizzi ta' maniġġ tal-merkanzija (parti minn CPC 741) (b) Servizzi ta' ħżin u magażinaġġ (parti minn CPC 742) (c) Servizzi ta' aġenzija tat-trasport tal-merkanzija (CPC 748)	Għall-Modalità 1 FI-UE: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' mbuttjar u rmunkar. Fir-CZ: Mingħajr restrizzjonijiet għal ferġat diretti (hija meħtieġa inkorporazzjoni). Fil-HR: Bla restrizzjonijiet għal servizzi tal-aġenziji għal trasport ta' merkanzija. Għall-Modalità 2 Xejn.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(d) Servizzi ta' mbuttar u rmonkar (CPC 7113) (e) Servizzi ta' appoġġ għas-servizzi tat-trasport ferrovjarju (CPC 743) (f) Servizzi ta' sostenn u servizzi awżiljari oħra (parti minn CPC 749)	
C. Servizzi awżiljarji għat-trasport bit-triq (a) Servizzi ta' maniġġ tal-merkanzija (parti minn CPC 741) (b) Servizzi ta' ħżin u magażinaġġ (parti minn CPC 742) (c) Servizzi ta' aġenzija tat-trasport tal-merkanzija (CPC 748) (d) Kiri ta' vetturi kummerċjali tat-triq b'operatur (CPC 7124) (e) Servizzi ta' appoġġ għas-servizzi tat-trasport bit-triq (CPC 744) (f) Servizzi ta' sostenn u servizzi awżiljari oħra (parti minn CPC 749)	Għall-Modalità 1 FI-AT, BG, CY, CZ, EE, HU, LT, LV, MT, PL, RO, SE, SI, SK: Bla restrizzjonijiet għall-kiri ta' vetturi tat-triq kummerċjali permezz ta' operatur. Fil-HR: Mingħajr restrizzjonijiet ħlief għal servizzi ta' aġenzija tat-trasport tal-merkanzija u servizzi ta' sostenn għal trasport bil-ferrovija li huma soġġetti għal permess. Fir-CZ: Mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti (hija meħtieġa inkorporazzjoni). Għall-Modalità 2 Xejn.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
D. Servizzi awżiljarji għat-trasport bl-ajru	
(a) Servizzi ta' ġestjoni fuq l-art (inkluż il-catering)	Għall-Modalità 1 FI-UE: Bla restrizzjonijiet għajr għall-ctering. Għall-Modalità 2 FI-BG, CY, CZ, HU, MT, PL, RO, SI, SK: Bla restrizzjonijiet.
(b) Servizzi ta' ħżin u magażinaġġ (parti minn CPC 742)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 L-ebda waħda
(c) Servizzi ta' aġenzija tat-trasport tal-merkanzija (CPC 748)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 Xejn.
(d) Kiri ta' ajruplani bl-ekwipaġġ (CPC 734)	Għall-Modalitajiet 1 u 2: UE: Inġenji tal-ajru li jintużaw minn trasportatur tal-ajru tal-Unjoni jridu jkunu rreġistrati fl-Istat Membru tal-Unjoni li qiegħed jagħti l-liċenzja lit-trasportatur tal-ajru jew, jekk l-Istat Membru li qiegħed jagħti l-liċenzja jippermetti dan, x'imkien ieħor fl-Unjoni. Biex ikun rreġistrat, jista' jkun stipulat li inġenju tal-ajru jkun s-sjeda ta' persuni fiżiċi li jissodisfaw kriterji speċifiċi taċ-ċittadinanza jew ta' persuni ġuridiċi li jissodisfaw kriterji speċifiċi marbuta mal-pussess ta' kapital u kontroll. Bħala eċċezzjoni, inġenju tal-ajru rreġistrat fil-Vjetnam jista' jinkera minn trasportatur bl-ajru Vjetnamiż lil trasportatur tal-ajru tal-Unjoni f'ċirkostanzi speċifiċi għall-ħtiġijiet straordinarji tat-trasportatur tal-ajru tal-Unjoni, għall-ħtiġi jiet tal-kapaċità staġonali, jew sabiex jiġu meġhluba diffikultajiet operazzjonali, li ma jkunux jistgħu jiġu ssodisfati b'mod raġonevoli permezz ta' lokazzjoni ta' inġenju tal-ajru rreġistrat fl-Unjoni Ewropa, u suġġett għall-ksib tal-approvazzjoni għal perjodu limitat mill-Istat Membru tal-Unjoni li jagħti l-liċenzja lit-trasportatur bl-ajru tal-Unjoni.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(e) Il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni (f) Sistemi kompjuterizzati ta' riżervazzjoni	Għall-Modalitajiet 1 u 2 UE: Meta trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni ma jingħatawx trattament ekwivalenti ¹ għal dak ipprovdut fl-Unjoni mill-fornituri tas-servizzi CRS fil-Vjetnam, jew fejn il-fornituri tas-servizzi CRS tal-Unjoni ma jingħatawx trattament ekwivalenti għal dak ipprovdut fl-Unjoni minn trasportaturi tal-ajru fil-Vjetnam, jistgħu jittieħdu miżuri sabiex jingħata trattament ekwivalenti, rispettivament, għat-trasportaturi tal-ajru tal-Vjetnam mill-fornituri tas-servizzi CRS fl-Unjoni, jew lill-fornituri tas-servizzi CRS tal-Vjetnam mit-trasportaturi tal-ajru fl-Unjoni.
E. Servizzi awżiljarji għat-trasport bil-pajpijiet ta' prodotti li mhumiex fjuwil ² (a) Servizzi ta' ħażna u mħażen ta' oġġetti minbarra fjuwil ittrasportat b'pipelines (parti minn CPC 742)	Għall-Modalità 1: FI-AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EL, ES, FI, FR, HR, IE, IT, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SE, SI, SK, UK: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Xejn.
13. SERVIZZI OĦRAJN TAT-TRASPORT	
Forniment ta' servizzi ta' trasport ikkombinat	L-Istati Membri kollha minbarra fl-AT, BG, CY, CZ, EE, HR, HU, LT, LV, MT, PL, RO, SE, SI, SK: L-ebda, mingħajr preġudizzju għal-limitazzjonijiet fil-Lista tal-Impenji li jaffettwaw kwalunkwe modalità ta' trasport partikolari. FI-AT, BG, CY, CZ, EE, HR, HU, LT, LV, MT, PL, RO, SE, SI, SK: Bla restrizzjonijiet.

¹ “Trattament ekwivalenti” timplika trattament mhux diskriminatorju mit-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni Ewropea u l-fornituri tas-servizzi CRS tal-Unjoni.

² Is-servizzi awżiljarji għat-trasport bil-pajpijiet tal-fjuwils jinsabu taħt SERVIZZI TAL-ENERĠIJA taħt 14.C.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
14. SERVIZZI TAL-ENERĠIJA	
A. Servizzi Inċidentali għall-Minjieri (CPC 883) ¹	Għall-Modalitajiet 1 u 2 Xejn.
B. Trasport ta' fjuwils bil-pajpijiet (CPC 7131)	Għall-Modalità 1: UE: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2: FI-AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, IE, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Bla restrizzjonijiet.

¹ Jinkludu dawn is-servizzi mogħtija fuq h̄las jew fuq il-bażi ta' kuntratt: servizzi ta' pariri u ta' konsulenza dwar it-tħaffir, dwar it-tħejjija tas-siti fuq l-art, dwar l-installazzjoni tal-impjanti tat-tħaffir fuq l-art, it-tħaffir, servizzi tal-golji tat-tħaffir, servizzi tal-kejsing u tat-tubi tat-tħaffir, inġinerija tat-tajn u provvista, il-kontroll tas-solidi, operazzjonijiet ta' sajd u operazzjonijiet ta' tħaffir direzzjonali speċjali, ġeoloġija tas-siti tal-bjar u kontroll tat-tħaffir, teħid ta' kampjuni (cores) mill-art, ittestjar tal-bjar, servizzi wajerlajn, forniment u tħaddim tal-fluwidi tat-tlestija (salmuri), forniment u stallazzjoni tat-tagħmir tat-tlestija, simentar (ippumpjar taħt pressjoni), servizzi ta' stimolazzjoni (tixqiq, aċidifikar u ppumpjar taħt pressjoni), servizzi ta' workover u ta' tiswija tal-bjar, issiġillar u abbandunar tal-bjar. Ma tinkludix l-aċċess dirett għal jew l-isfruttar ta' riżorsi naturali. Ma jinkludux xogħol ta' preparazzjoni tas-sit għal minjieri ta' riżorsi li mhux żejt jew gass (CPC 5115), li jinsab fi 3. KOSTRUZZJONI U SERVIZZI TA' INĠINERIJA RELATATI.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
C. Servizzi ta' ħażna u mħażen ta' oġġetti minbarra fjuwil ittrasportat bil-pajpijiet (parti minn CPC 742)	Għall-Modalità 1: FI-AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, FI, FR, EL, HR, IE, IT, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Xejn.
D. Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' karburanti solidi, likwidi u gassużi u prodotti relatati (CPC 62271) u servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' elettriku, fwar u ilma sħun	Għall-Modalità 1: FI-UE: Mhux marbuta servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa ta' elettriku, fwar u misħun. Għall-Modalità 2 Xejn.
E. Bejgħ bl-imnut ta' fjuwil tal-magni (CPC 613)	Għall-Modalità 1: FI-UE: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Xejn.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
F. Bejgħ bl-imnut ta' żejt tal-fjuwil, gass ibbottiljat, faħam u injam (CPC 63297) u servizzi tal-bejgħ bl-imnut ta' gass, fwar u ilma sħun (mhux ibbottiljat)	Għall-Modalità 1: FI-UE: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' elettriku, gass (mhux bottiljat), fwar u misħun. FI-BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EL, ES, FR, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, SK, UK: Għall-bejgħ bl-imnut ta' żejt fjuwil, gass fil-fliexken, faħam u injam, bla restrizzjonijiet ħlief għal ordnijiet bil-posta (xejn għal ordnijiet bil-posta). Għall-Modalità 2 Xejn.
G. Servizzi anċillari għad-distribuzzjoni tal-enerġija (CPC 887)	Għall-Modalità 1: FI-UE: Bla restrizzjonijiet ħlief għal servizzi ta' konsulenza (xejn għal servizzi ta' konsulenza). Għall-Modalità 2 Xejn.
15. SERVIZZI OĦRA MHUX INKLUŻI X'IMKIEN IEĦOR	
(a) Servizzi ta' ħasil, tindif u żebgħa tal-ħwejjegħ (CPC 9701)	Għall-Modalità 1: FI-UE: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Xejn.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(b) Servizzi ta' hairdressing (CPC 97021)	Għall-Modalità 1: FI-UE: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Xejn.
(c) Trattament kożmetiku, servizzi ta' manicure u pedicure (CPC 97022)	Għall-Modalità 1: FI-UE: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Xejn.
(d) Servizzi oħra ta' trattamenti tas- sbuħija n.e.c (CPC 97029)	Għall-Modalità 1: FI-UE: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Xejn.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(e) Is-Servizzi ta' spa u massaġġi mhux terapewtiċi, sa fejn jingħataw bħala servizzi ta' rilassament għall-benessri fiżiku u mhux għal skopijiet mediċi jew ta' riabilitazzjoni ¹ (CPC ver. 1.0 97230)	Għall-Modalità 1: FI-UE: Bla restrizzjonijiet. Għall-Modalità 2 Xejn.
(g) Servizzi ta' kollegament tat-telekomunikazzjonijiet (CPC 7543)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 Xejn.

¹ Massaġġi terapewtiċi u servizzi ta' kura termali jinsabu taħt 1.A.(h) Servizzi Mediċi u Dentali, 1.A.(j)2. Servizzi pprovduti minn Infirmiera, Fiżjoterapisti u Persunal Paramediku, u Servizzi tas-Saħħa (8.A u 8.C).

Impenji Speċifiċi dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Investimenti

1. Il-lista ta' impenji speċifikati f'dan l-Appendiċi tindika l-attivitajiet ekonomiċi liberalizzati skont l-Artikolu 8.7 (Skeda ta' Impenji Speċifiċi) u permezz ta' riżervi, limitazzjonijiet dwar aċċess għas-suq, trattament nazzjonali u rekwiżiti ta' prestazzjoni li japplikaw għall-intrapriżi u l-investituri tal-Vjetnam f'dawk l-attivitajiet. Din il-lista ta' impenji tikkonsisti mill-elementi li ġejjin:
 - (a) l-ewwel kolonna tindika s-settur jew is-sottosettur li fih l-impenn ikun meħud mill-Unjoni, u l-kamp ta' applikazzjoni ta' liberalizzazzjoni li għalih japplikaw ir-riżervi; u
 - (b) it-tieni kolonna li tiddeskrivi r-riżervi li japplikaw.
2. Għal aktar ċertezza u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3 tal-Artikolu 8.5 (Trattament Nazzjonali), riżervi u impenji skont l-Artikolu 8.4 (Aċċess għas-Suq), Artikolu 8.5 (Trattament Nazzjonali) u Artikolu 8.8 (Rekwiżiti ta' Prestazzjoni) inklużi f'dan l-Appendiċi għandhom ikompli japplikaw għall-intrapriżi u l-investituri tal-Vjetnam wara li jkunu ġew stabbiliti fit-territorju tal-Unjoni.

3. L-UE ma twettaq l-ebda impenn dwar l-aċċess għas-suq, trattament nazzjonali jew rekwiżiti ta' prestazzjoni f'setturi jew sottosetturi koperti minn dan il-Ftehim u mhux imsemmija fl-Iskedi speċifikati f'dan l-Appendiċi.
4. Il-lista li tinsab hawn taħt ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u mal-proċeduri tal-kwalifiki, standards tekniċi u rekwiżiti u proċeduri ta' liċenzji meta dawn ma jkunux jikkostitwixxu aċċess għas-suq jew limitazzjoni nazzjonali għat-trattament fit-tifsira tal-Artikoli 8.4 (Aċċess għas-Suq) u 8.5 (Trattament Nazzjonali). Dawk il-miżuri, bħall-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, obbligi ta' servizz ġenerali, il-ħtieġa li jinkiseb għarfien tal-kwalifiki f'setturi rregolati u l-ħtieġa li wieħed jgħaddi minn eżamijiet speċifiċi, inklużi eżamijiet tal-lingwa, u r-rekwiżit mhux diskriminatorju li ċerti attivitajiet jistgħu ma jsirux f'żoni ambjentali li huma protetti jew f'żoni ta' interess storiku u artistiku partikolari, anke jekk mhumiex elenkati f'dan l-Appendiċi, japplikaw f'kull każ għall-intrapriżi u għall-investituri tal-Vjetnam.
5. Skont il-paragrafu 6(a) tal-Artikolu 8.1 (Għan u Kamp ta' Applikazzjoni), il-lista ta' impenji speċifikata f'dan l-Appendiċi ma tinkludix miżuri dwar sussidji mogħtija minn Parti.

6. Minkejja l-Artikolu 8.4 (Aċċess għas-Suq), ħtiġijiet mhux diskriminatorji fir-rigward tat-tip tal-formola legali ta' intrapriża mhumieq meħtieġa jkunu speċifikati fil-lista ta' impenji dwar il-liberalizzazzjoni tal-investimenti ta' dan l-Appendiċi sabiex ikunu miżmuma jew adottati mill-Unjoni.
7. Id-drittijiet u l-obbligi li ġejjin mil-lista ta' hawn taħt ma għandu jkollhom l-ebda effett awtoeżekuttiv, u għalhekk ma jagħtu l-ebda dritt direttament lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi.
8. Meta l-Unjoni żżomm riżerva li teħtieġ li fornitur ta' servizz ikun ċittadin, nazzjonali, residenti permanenti jew residenti tat-territorju tiegħu bħala kundizzjoni għat-twettiq ta' attività ekonomika, inklużi servizzi, fit-territorju tiegħu, din ir-riżerva, kif speċifikat fil-lista ta' impenji fl-Appendiċi 8-A-3 skont it-Taqsima D (Il-Preżenza Temporanja ta' Persuni Naturali għal Skopijiet Kummerċjali) tal-Kapitolu 8 (Il-Liberalizzazzjoni tal-Investment, il-Kummerċ f'Servizzi u l-Kummerċ Elettroniku) għandha topera bħala riżerva fir-rigward tal-impenji liberalizzazzjoni ta' investimenti meħuda f'dan l-Appendiċi f'konformità mal-Artikolu 8.7 (Skeda ta' Impenji Speċifiċi), sal-punt applikabbli.
9. L-Unjoni tiegħu impenji ddifferenzjati mill-Istati Membri tagħha, fejn applikabbli.

10. Għal aktar ċertezza, għall-Unjoni Ewropea, l-obbligu li tikkonċedi trattament nazzjonali ma timplikax ir-rekwiżit li jiġi estiż għal ċittadini jew persuni ġuridiċi tal-Parti l-oħra minn dak mogħti fi Stat Membru lil ċittadini u persuni ġuridiċi ta' Stat Membru ieħor skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jew għal kwalunkwe miżura adottata skont dan it-Trattat, inkluża l-implimentazzjoni tagħhom fl-Istati Membri. Dan it-trattament nazzjonali jingħata biss lil persuni ġuridiċi tal-Vjetnam stabbiliti skont il-liġi ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negożju tagħhom f'dak l-Istat Membru, inklużi dawk il-persuni ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni li huma proprjetà jew huma kkontrollati minn ċittadini tal-Vjetnam.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
SETTURI KOLLHA	Proprietà immobbli L-Istati Membri kollha ħlief AT, BG, CY, CZ, DK, EE, EL, FI, HR, HU, IE, IT, LT, LV, MT, PL, RO, SI, SK: L-ebda waħda FI-AT: L-akkwist, ix-xiri kif ukoll il-kiri u l-lokazzjoni ta' proprietà immobbli minn persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin jeħtieġu l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet reġjonali kompetenti (<i>Länder</i>) li jikkunsidraw humiex se jkunu affettwati jew le interessi ekonomiċi, soċjali jew kulturali importanti. Fil-BG: Persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin (inkluż permezz ta' fergħa) ma jistgħux isiru proprjetarji ta' art. Il-persuni ġuridiċi Bulgari b'parteċipazzjoni barranija ma jistgħux jiksbu sjieda ta' art agrikola. Persuni ġuridiċi u ċittadini barranin b'permess ta' residenza permanenti barra l-pajjiż jistgħu jakkwistaw il-proprjetà ta' bini u drittijiet ta' proprjetà limitati fuq l-art¹, soġġett għal permess mill-Ministeru tal-Finanzi. Ir-rekwiżit ta' permess ma japplikax għal persuni li investew fil-Bulgarija. Ċittadini barranin li r-residenza permanenti tagħhom hija barra l-pajjiż, persuni ġuridiċi barranin u kumpaniji fejn il-parteċipazzjoni barranija tiżgura maġġoranza fl-adozzjoni jew iċ-ċaħda tad-deċiżjonijiet, jistgħu jakkwistaw id-drittijiet ta' proprjetà ta' art f'żoni ġeografiċi speċifiċi magħżula mill-Kunsill tal-Ministri, soġġetti għal permess. F'CY: Bla restrizzjonijiet. Fir-CZ: L-art agrikola u l-foresti jistgħu jiġu akkwistati minn persuni fiżiċi barranin u ġuridiċi biss meta jkollhom residenza permanenti fir-Repubblika Ċeka. Għall-art agrikola u forestali japplikaw regoli speċifiċi fis-sjieda tal-istat.

¹ Il-liġi Bulgara dwar il-proprjetà tirrikonoxxi d-drittijiet limitati ta' proprjetà li ġejjin: id-dritt għall-użu, id-dritt għall-bini, id-dritt li tittella' sovrastruttura u s-servitujiet għall-użu.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Fid-DK: Limitazzjonijiet japplikaw fuq xiri ta' proprjetà immobbli minn persuni fiżiċi u ġuridiċi mhux residenti. Limitazzjonijiet japplikaw ukoll fuq ix-xiri ta' art agrikola minn persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin. Fl-EE: Bla restrizzjonijiet għall-akkwist ta' art agrikola u foresti¹ Fil-EL: Skont il-Liġi Nru 1892/90, permess mill-Ministru tad-Difiża huwa meħtieġ għal ċittadin biex jakkwista proprjetà immobbli f'żoni qrib il-fruntieri. Skont il-prassi amministrattiva l-permess jingħata faċilment għal investment dirett. Fil-FI (il-Gżejjer Åland): Restrizzjonijiet japplikaw fuq id-dritt ta' persuni fiżiċi, li ma jgawdux miċ-ċittadinanza reġjonali ta' Åland, u ta' persuni ġuridiċi, li jakkwistaw beni immobbli fil-Gżejjer Åland mingħajr il-permess tal-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer. Japplikaw ukoll restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-istabbiliment u d-dritt li jiġu pprovduti servizzi minn persuni fiżiċi li ma jgawdux Ċittadinanza reġjonali f' Åland, jew minn kwalunkwe persuna ġuridika, mingħajr il-permess tal-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer Åland. Fil-HR: Bla restrizzjonijiet fir-rigward ta' akkwist ta' proprjetà immobbli minn fornituri ta' servizzi mhux stabbiliti u inkorporati fil-Kroazja. Huwa permess l-akkwist ta' proprjetà immobbli meħtieġa għall-provvista ta' servizzi minn kumpaniji stabbiliti u inkorporati fil-Kroazja bħala persuni ġuridiċi. L-akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli meħtieġa għall-provvista ta' servizzi minn ferġhat tirrikjedi l-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Ġustizzja. Art agrikola tista' tiġi akkwistata minn persuni ġuridiċi jew naturali barranin. Fl-HU: Restrizzjonijiet japplikaw fuq l-akkwiżizzjoni ta' art u l-proprjetà immobbli minn investituri barranin².

¹ Fir-rigward tas-setturi tas-servizzi, dawn il-limiti ma jmorru lil hinn mil-limiti riflessi fl-impenji eżistenti tal-GATS.

² Fir-rigward tas-setturi tas-servizzi, dawn il-limiti ma jmorru lil hinn mil-limiti riflessi fl-impenji eżistenti tal-GATS.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Fl-IE: Kunsens bil-miktub minn qabel tal-Kummissjoni tal-Art huwa meħtieġ għall-akkwist ta' kwalunkwe interess f'art Irlandiża minn kumpaniji domestiċi jew barranin jew minn ċittadini barranin. Meta tali art tkun għall-użu industrijali (iżda mhux l-industrija agrarja), dan ir-rekwiżit jiġi rinunzjat, soġġett għal ċertifikazzjoni għal dan l-iskop mill-Ministeru tal-Intrapriża, il-Kummerċ u l-Impjiegi. Din il-liġi ma tapplikax meta l-art taqa' fil-limiti tal-bliet u l-irħula. Fl-IT: Ix-xiri ta' proprjetà immobbli minn persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin huwa soġġett għal kundizzjoni ta' reċiproċità. Fil-LT: Bla restrizzjoni għall-akkwist ta' art¹. Fil-LV: Bla restrizzjonijiet fir-rigward ta' akkwist ta' art; Il-kiri ta' art għal perjodi ta' mhux aktar minn 99 sena huwa permess. F'MT: Ir-rekwiżiti tal-liġi u r-regolamenti Maltin dwar l-akkwist tal-proprjetà immobbli jkomplu japplikaw. Fil-PL: L-akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli, diretta jew indiretta, mill-barranin tirrikjedi permess. Xiri jew xort'oħra ta' akkwist minn barrani ta' ishma, kif ukoll kull att ieħor fil-liġi dwar ishma ta' kumpanija li s-sede tagħha tinsab fil-Polonja u li hija s-sid jew l-utent perpetwu ta' proprjetà li tinsab fit-territorju tal-Polonja teħtieġ permess. Il-permess jinħareġ b'deċiżjoni amministrattiva ta' ministru kompetenti fl-affarijiet interni, bil-kunsens tal-Ministru tad-Difiża Nazzjonali, u fil-każ ta' proprjetà immobbli agrikola, ukoll bil-kunsens tal-Ministru tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali. Fir-RO: Persuni fiżiċi li ma jkollhomx ċittadinanza Rumena u permess ta' residenza fir-Rumanija, kif ukoll il-persuni ġuridiċi li ma jkollhomx ċittadinanza Rumena u l-kwartieri ġenerali tagħhom fir-Rumanija, ma jistax ikollhom titolu fuq kwalunkwe tip ta' art, permezz ta' atti <i>inter vivos</i>.

¹ Fir-rigward tas-setturi tas-servizzi, dawn il-limiti ma jmorru lil hinn mil-limiti riflessi fl-impenji eżistenti tal-GATS.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Fis-SI: Persuni ġuridiċi, stabbiliti fis-Slovenja b'parteċipazzjoni ta' kapital barrani, jistgħu jiksbu proprjetà immobbli fit-territorju tas-Slovenja. Ferghat¹ stabbiliti fis-Slovenja minn persuni barranin jistgħu jakkwistaw biss proprjetà immobbli, ħliet art, li tkun meħtieġa għat-twettiq ta' attivitajiet ekonomiċi li għalihom dawn ikunu ġew stabbiliti. Fis-SK: Limitazzjonijiet japplikaw fuq l-akkwist ta' proprjetà immobbli minn persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin. Entitajiet barranin jistgħu jakkwistaw proprjetà immobbli permezz tal-istabbiliment ta' entitajiet ġuridiċi Slovakkji jew tal-parteċipazzjoni f'impriżi konġunti. L-akkwist ta' art huwa mingħajr restrizzjoni.
SETTURI KOLLHA	Diretturi maniġerjali u awdituri Fl-AT: Diretturi maniġerjali ta' fergħat ta' persuni ġuridiċi jridu jkunu residenti fl-Awstrija; Persuni fiżiċi f'entità ġuridika jew fergħa li tkun responsabbli għall-osservanza tal-Att dwar il-Kummerċ tal-Awstrija jrid ikollha domiċilju fl-Awstrija. Fil-FI: Barrani li jaħdem bħala intraprenditur privat jeħtieġ permess kummerċjali u għandu jkun resident permanenti fl-Unjoni. Għas-setturi kollha, minbarra s-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet, il-kundizzjonijiet taċ-ċittadinanza u r-rekwiżiti tar-residenza japplikaw għad-direttur maniġerjali ta' kumpanija limitata. Għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni, residenza permanenti għald-direttur maniġerjali. Fi FR: Id-direttur maniġerjali ta' attività industrija, kummerċjali jew artiġjanali, jekk ma jkunx id-detentur ta' permess ta' residenza, jeħtieġ awtorizzazzjoni speċifika. Fir-RO: Il-maġġoranza tal-awdituri tal-kumpaniji kummerċjali u d-deputati tagħhom iridu jkunu ċittadini Rumeni. Fl-SE: Id-direttur maniġerjali ta' persuna ġuridika jew fergħa jkun jgħix fl-Iżvezja.

¹ Skont il-Liġi dwar il-Kumpaniji Kummerċjali, fergħa stabbilita fis-Slovenja ma titqisx bħala persuna ġuridika, iżda fir-rigward tal-operat tagħha, it-trattament tagħha huwa ugwali għal dak ta' sussidjarja, li huwa konformi mal-Artikolu XXVIII paragrafu (g) tal-GATS.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
SETTURI KOLLHA	Utilitajiet Pubbliċi Fl-UE: L-attivitajiet ekonomiċi meqjusa bħala utilitajiet pubbliċi f'livell nazzjonali jew lokali jistgħu jkunu soġġetti għal monopolji pubbliċi jew għal drittijiet esklussivi mogħtija lil operaturi privati¹.²
SETTURI KOLLHA	Tipi ta' stabbiliment Fl-UE: Trattament mogħti lis-sussidjarji (ta' kumpaniji tal-Vjetnam) iffurmati skont il-liġi tal-Istati Membri tal-Unjoni u li għandhom l-uffiċċju rreġistrat, amministrazzjoni ċentrali jew il-post ewlieni tan-negozju fl-Unjoni mhuwiex estiż għal ferġat jew aġenziji stabbiliti fl-Istati Membri tal-Unjoni mill-kumpaniji tal-Vjetnam³. Madanakollu, dan ma għandux iżomm Stat Membru milli jestendi dan it-trattament għal ferġat jew aġenziji stabbiliti fi Stat Membru ieħor minn kumpanija jew ditta minn pajjiż terz, rigward l-operat tagħhom fit-territorju tal-ewwel Stat Membru, sakemm tali estensjoni ma tkunx ipprojbita b'mod espliċitu mil-liġi tal-Unjoni

¹ Is-servizzi ta' utilità pubblika jeżistu f'setturi bħalma huma servizzi relatati ta' konsulenza xjentifika u teknika, servizzi RuĠ fix-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi, servizzi ta' ttestjar u analiżi teknika, servizzi ambjentali, servizzi tas-saħħa, servizzi tat-trasport u servizzi awżiljari għal kull modalità ta' trasport. Id-drittijiet esklussivi fuq servizzi bħal dawn spiss jingħataw lil operaturi privati, pereżempju operaturi b'konċessjonijiet mill-awtoritajiet pubbliċi, soġġetti għal obbligi ta' servizz speċifiċi. Minħabba li l-utilitajiet pubbliċi spiss jeżistu wkoll fil-livell subċentrali, elenkar speċifiku għas-settur li jkun iddettaljat u eżawrjenti mhuwiex prattiku.

² Din il-limitazzjoni ma tapplikax għal servizzi ta' telekomunikazzjonijiet u għal servizzi bil-kompjuter u oħrajn relatati.

³ Skont l-Artikolu 54 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dawn is-sussidjarji jiġu kkunsidrati bħala persuni ġuridiċi tal-Unjoni Ewropea. Sakemm dawn ikollhom rabta kontinwa u effettiva mal-ekonomija tal-Unjoni, dawn ikunu benefiċjarji tas-suq intern tal-UE, li jinkludi, *inter alia*, il-libertà li jistabbilixxu u li jfornu servizzi fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Fil-BG: L-istabbiliment ta' ferġat huwa suġġett għall-awtorizzazzjoni. Fil-BG and PL: L-ambitu tal-attivitajiet ta' uffiċċju rappreżentant jista' jinkludi biss ir-reklamar u l-promozzjoni tal-kumpanija prinċipali barranija rrappreżentata mill-uffiċċju. Fl-EE: Minn tal-inqas nofs il-membri tal-bord ta' ġestjoni jkollhom ir-residenza tagħhom fl-Unjoni. Fil-FI: Persuna mill-Vjetnam li taħdem bħala intraprenditur privat f'kumpanijiet Finlandiża limitata jew sħubija ġenerali teħtieġ permess kummerċjali u għandha tkun resident permanenti fl-Unjoni. Għas-setturi kollha minbarra s-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet, in-nazzjonalità u r-residenza huma meħtieġa għal minn tal-inqas nofs il-membri ordinarji u d-deputati tal-bord tad-diretturi; madankollu, jistgħu jingħataw xi eżenzjonijiet lil ċerti kumpaniji. Għal servizzi ta' telekomunikazzjoni, hija meħtieġa residenza permanenti għal nofs il-fondaturi u nofs il-membri tal-bord tad-diretturi. Jekk il-parti fundatriċi tkun persuna ġuridika, dik il-persuna ġuridika tkun suġġetta wkoll għal rekwiżit ta' residenza. Jekk organizzazzjoni mill-Vjetnam biħsiebha twettaq negozju jew kummerċ billi tistabbilixxi ferġa fil-Finlandja, huwa meħtieġ permess kummerċjali. Permess biex taġixxi bħala fondatur ta' kumpanija limitata huwa meħtieġ għal organizzazzjoni mill-Vjetnam jew persuna naturali li mhijiex ċittadina tal-Unjoni. Fl-IT: Aċċess għal attivitajiet industrijali, kummerċjali u artiġjanali hu soġġett għal permess ta' residenza u awtorizzazzjoni speċifika għat-twettiq tal-attività. Fil-PL: Bl-eċċezzjoni tas-servizzi finanzjarji, bla restrizzjonijiet għall-ferġat. Investituri mill-Vjetnam jistgħu jintraprendu u jwettqu attività ekonomika biss fil-forma ta' sħubija ġenerali, sħubija limitata b'kapital konġunt, kumpanija limitata b'responsabilità limitata, u kumpanija b'kapital konġunt (fil-każ ta' servizzi legali biss fil-forma ta' sħubija rreġistrata u sħubija limitata).

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Fir-RO: L-amministrattur uniku jew il-President tal-Bord tad-Diretturi kif ukoll nofs l-għadd totali ta' amministratturi tal-kumpaniji kummerċjali jkunu ċittadini Rumeni sakemm mhux stipulat mod ieħor fil-kuntratt tal-kumpanija jew fl-istatuti tagħha. Il-maġġoranza tal-awdituri tal-kumpaniji kummerċjali u d-deputati tagħhom iridu jkunu ċittadini Rumeni. Fl-SE: Kumpanija Vjetnamiża, li ma tkunx stabbiliet entità ġuridika fl-Iżvezja jew tkun qiegħda twettaq in-negozju tagħha permezz ta' aġent kummerċjali, għandha twettaq l-operazzjonijiet kummerċjali tagħha permezz ta' fergħa, irreġistrata fl-Iżvezja, b'maniġment indipendenti u kontijiet separati. Id-direttur maniġerjali, u l-viċi direttur maniġerjali jekk ikun hemm, tal-fergħa iridu jkunu jirresjedu fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE). Persuna fiżika mhux residenti fiż-ŻEE, li twettaq operazzjonijiet kummerċjali fl-Iżvezja, għandha taħtar u tirreġistra rappreżentant residenti li jkun responsabbli għall-operazzjonijiet fl-Iżvezja. Għandhom jinżammu kontijiet separati għall-operazzjonijiet fl-Iżvezja. L-awtorità kompetenti tista' f'każijiet individwali tagħti eżenzjonijiet mir-rekwiżiti tal-fergħa u tar-residenza. Proġetti ta' bini li jdumu inqas minn sena - imwettqa minn kumpanija li tinsab, jew persuna fiżika li toqgħod barra ż-ŻEE - huma eżentati mir-rekwiżiti ta' twaqqif ta' fergħa jew il-ħatra ta' rappreżentattiv tar-residenti. Għal kumpaniji b'responsabbiltà limitata u assoċjazzjonijiet ekonomiċi kooperattivi, mill-inqas 50 % tal-membri tal-bord tad-diretturi, mill-inqas 50 % tal-membri tal-bord tad-deputati, id-direttur maniġerjali, il-viċi direttur maniġerjali u mill-inqas waħda mill-persuni awtorizzati biex jiffirmaw għall-kumpanija, jekk hemm, għandhom ikunu residenti fiż-ŻEE. L-awtorità kompetenti tista' tagħti eżenzjoni minn dan ir-rekwiżit. Jekk l-ebda wieħed mir-rappreżentanti tal-kumpanija / tas-soċjetà ma jgħix fl-Iżvezja, il-bord irid jaħtar u jirreġistra persuna residenti fl-Iżvezja, li tkun ġiet awtorizzata biex tirċievi servizzi f'isem il-kumpanija / is-soċjetà. Jeżistu kundizzjonijiet korrispondenti għall-istabbiliment ta' kull tip ieħor ta' entitajiet ġuridiċi.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Fis-SK: Persuna naturali barranija mill-Vjetnam li isemha se jkun irreġistrat fir-Reġistru Kummerċjali bħala persuna awtorizzata taġixxi f'isem intraprenditur, jeħtieġ li tissottometti talba għall-permess tar-residenza għas-Slovakja.
SETTURI KOLLHA	Investiment Fil-BG: F'impriżi fejn is-sehem pubbliku (statali jew municijali) fil-kapital azzjonarju jaqbeż it-30 %, it-trasferiment ta' dawn l-ishma lill-partijiet terzi jeħtieġ awtorizzazzjoni. Ċerti attivitajiet ekonomiċi relatati mal-isfruttar jew l-użu ta' proprjetà tal-Istat jew pubblika huma soġġetti għal konċessjonijiet mogħtija skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Konċessjonijiet. Investituri barranin ma jistgħux jipparteċipaw fi privatizzazzjoni. Investituri barranin u persuni ġuridiċi Bulgari taħt kontroll ta' parteċipazzjoni Vjetnamiża jeħtieġu permess għal a) prospettar, żvilupp jew estrazzjoni ta' riżorsi naturali mill-ibħra territorjali, mill-ixkaffa kontinentali jew miż-żona ekonomika esklużiva u b) l-akkwizzizzjoni ta' interessi ta' ekwità ta' kontroll f'kumpaniji involuti fi kwalunkwe attività speċifikata f'punt a). Fid-DK: L-istabbiliment ta' ferġat minn kumpaniji barranin barra mill-Unjoni jiddependi fuq jekk il-pajjiż rilevanti jkunx qabel fi ftehim internazzjonali. L-ippjanar reċenti fid-Danimarka huwa rregolat mill-Att dwar l-Ippjanar u għandu kriterji għad-daqs u l-post tal-ħwienet għan-negozju bl-imnut. Regolamenti dwar id-daqs u l-lokazzjoni huma bbażati biss fuq kwistjonijiet ambjentali. Għalhekk negozju barrani ta' bejgħ bl-imnut ma jeħtieġx awtorizzazzjoni speċjali jew permess qabel ma jinvesti fid-Danimarka. F'ES: L-investiment fi Spanja minn gvernijiet barranin u entitajiet pubbliċi barranin¹, direttament jew permezz ta' kumpaniji jew entitajiet oħra kontrollati direttament jew indirettament minn gvernijiet barranin, jeħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel mill-gvern.

¹ Dan l-investiment ikollu t-tendenza li jimplika mhux biss interessi ekonomiċi, iżda wkoll interessi mhux ekonomiċi għal dawn l-entitajiet.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Fi FR: Ix-xiri barrani li jaqbeż it-33,33 % tal-ishma tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot f'intrapriżi Franċiżi eżistenti, jew li jwasslu biex jikkontrollaw kumpaniji Franċiżi, li, anki jekk okkażjonalment biss, huma parti mill-eżerċizzju ta' awtorità pubblika jew jappartjenu għal waħda minn dawn li ġejjin oqsma huma suġġetti għall-approvazzjoni minn qabel mill-Ministru għall-Ekonomija: (a) Attivitàjiet li jistgħu jipperikolaw l-ordni pubbliku, is-sigurtà pubblika jew l-interessi tad-difiża nazzjonali (b) Riċerka fi, u produzzjoni jew kummerċjalizzazzjoni ta', armi, munizzjonijiet, jew trabijiet jew sustanzi splussivi. L-approvazzjoni mogħtija jista' jkollha kundizzjonijiet speċjali marbuta magħha. Parteċipazzjoni barranija f'kumpaniji privatizzati reċentament tista' tkun limitata sa ammont varjabbli, li jiġi determinat mill-gvern ta' Franza skont kull każ, mill-ekwità offruti lill-pubbliku. Għall-iskopijiet tal-istabbiliment ta' ċerti attivitàjiet kummerċjali, industrijali jew artisanali, hija meħtieġa awtorizzazzjoni speċifika jekk id-direttur maniġerjali mhuwiex detentur ta' permess ta' residenza permanenti. Fil-FI: L-akkwist ta' ishma minn proprjetarji Vjetnamiżi li jagħtu aktar minn terz id-drittijiet tal-vot ta' kumpanija ewlenija jew attività kummerċjali ewlenija Finlandiża, (b'iżjed minn 1 000 impjegat jew b'fatturat ta' aktar minn EUR 168 miljun jew b'total tal-karta tal-bilanċ¹ ta' iżjed minn EUR 168 miljun) huwa suġġetta għall-konferma mill-awtoritajiet Finlandiżi. Il-konferma tista' ma tingħatax biss jekk interess nazzjonali importanti jkun mhedded. Dawn il-limitazzjonijiet ma japplikawx għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni. Fl-HU: Mingħajr restrizzjoni għal parteċipazzjoni mill-Vjetnam f'kumpaniji privatizzati ġodda.

¹ Is-somma totali ta' assi, jew is-somma totali ta' dejn u kapital.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	FI-IT: Jistgħu jingħataw jew jinżammu drittijiet esklużivi fir-rigward ta' kumpaniji li għadhom kemm ġew privatizzati. Id-drittijiet tal-vot f'kumpaniji privatizzati reċentement jistgħu jkunu ristretti f'xi każi. Għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, l-akkwist ta' ammonti kbar ta' interess f'kumpaniji li joperaw fil-qasam tad-difiża, is-servizzi tat-trasport, it-telekomunikazzjonijiet u l-enerġija jista' jkun soġġett għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti.
SETTURI KOLLHA	Żoni ġeografiċi FI-FI: Fil-gżejjer Åland, limitazzjonijiet fuq id-dritt tal-istabbiliment ta' persuni naturali li ma jgawdux minn ċittadinanza reġjonali f'Åland jew ta' persuni ġuridiċi mingħajr permess mill-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer Åland.
1. AGRIKOLTURA, KAĊĊA, FORESTRIJA	
A. Agrikoltura, kaċċa (ISIC rev 3.1: 011, 012, 013, 014, 015) minbarra servizzi ta' pariri u konsulenza ¹	FI-AT, HR, HU, MT, RO, SI: Bla restrizzjonijiet għal attivitajiet agrikulturali. Fi FR: l-istabbiliment ta' impriżi agrikoli minn ċittadini tal-Vjetnam u l-akkwist ta' dwieli minn investituri tal-Vjetnam huma soġġetti għall-awtorizzazzjoni. FI-IE: l-istabbiliment minn residenti tal-Vjetnam f'attivitajiet ta' tħin tad-dqiq huwa soġġett għall-awtorizzazzjoni. FI-SE: il-poplu Sami biss jista' jippossjedi u jrabbi r-renni.

¹ Servizzi ta' pariri u konsulenza relatati ma' agrikoltura, kaċċa, foresterija u sajd jinstabu fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJU taħt 6.F.(f) u 6.F.(g).

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
B. Forestrija u qtugħ tas-siġar għall-injam (ISIC rev 3.1: 020) minbarra servizzi ta' pariri u konsulenza ¹	Fil-BG: bla restrizzjonijiet għall-attivitajiet ta' qtugħ ta' zkuk.
2. SAJD U AKWAKULTURA (ISIC rev.3.1: 0501, 0502) minbarra servizzi ta' pariri u konsulenza ²	Bla restrizzjonijiet.
3. TĦAFFIR FIL-MINJIERI U L-BARRIERI ³ A. Qtugħ ta' faħam u faħam kannella mill-minjieri; estrazzjoni ta' pit ISIC rev 3.1: 10)	FI-UE: mingħajr restrizzjoni għal persuni ġuridiċi kkontrollati ⁴ minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi ta' pajjiż mhux tal-Unjoni li jkollhom aktar minn 5 % tal-importazzjonijiet ta' żejt jew gass naturali tal-Unjoni. Mingħajr restrizzjonijiet għal ferġat diretti (hija meħtieġa inkorporazzjoni). Bla restrizzjonijiet għall-estrazzjoni ta' petrolem mhux raffinat u ta' gass naturali.

¹ Servizzi ta' pariri u konsulenza relatati ma' agrikoltura, kaċċa, foresterija u sajd jinstabu fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJU taħt 6.F.(f) u 6.F.(g).

² Servizzi ta' pariri u konsulenza relatati ma' agrikoltura, kaċċa, foresterija u sajd jinstabu fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJU taħt 6.F.(f) u 6.F.(g).

³ Japplika l-limitu orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

⁴ Persuna ġuridika tkun ikkontrollata minn persuna/i fiżika/fiżiċi jew ġuridika/ġuridiċi oħra/oħrajn jekk din/dawn tal-aħħar ikollha/ikollhom is-setgħa li tinnomina/jinnominaw il-maġġoranza tad-diretturi tagħha jew inkella li legalment jidderieġu l-azzjonijiet tagħha. B'mod partikolari, is-sjeda ta' iktar minn 50 % tal-interessi tal-ekwità f'persuna ġuridika għandhom jitqiesu bħala li jikkostitwixxu kontroll.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
B. Estrazzjoni ta' żejt grezz u gass naturali ¹ (ISIC rev 3.1: 1110)	
C. Estrazzjoni ta' minerali tal-metall (ISIC rev 3.1: 13)	
D. Minjieri ta' minerali metalliċi (ISIC rev 3.1: 14)	
4. IL-MANIFATTURA ²	
A. Manifattura ta' prodotti tal-ikel u x-xorb (ISIC rev 3.1: 15)	Xejn.
B. Manifattura ta' prodotti tat-tabakk (ISIC rev 3.1: 16)	Xejn.
C. Manifattura ta' tessuti (ISIC rev 3.1: 17)	Xejn.

¹ Ma jinkludix servizzi anċillari għall-minjieri fuq bażi ta' hlaas jew kuntratt f'impjanti taż-żejt u gass li jinsabu taħt SERVIZZI TAL-ENERĠIJA taħt 19.A.

² Dan is-settur ma jinkludix servizz ta' konsulenza dwar il-manifattura, li jinsabu fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJI taħt 6.F).(h).

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
D. Manifattura tal-ħwejjeġ; preparazzjoni u tiżbigħ ta' fer (ISIC rev 3.1: 18)	Xejn.
E. Tiswid u ggumar tal-ġilda; manifattura ta' bagalji, basktijiet, prodotti tas-sarraġ, ċineg integrali u żraben (ISIC rev 3.1: 19)	Xejn.
F. Il-manifattura tal-injam u tal- prodotti tal-injam u tas-sufra, ħlief l-ġhamara; manifattura ta' oġġetti tat-tiben u ta' materjali ta' trizza (ISIC rev 3.1: 20)	Xejn.
G. Manifattura ta' karta u prodotti tal-karta (ISIC rev 3.1: 21)	Xejn.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
H. Pubblikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta' midja rrekordjata ¹ (ISIC rev 3.1: 22, minbarra l-pubblikazzjoni u l-istampar fuq bażi ta' tariffa jew kuntratt ²)	Fil-HR: japplika rekwiżit ta' residenza. Fl-IT: tapplika kundizzjoni ta' ċittadinanza għal sid il-kumpanija tal-pubblikazzjoni u l-istampar.
I. Manifattura ta' prodotti tal-fran tal-kokk (ISIC rev 3.1: 231)	Xejn.
J. Manifattura ta' prodotti taż-żejt raffinat ³ (ISIC rev 3.1: 232)	Fl-UE: Mingħajr restrizzjoni għal persuni ġuridiċi kkontrollati minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi ta' pajjiż mhux tal-Unjoni li jkollhom aktar minn 5 % tal-importazzjonijiet ta' żejt jew gass naturali tal-Unjoni. Mingħajr restrizzjonijiet għal ferġat diretti (hija meħtieġa inkorporazzjoni).
K. Manifattura ta' kimiċi u ta' prodotti kimiċi għajr splussivi (ISIC rev 3.1: 24 eskluża l-manifattura tal-isplussivi)	Xejn.

¹ Is-settur huwa limitat għal attivitajiet ta' manifattura. Dan ma jinkludix attivitajiet li huma awdjoviżivi jew li jippreżentaw kontenut kulturali.

² Il-pubblikazzjoni u l-istampar fuq bażi ta' hłas jew kuntratt tinstab fis-SERVIZZI KUMMERĊJALI taħt 6.F.p).

³ Japplika l-limitu orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
L. Manifattura ta' prodotti tal-gomma u tal-plastik (ISIC rev 3.1: 25)	Xejn.
M. Manifattura ta' prodotti minerali oħra mhux metalliċi (ISIC rev 3.1: 26)	Xejn.
N. Manifattura ta' metalli bażiċi (ISIC rev 3.1: 27)	Xejn.
O. Manifattura ta' prodotti ta' metall fabbrikat, ħlief makkinarju u tagħmir (ISIC rev 3.1: 28)	Xejn.
P. Il-manifattura ta' makkinarju	
(a) Manifattura ta' makkinarju għal għanijiet ġenerali (ISIC rev 3.1: 291)	Xejn.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(b) Manifattura ta' makkinarju bi skopijiet speċjali minbarra armi tan-nar u munizzjonijiet (ISIC rev 3.1: 2921, 2922, 2923, 2924, 2925, 2926, 2929)	Xejn.
(c) Manifattura ta' apparat domestiku (ISIC rev 3.1: 293)	Xejn.
(d) Manifattura ta' makkinarju għall-uffiċċju u għal xogħol tal-kompjuters (ISIC rev 3.1: 30)	Xejn.
(e) Manifattura ta' makkinarju u apparat elettriku (ISIC rev 3.1: 31)	Xejn.
(f) Manifattura ta' tagħmir u apparat għar-radju, televiżjoni u komunikazzjoni (ISIC rev 3.1: 32)	Xejn.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Q. Manifattura ta' strumenti mediċi, ta' preċiżjoni u ottiċi, arloġġi tal-idejn u arloġġi tal-ħajt (ISIC rev 3.1: 33)	Xejn.
R. Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers (ISIC rev 3.1: 34)	Xejn.
S. Manifattura ta' tagħmir tat-trasport ieħor (mhux militari) (ISIC rev 3.1: 35 minbarra l-manifattura ta' vapuri tal-gwerra, ajruplani tal-gwerra u tagħmir ieħor tat-trasport għal użu militari)	Xejn.
T. Manifattura ta' għamara; manifattura n.e.c. (ISIC rev 3.1: 361, 369)	Xejn.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
U. Riċiklaġġ (ISIC rev 3.1: 37)	Xejn.
5. PRODUZZJONI; TRAŻMISSJONI U DISTRIBUZZJONI AWTONOMI TAL- ELETTRIKU, GASS, FWAR U ILMA SĦUN ¹ (ħlief il- Ġenerazzjoni Nukleari tal- Elettriku)	
A. Produzzjoni tal-elettriku; trażmissjoni u distribuzzjoni tal-elettriku awtonomi (parti minn ISIC rev 3.1: 4010)	Fl-UE: Bla restrizzjonijiet.

¹ Japplika l-limitu orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
B. Manifattura ta' gass; distribuzzjoni ta' fwar u ilma sħun awtonomu (parti minn ISIC rev 3.1: 4020) ¹	Fl-UE: Bla restrizzjonijiet.
C. Produzzjoni ta' fwar u ilma sħun; distribuzzjoni ta' fwar u ilma sħun awtonomu (parti minn ISIC rev 3.1: 4030) ²	Fl-UE: Mingħajr restrizzjoni għal persuni ġuridiċi kkontrollati ³ minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi ta' pajjiż mhux tal-Unjoni li jkollhom aktar minn 5 % tal-importazzjonijiet ta' żejt jew gass naturali tal-Unjoni. Mingħajr restrizzjonijiet għal ferġat diretti (hija meħtieġa inkorporazzjoni).

¹ Ma jinkludix it-trasport ta' gass naturali u fjuwils gassużi bil-pipeline, it-trasmissjoni u d-distribuzzjoni ta' gass fuq bażi ta' tariffi jew kuntratt, u l-bejgħ ta' gass naturali u fjuwils gassużi, li jinstabu taħt SERVIZZI TAL-ENERĠIJA.

² Ma jinkludix it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni ta' fwar u misħun fuq bażi ta' tariffi jew kuntratt u l-bejgħ ta' fwar u misħun, li jinstabu taħt SERVIZZI TAL-ENERĠIJA.

³ Persuna ġuridika tkun ikkontrollata minn persuna/i fiżika/fiżiċi jew ġuridika/ġuridiċi oħra/oħrajn jekk din/dawn tal-aħħar ikollha/ikollhom is-setgħa li tinnomina/jinnominaw il-maġġoranza tad-diretturi tagħha jew inkella li legalment jidderieġu l-azzjonijiet tagħha. B'mod partikolari, is-sjeda ta' iktar minn 50 % tal-interessi tal-ekwità f'persuna ġuridika għandhom jitqiesu bħala li jikkostitwixxu kontroll.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
6. SERVIZI TA' NEGOZZI	
A. Servizi professionali	
(a) Servizi Legali (CPC 861) ¹ għajr pariri legali u dokumenti legali u servizzi ta' awtentikar legali pprovduti minn professjonisti legali b'funzjonijiet pubbliċi, bħal nutara, " <i>huissiers de justice</i> " jew " <i>officiers publics et ministériels</i> " oħra.	Fl-AT: Il-parteeipazzjoni f'ekwità u ishma ta' avukati Vjetnamiżi (li jridu jkunu kkwalifikati bis-sħiħ fil-Vjetnam) fir-riżultati operattivi ta' kwalunkwe ditta legali ma tistax taqbeż 25 %. Ma jistgħux ikollhom influwenza deċiżiva fit-tehd tad-deċiżjonijiet. Fil-BE: Japplikaw kwoti biex jidhru quddiem il-"<i>Cour de cassation</i>" f'każijiet mhux kriminali F'CY: Sħubija sħiħa fil-Kamra tal-Avukati, meħtieġa għall-forniment ta' servizzi legali, hija soġġetta għall-kundizzjoni taċ-ċittadinanza, flimkien mar-rekwiżit tar-residenza. L-avukati li jkunu membri tal-Kamra tal-Avukati biss jistgħu jkunu soċji jew azzjonisti jew membri tal-Bord tad-Diretturi f'kumpanija legali f'Ċipru. Fid-DK: Huma biss l-avukati b'liċenzja Daniża biex jipprattikaw u uffiċċji legali rreġistrati fid-Danimarka li jistgħu jkollhom ishma f'uffiċċju legali Daniż. Huma biss l-avukati b'liċenzja Daniża li jipprattikaw li jistgħu jkunu fuq il-bord jew ikunu parti mill-maniġment ta' ditta Daniża ta' avukati. Rekwiżit ta' eżami legali Daniż sabiex tinkiseb liċenzja Daniża

¹ Tinkludi servizzi ta' konsulenza legali, servizzi ta' rappreżentanza legali, arbitraġġ legali u servizzi ta' konċiljazzjoni / medjazzjoni, u servizzi ta' dokumenti u ta' awtentikar legali.

Il-provviżjoni ta' servizzi legali huwa awtorizzat biss fir-rigward tal-liġi internazzjonali pubblika, il-liġi tal-UE u l-liġi ta' kwalunkwe ġurisdizzjoni fejn il-fornitur tas-servizz jew l-impjegati tiegħu jkunu kkwalifikati biex jipprattikaw bħala avukati, u, bħall-provviżjoni ta' servizzi oħra, ikun soġġett għar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-liċenzja li japplikaw fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Għall-avukati li jipprovdu servizzi legali fir-rigward tad-dritt internazzjonali pubbliku u l-liġi barranija, dawn ir-rekwiżiti u l-proċeduri ta' liċenzjar jistgħu, fost oħrajn, jieħdu l-forma ta' konformità mal-kodiċi ta' etika lokali, l-użu ta' titolu lokali (sakemm ikun inkiseb ir-rikonossiment mat-titolu lokali), rekwiżiti ta' assigurazzjoni, reġistrazzjoni sempliċi mal-Avukatura tal-pajjiż ospitanti jew sħubija simplifikata fl-Avukatura tal-pajjiż ospitanti permezz ta' test ta' attitudni u uffiċċju legali jew professjonali fil-pajjiż ospitanti. Is-servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni għandhom, fil-prinċipju, jitwettqu minn jew permezz ta' avukat ikkwalifikat mogħti l-awtorizzazzjoni tal-prattika ta' avukat fi Stat Membru tal-Unjoni li jaġixxi fuq bażi personali, filwaqt li s-servizzi legali fir-rigward tal-liġi ta' Stat Membru tal-Unjoni għandhom, fil-prinċipju, jitwettqu minn jew permezz ta' avukat mogħti l-awtorizzazzjoni tal-prattika ta' avukat f'dak l-Istat Membru waqt li jaġixxi fuq bażi personali. L-ammissjoni sħiħa fl-Avukatura tal-Istat Membru rilevanti tal-Unjoni tista' għalhekk tkun meħtieġa għar-rappreżentanza fil-qrati u awtoritajiet kompetenti oħra fl-Unjoni billi tinvolvi l-prattika ta' liġi proċedurali nazzjonali u tal-Unjoni. Madankollu, f'ċerti Stati Membri, avukati barranin li ma jkollhomx sħubija sħiħa fil-Kamra tal-Avukati jkunu awtorizzati li jirrappreżentaw parti fi proċeduri ċivili li tkun ċittadin ta' jew tappartjeni lil Stat li fih l-avukat ikun awtorizzat li jipprattika.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Fi FR: L-aċċess tal-avukati għall-professjoni ta' "<i>avocat auprès de la Cour de Cassation</i>" u "<i>avocat auprès du Conseil d'Etat</i>" huwa suġġett għal kwoti. Xi tipi ta' forom legali ("<i>association d'avocats</i>" u "<i>société en participation d'avocat</i>") huma riżervati għal avukati ammessi bis-sħiħ fl-Avukatura fi Franza. F'ditti tal-avukati li joffru servizzi fir-rigward tal-liġi Franċiża jew tal-Unjoni, mill-inqas 75 % tas-sħab li jkollhom 75 % tal-ishma għandhom ikunu avukati ammessi bis-sħiħ fl-Avukatura fi Franza. Fil-HR: Ir-rappreżentazzjoni tal-partijiet quddiem il-qrati tista' tiġi prattikata biss mill-membri tal-Kunsill tal-Avukatura tal-Kroazja ("<i>odvjetnici</i>"). Rekwiżit ta' ċittadinanza għal sħubija fil-Kunsill tal-Avukatura. FI-HU: Il-preżenza kummerċjali trid tiegħi s-sura ta' sħubija ma' avukat Ungeriż ("<i>ügyvéd</i>") jew ma' uffiċċju ta' avukat ("<i>ügyvédiroda</i>"), jew uffiċċju rappreżentattiv. Fil-LT: L-ammissjoni sħiħa fl-Avukatura rikjesta għall-prattika tal-liġi domestika (tal-Unjoni u tal-Istat Membru), hija soġġetta għal kundizzjoni ta' ċittadinanza. Fil-PL: Filwaqt li tipi oħra ta' forom legali huma disponibbli għal avukati tal-Unjoni, avukati barranin għandhom biss aċċess għal forom legali ta' sħubija ġenerali, sħubija konġunta limitata u sħubija limitata.
(b) 1. Servizzi tal-kontabbiltà u taż-żamma tal-kotba (CPC 86212 minbarra "servizzi ta' awditjar", CPC 86213, CPC 86219 u CPC 86220)	FI-AT: Il-partiċipazzjoni ta' kontabilisti Vjetnamiżi (li jridu jkunu awtorizzati skont il-liġi tal-pajjiż tal-Vjetnam) fil-kapital azzjonarju u l-ishma fir-riżultati operattivi ta' kwalunkwe entità ġuridika Awstrijaka ma tistax taqbeż il-25 %, jekk ma jkunux membri tal-Korp Professjonali Awstrijak. F'CY: L-aċċess huwa suġġett għat-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Il-kriterji prinċipali: is-sitwazzjoni tal-impjiegi fis-sottosettur.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(b) 2. Servizzi tal-awditjar (CPC 86211 u 86212 minbarra servizzi ta' kontabilità)	Fl-AT: Il-parteċipazzjoni ta' awdituri Vjetnamiżi (li jridu jkunu awtorizzati skont il-liġi tal-pajjiż tal-Vjetnam) fil-kapital azzjonarju u l-ishma fir-riżultati operattivi ta' kwalunkwe entità ġuridika Awstrijaka ma tistax taqbeż il-25 %, jekk ma jkunux membri tal-Korp Professjonali Awstrijak. F'CY: Liċenzja speċjali tingħata lil awdituri ta' pajjiżi terzi, soġġetta għal ċerti kundizzjonijiet. Fir-CZ: L-awdituri biss approvati fir-Repubblika Ċeka jistgħu jwettqu servizzi ta' verifika. F'entitajiet legali l-maġġoranza tal-ishma ta' voti għandhom ikunu tal-awdituri approvati fir-Repubblika Ċeka. Il-maġġoranza tal-persuni f'korp statutorju għandhom ikunu ta' awdituri approvati fir-Repubblika Ċeka. Fid-DK: Sabiex jidħlu fi sħubija ma' kontabilisti awtorizzati Daniżi, il-kontabilisti barranin għandhom jiksbu permess mill-Aġenzija Daniża tal-Kumpaniji u l-Kummerċ. F'ES: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza għal awdituri statutarji u għall-amministraturi, diretturi u msieħba ta' kumpaniji minbarra dawk koperti bid-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("it-Tmien Direttiva dwar il-Liġi tal-Kumpaniji"). Fil-FI: Rekwiżit ta' residenza għal tal-inqas wieħed mill-awdituri ta' kumpanija Finlandiża ta' Responsabbiltà. Fil-HR: Ma hemmx, ħlief li l-awditjar jista' jsir biss minn persuni ġuridiċi. Fil-LT: Mhux inqas minn 75 % tal-ishma għandhom ikunu ta' awdituri jew kumpaniji tal-awditjar tal-Unjoni. Fil-LV: F'kumpanija kummerċjali ta' awdituri bil-liċenzja iktar minn 50 % tal-ishma tal-kapital bid-dritt tal-vot għandu jkun proprjetà ta' awdituri bil-liċenzja jew kumpaniji kummerċjali ta' awdituri bil-liċenzja tal-Unjoni. Fil-PL: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Fl-SE: L-awdituri approvati fl-Iżvezja biss jistgħu jwettqu servizzi ta' verifika statutorji f'ċerti entitajiet legali, inklużi fil-kumpaniji limitati kollha u kif ukoll persuni fiżiċi. Biss l-awdituri approvati fl-Iżvezja, u intrapriżi pubbliċi ta' kontabilità reġistrati, jistgħu jkunu azzjonisti jew jistabbilixxu soċjetajiet f'kumpaniji li jipprattikaw awditjar ikkwalfikat (għal skopijiet uffiċjali). Ir-residenza fiż-ŻEE jew l-Iżvizzera hija meħtieġa għall-approvazzjoni. It-titoli ta' "awditur approvat" u "awditur awtorizzat" jistgħu jintużaw biss minn awdituri approvati jew awtorizzati fl-Iżvezja. Awdituri ta' assoċjazzjonijiet ekonomiċi kooperattivi u ċerti intrapriżi oħra li mhumex kontabilisti ċċertifikati jew approvati għandhom ikunu residenti fiż-ŻEE, sakemm il-gvern jew l-awtorità governattiva maħtura mill-gvern f'każ separat tippermetti mod ieħor. Il-verifika statutorja fil-kumpaniji elenkati u l-kumpaniji li jeċċedu ċerti limiti rigward il-fatturat, l-assi totali u n-numru ta' impjegati għandhom titwettaq minn awdituri pubbliċi awtorizzati fl-Iżvezja. Ir-residenza fiż-ŻEE jew l-Iżvizzera hija meħtieġa għall-awtorizzazzjoni jew l-approvazzjoni. Biss l-awdituri approvati fl-Iżvezja, u intrapriżi pubbliċi ta' kontabilità reġistrati, jistgħu jkunu azzjonisti jew jistabbilixxu soċjetajiet f'kumpaniji li jipprattikaw awditjar ikkwalfikat (għal skopijiet uffiċjali). It-titoli ta' "awditur approvat" u "awditur awtorizzat" jistgħu jintużaw biss minn awdituri approvati jew awtorizzati fl-Iżvezja. Awdituri ta' assoċjazzjonijiet ekonomiċi kooperattivi u ċerti intrapriżi oħra li mhumex kontabilisti awtorizzati jew approvati jridu jkunu residenti fiż-ŻEE. L-awtorità kompetenti tista' tagħti eżenzjoni minn dan ir-rekwiżit. Fis-SK: Minn tal-inqas 60 % tal-ishma kapitali jew id-drittijiet tal-vot huma riżervati għan-nazzjonali.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(c) Servizzi ta' konsulenza dwar it-tassazzjoni (CPC 863) ¹	Fl-AT: L-investiment ta' ekwità u ishma ta' konsulenti tat-taxxa Vjetnamiżi (li jridu jkunu awtorizzati skont il-liġi tal-Vjetnam) fir-riżultati operattivi ta' kwalunkwe uffiċċju legali Awstrijakk ma tistax taqbeż il-25 %. Din il-limitazzjoni tapplika biss għal persuni li mhumx membri tal-Korp Professionali Awstrijakk. F'CY: L-aċċess huwa suġġett għat-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Il-kriterji prinċipali: is-sitwazzjoni tal-impjiegi fis-sottosettur. Fir-CZ, SK: Servizzi ta' tassazzjoni jistgħu jiġu fornuti minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi rreġistrati fil-lista tal-Kamra tal-Konsulenti tat-Taxxa jew fil-Kamra tal-Awdituri.
(d) Servizzi Arkitettoniċi u (e) Servizzi tal-ippjanar urban u tal-pajsaġġ arkitetturali (CPC 8671 u CPC 8674)	Fil-BG: Għal proġetti ta' sinifikanza nazzjonali jew reġjonali, l-investituri Vjetnamiżi għandhom jaġixxu fi sħubija bħala subkuntratturi ta' investituri lokali. Fi FR: Provvediment permezz ta' SEL (anonyme, à responsabilité limitée ou en commandite par actions) jew SCP biss. F'CY: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Fil-LV: Għal servizzi arkitettoniċi, sabiex wieħed jirċievi liċenzja li tippermettilu jipparteċipa f'attività tan-negozju bil-medda sħiħa ta' responsabbiltà legali u drittijiet biex jiffirma proġett, Prattika ta' 3 snin fil-Latvja fil-qasam tal-proġettazzjoni u lawrea mill-università hi meħtieġa. Fis-SK: Is-sħubija fil-kamra rilevanti hija obligatorja; sħubija f'istituzzjonijiet barranin rilevanti tista' tkun rikonoxxuta. Rekwiżit ta' residenza, iżda jistgħu jitqiesu xi eċċezzjonijiet.

¹ Ma jinkludix servizzi ta' konsulenza legali u servizzi ta' rappreżentanza legali dwar kwistjonijiet ta' taxxa, li jinsabu taħt 1.A.a) Servizzi legali.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(f) Servizzi ta' inġinerija u (g) Servizzi tal-inġinerija integrata (CPC 8672 u CPC 8673)	Fil-BG: Għal proġetti ta' sinifikanza nazzjonali jew reġjonali, l-investituri Vjetnamiżi għandhom jaġixxu fi sħubija bħala subkuntratturi ta' investituri lokali. F'CY: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.
(h) Servizzi Mediċi (inklużi Psikologi) u Dentali (CPC 9312 u parti minn CPC 85201)	F'CY, EE, FI, MT: Bla restrizzjonijiet. Fil-AT: Bla restrizzjonijiet ħlief għal servizzi dentali u psikoterapewtiċi, u xejn għal servizzi dentali u ta' psikologi u psikoterapisti. Fil-BG, LT: Il-forniment tas-servizz huwa soġġett għall-awtorizzazzjoni li hija bbażata fuq pjan ta' servizzi tas-saħħa stabbilit skont il-ħtiġijiet, fid-dawl tal-popolazzjoni u tas-servizzi dentali u mediċi diġà eżistenti. Fir-CZ: L-aċċess huwa ristrett għal persuni fiżiċi biss. Awtorizzazzjoni mill-Ministeru tas-Saħħa hija meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin. Fil-DE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi japplika għal tobba mediċi u dentisti awtorizzati li jittrattaw membri ta' skemi pubbliċi ta' assigurazzjoni. Il-kriterji prinċipali: nuqqas ta' tobba u dentisti f'reġjun partikolari. Fi FR: Filwaqt li tipi oħra ta' forom legali huma disponibbli għal investituri tal-Unjoni, investituri Vjetnamiżi għandhom biss aċċess għall-forom legali ta' " <i>société d'exercice liberal</i> " u " <i>société civile professionnelle</i> ". Fil-HR: Il-persuni kollha li jipprovdu servizzi direttament lil pazjenti/li jittrattaw lil pazjenti jeħtieġu liċenzja mill-kamra tal-professjoni. Fil-LV: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi japplika. Il-kriterji prinċipali: nuqqas ta' tobba u dentisti f'reġjun partikolari.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Fis-SI: Bla restrizzjonijiet għas-servizzi ta' mediċina soċjali, sanità, epidemjoloġija, mediċi / ekoloġiċi; il-forniment tad-demmm, preparazzjonijiet tad-demmm u trapjanti; u awtopsi. Fis-SK: Awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti (Ministeru tas-Saħħa jew Reġjuni Awtonomi) hija meħtieġa. Fl-UK: L-istabbiliment għat-tobba taħt is-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa huwa suġġett għall-ippjanar tal-ħaddiema mediċi.
(i) Servizzi Veterinarji (CPC 932)	Fl-AT, CY, EE, MT, SI: Bla restrizzjonijiet. Fil-BG: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi japplika. Il-kriterji prinċipali: il-popolazzjoni u d-densità tan-negozju eżistenti. Fir-CZ: L-aċċess huwa ristrett għal persuni fiżiċi biss. Hija meħtieġa awtorizzazzjoni mill-amministrazzjoni veterinarja. Fl-HU: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi japplika. Il-kriterji prinċipali: il-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol fis-settur. Fi FR: Forniment biss permezz ta' "<i>société d'exercice libérale</i>" jew "<i>société civile professionnelle</i>". Fil-PL: Persuni barranin jistgħu japplikaw għall-permess biex jipprattikaw.
(j) 1. Servizzi ta' qbiela (parti minn CPC 93191)	Fil-In BG, CY, CZ, FI, HU, MT, SI, SK: Bla restrizzjonijiet. Fi FR: Filwaqt li tipi oħra ta' forum legali huma disponibbli għal investituri tal-Unjoni, investituri minn Singapore għandhom biss aċċess għall-forom legali ta' "<i>société d'exercice libéral</i>" u "<i>société civile professionnelle</i>". Fil-HR: Il-persuni kollha li jipprovdu servizzi direttament lil pazjenti / li jittrattaw lil pazjenti jeħtieġu liċenzja mill-kamra tal-professjoni. Fil-LT: It-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi jista' jiġi applikat. Il-kriterji prinċipali: is-sitwazzjoni tal-impjieg fis-sottosettur.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(j) 2. Servizzi pprovduti mill-infermiera, il-fiżjoterapisti u l-persunal paramediku (parti minn CPC 93191)	Fl-AT: Investituri barranin huma permessi biss fl-attivitajiet li ġejjin: infermiera, fiżjoterapisti, occupational therapists, logoterapisti, esperti tad-dieta u n-nutrizzjoni. Fil-BG, MT: Bla restrizzjonijiet. Fir-CZ: L-aċċess huwa ristrett għal persuni fiżiċi biss. Awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hija meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin. Fi ES, CY: Bla restrizzjonijiet. Fil-FI and SI: Bla restrizzjonijiet għal fiżjoterapisti u persunal paramediku. Fi FR: Filwaqt li tipi oħra ta' forom legali huma disponibbli għal investituri tal-Unjoni, investituri minn Singapore għandhom biss aċċess għall-forom legali ta' "<i>société d'exercice liberal</i>" u "<i>société civile professionnelle</i>". Fil-HR: Il-persuni kollha li jipprovdu servizzi direttament lil pazjenti / li jitrattaw lil pazjenti jeħtieġu liċenzja mill-kamra tal-professjoni. Fil-LT: It-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi jista' jiġi applikat. Il-kriterji prinċipali: is-sitwazzjoni tal-impjieg fis-sottosettur. Fil-LV: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għall-fiżjoterapisti barranin u persunal paramediku. Il-kriterji prinċipali: sitwazzjoni tal-impjieg fir-reġjun partikolari.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(k) Bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċinali u bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċinali u ortopediċi u servizzi oħra pprovduti minn spiżjara ¹	FI-AT, BG, CY, FI, MT, PL, RO, SE, SI: Bla restrizzjonijiet. FI-BE, DK, EE, ES, FR, IT, HR, HU, IE, LV, PT, SK: L-awtorizzazzjoni hi soġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Il-kriterji prinċipali: popolazzjoni u densità ġeografika ta' spiżeriji eżistenti. FI-DE, persuni fiżiċi biss huma permessi jipprovdu servizzi bl-imnut ta' farmaċewtiċi u ta' oġġetti mediċi speċifiċi għall-pubbliku. Persuni li ma jkunux għaddew mill-eżami tal-farmaċija Ġermaniż jistgħu jiksbu biss liċenzja biex jieħu f'idejhom spiżerija li diġà kienet teżisti fit-tliet snin ta' qabel. Ċittadini ta' pajjiżi mhux fiż-ŻEE ma jistgħux jiksbu liċenza biex jistabbilixxu spiżerija.
B. Servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati (CPC 84)	Xejn.
C. Servizzi ta' riċerka u żvilupp	
(a) Servizzi ta' RuĠ fix-xjenzi naturali (CPC 851)	FI-UE: Għal servizzi ta' RuĠ iffinanzjati mill-pubbliku, id-drittijiet esklużivi u / jew l-awtorizzazzjonijiet jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni u lil persuni ġuridiċi tal-Unjoni li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-Unjoni.

¹ Il-forniment tal-farmaċewtiċi lill-pubbliku ġenerali, bħall-għoti ta' servizzi oħra, huwa soġġett għal rekwiżiti ta' liċenzja u kwalifika u l-proċeduri applikabbli fl-Istati Membri. Bħala regola ġenerali, din l-attività hi riżervata għall-ispiżjara. F'xi Stati Membri, il-forniment ta' mediċina bir-riċetta biss huwa riżervat għall-ispiżjara.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(b) Servizzi RuĠ fix-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi (CPC 852 esklużi servizzi ta' psikologi ¹)	Xejn.
(c) servizzi ta' RuĠ interdixxiplinari (CPC 853)	FI-UE: Għal servizzi ta' RuĠ iffinanzjati mill-pubbliku, id-drittijiet esklużivi u / jew l-awtorizzazzjonijiet jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni u lil persuni ġuridiċi tal-Unjoni li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-Unjoni.
D. Servizzi ta' proprjetà immobbli ²	
(a) Li jinvolvu proprjetà jew beni immobbli mikrija (CPC 821)	Xejn ħlief DK: It-titolu ta' "aġent tal-beni immobbli" tista' tintuża biss minn nies li ġew ammessi għar-reġistru tal-aġenti immobiljari. It-Taqsima 25(2) tal-Att dwar il-bejgħ ta' beni immobbli jistipula r-reqwiziti għal dawk li jistgħu jiġu ammessi għar-reġistru. Fost l-oħrajn, l-Att jeħtieġ li l-applikant ikun residenti fid-Danimarka jew residenti tal-Unjoni, iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jew l-Iżvizzera. Barra minn hekk, xi reqwiziti għall-għarfien teoretiku u għarfien Prattiku tal-applikanti għandhom jitqiesu bħala stabbiliti mill-Awtorità Daniża tal-Intrapriżi u l-Kostruzzjoni fil-linji gwida. L-Att dwar il-bejgħ tal-proprjetà immobbli huwa applikabbli biss meta jkun qed jittrattaw mal-konsumaturi Daniżi. Leġislazzjoni oħra li tikkonċerna l-aċċess għall-barranin li jixtru / jbigħu proprjetà fid-Danimarka jista' jkun applikabbli, pereż. reqwiziti ta' residenza.
(b) Fuq bażi ta' ħlas jew kuntratt (CPC 822)	Ebda, ħlief f'CY. F'CY: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.

¹ Parti minn CPC 85201, li tinsab f'6.A.(h) Servizzi Mediċi u Dentali.

² Is-servizz konċernat hu relatat mal-professjoni ta' aġent ta' proprjetà immobbi u ma jaffettwa l-ebda dritt u / jew restrizzjoni fuq persuni fiżiċi u ġuridiċi li jixtru proprjetà immobbli.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
E. Servizz ta' kera / lokazzjoni mingħajr operaturi	
(a) Relatati mal-vapuri (CPC 83103)	FI-AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FI, FR, HU, IE, IT, LU, LT, LV, MT, NL, PL, PT, RO, SE SI, SK, UK: Mingħajr restrizzjonijiet għall-istabbiliment ta' kumpanija reġistrata sabiex topera flotta taħt il-bandiera nazzjonali tal-Istat tal-istabbiliment. Fil-LT: Il-vapuri jridu jkunu proprjetà ta' persuni fiżiċi Litwani jew kumpaniji stabbiliti fil-Litwanja. FI-SE: Biex tittajjar bandiera Żvediża trid tingħata prova ta' influwenza operattiva Żvediża dominanti f'każ ta' interess ta' sjieda barranija fil-vapuri. Id-dominanza tal-influwenza operattiva Żvediża tfisser li l-operat tal-bastiment jinsab fl-Iżvezja u li l-vapur għandu wkoll sehem proporzjonalment kbir ta' sjieda jew pussess Żvediż ta' persuni f'pajjiż ieħor taż-ŻEE. Vapuri barranin oħra jistgħu taħt ċerti kundizzjonijiet jingħataw eżenzjonijiet minn din ir-regola fejn huma mikrija minn persuni ġuridiċi Żvediżi permezz ta' kuntratti ta' bareboat charter.
(b) Relatati mal-ajruplani (CPC 83104)	FI-UE: Inġenji tal-ajru użati minn linji tal-ajru tal-Unjoni għandhom ikunu rreġistrati fl-Istat Membr li jagħti l-liċenzja lil-linja tal-ajru jew xi mkien ieħor fl-Unjoni. L-inġenju tal-ajru jrid ikun proprjetà ta' persuni fiżiċi li jissodisfaw il-kriterji speċifiċi ta' nazzjonalità jew minn persuni ġuridiċi li jissodisfaw il-kriterji speċifiċi dwar is-sjieda ta' kapital u kontroll (inkluża n-nazzjonalità tad-diretturi). Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet għal kuntratti ta' kiri qosra jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali.
(c) Relatati ma' tagħmir tat-trasport ieħor (CPC 83101, CPC 83102 u CPC 83105)	Ebda, ħlief fl-SE. FI-SE: Il-fornituri ta' servizzi tal-kiri jew tal-leasing tal-karozzi u ta' ċerti vetturi off-road ("<i>terrängmotorfordon</i>") mingħajr xufier, mikrija jew leased għal perjodu ta' inqas minn sena, huma obbligati jaħtru lil xi ħadd biex ikun responsabbli, fost l-oħrajn, biex jiżgura li n-negozju jsir skont ir-regoli u r-regolamenti applikabbli u li jiġu segwiti r-regoli tas-sikurezza tat-traffiku fit-triq. Il-persuna responsabbli trid tkun residenti fl-Iżvezja.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(d) Relatati ma' tagħmir tat-trasport ieħor (CPC 83106, CPC 83107, CPC 83108 u CPC 83109)	Xejn.
(e) Relatati ma' prodotti personali u tad-dar (CPC 832)	Ebda, ħlief: Fil-BE, FR: Mhux marbuta għal CPC 83202.
(f) Kiri ta' tagħmir tat-telekomunikazzjoni (CPC 7541)	Xejn.
F. Servizzi oħra ta' negozju	
(a) Servizzi ta' reklamar (CPC 871)	Xejn.
(b) Riċerka tas-suq u sondaġġ (CPC 864)	Xejn.
(c) Servizzi ta' konsulenza dwar l-immaniġġar (CPC 865)	Xejn.
(d) Servizzi relatati mal-konsulenza dwar l-immaniġġar (CPC 866)	FI-HU: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' arbitrazzjoni u konċiljazzjoni (CPC 86602).

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(e) Servizzi ta' ttestjar u analiżijiet tekniċi (CPC 8676)	Xejn, ħlief f' CZ, SK: Le għal ferġat diretti (hija meħtieġa inkorporazzjoni) u f' CY. F' CY għal spiżjara u bijoloġisti: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.
(f) Servizzi ta' konsulenza u pariri relatati mal-agrikoltura, il-kaċċa u l-forestrija (parti minn CPC 881)	Xejn.
(g) Servizzi ta' konsulenza u pariri relatati mas-sajd (parti minn CPC 882)	Xejn.
(h) Servizzi ta' pariri u konsulenza marbutin mal-manifattura (parti minn CPC 884 u parti minn CPC 885)	Xejn.
(i) Servizzi ta' forniment u ta' kollokament tal-persunal	
(i) 1. Servizzi ta' Tfittxija ta' Persunal Eżekuttiv (CPC 87201)	Fi l-BG, CY, CZ, DE, EE, FI, HR, LT, LV, MT, PL, PT, RO, SI, SK: Bla restrizzjonijiet. Fi ES: Monopolju tal-Istat japplika.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(i) 2. Servizzi ta' Tqegħid (CPC 87202)	FI-AT, BG, CY, CZ, EE, FI, HR, LT, LV, MT, PL, PT, RO, SK: Bla restrizzjonijiet. FI-BE, ES, FR and IT: Monopolju tal-Istat japplika. FI-DE: L-awtorizzazzjoni hi soġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Il-kriterji prinċipali: is-sitwazzjoni u l-iżvilupp tas-suq tax-xogħol.
(i) 3. Servizzi ta' forniment ta' persunal ta' appoġġ għall-uffiċċju (CPC 87203)	FI-AT, BG, CY, CZ, DE, EE, FI, HR, LT, LV, MT, PL, PT, RO, SI, SK: Bla restrizzjonijiet. FI-IT: Monopolju tal-Istat japplika.
(i) 4. Servizzi ta' aġenziji tal-mudelli (CPC 87209)	Xejn.
(i) 5. Servizzi ta' forniment ta' persunal għall-għajnuna domestika, ħaddiema oħra kummerċjali jew industrijali, infermiera u persunal ieħor (CPCs 87204, 87205, 87206, 87209)	FI-Istati Membri kollha ħlief HU: Bla restrizzjonijiet. FI-HU: Xejn.
(j) 1. Servizzi ta' investigazzjoni (CPC 87301)	FI-BE, BG, CY, CZ, DE, EE, EL, ES, FR, HR, HU, IE, IT, LT, LU, LV, MT, NL, PL, PT, RO, SI, SK: Bla restrizzjonijiet.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(j) 2. Servizzi ta' sigurtà (CPC 87302, CPC 87303, CPC 87304 u CPC 87305)	Fi BG, CY, CZ, EE, FI, LT, LV, MT, PL, RO, SI, SK: Il-liċenzja tista' tinhereg biss liċ-ċittadini u lil organizzazzjonijiet irreġistrati nazzjonali. Fir-CZ, HR: Bla restrizzjonijiet. Fid-DK: Rekwiżiti ta' nazzjonalità u residenza għall-membri tal-bord japplikaw. Mingħajr restrizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi ta' gwardjani tal-ajruport. Fi ES: L-aċċess hu soġġett għall-awtorizzazzjoni minn qabel. Meta jagħti din l-awtorizzazzjoni, il-Kunsill tal-Ministri jrid jikkunsidra kundizzjonijiet bħal ma huma l-kompetenza, l-integrità professjonali u l-awtonomija, is-suffiċjenza tal-protezzjoni fornuta għas-sigurtà tal-popolazzjoni u l-ordni pubbliku. Il-kundizzjoni ta' ċittadinanza għal persunal speċjalizzat.
(k) Is-Servizzi relatati ta' konsulenza xjentifika u teknika (CPC 8675)	Fi FR: Investituri barranin jeħtieġu awtorizzazzjoni speċifika għal servizzi ta' esplorazzjoni u tiftix.
(l) 1. Manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti (parti minn CPC 8868)	Xejn.
(l) 2. Manutenzjoni u tiswija ta' apparat tat-trasport bil-ferrovija (parti minn CPC 8868)	Fi-LV: Monopolju tal-Istat japplika. Fi-SE: Japplika test tal-ħtiġijiet ekonomiċi meta investitur ikollu l-ħsieb li jistabbilixxi l-faċilitajiet tiegħu tal-infrastruttura tat-terminal. Il-kriterji prinċipali: limiti ta' spazju u ta' kapaċità.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(l) 3. Il-manutenzjoni u t-tiswija ta' vetturi bil-mutur, muturi u snowmobiles u tagħmir għat-trasport fuq it-triq (parti minn CPC 6112, CPC 6122, parti minn CPC 8867 u parti minn CPC 8868)	Fl-SE: Japplika test tal-ħtiġijiet ekonomiċi meta investitur ikollu l-ħsieb li jistabbilixxi l-faċilitajiet tiegħu tal-infrastruttura tat-terminal. Il-kriterji prinċipali: limiti ta' spazju u ta' kapacià.
(l) 4. Manutenzjoni u tiswija ta' ajruplani u parts tagħhom (parti minn CPC 8868)	Xejn.
(l) 5. Manutenzjoni u tiswija ta' prodotti tal-metall, ta' makkinarju (mhux tal-uffiċċju), ta' tagħmir (mhux tat-trasport u mhux tal-uffiċċju) u ta' prodotti personali u tad-dar ¹ (CPC 633, CPC 7545, CPC 8861, CPC 8862, CPC 8864, CPC 8865 u CPC 8866)	Xejn.

¹ Servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport (CPC 6112, 6122, 8867 u CPC 8868) jinstabu fi 6.F.(l)1. to 6.F.(l)4. Is-servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' makkinarju u tagħmir tal-uffiċċju inklużi l-kompjuters (CPC 845) jinsabu f'6.B. Servizzi tal-Kompjuter u Servizzi Relatati.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(m) Servizzi ta' tindif tal-bini (CPC 874)	Xejn.
(n) Servizzi fotografiċi (CPC 875)	Xejn.
(o) Servizzi ta' ppakkjar (CPC 876)	Xejn.
(p) Stampar u pubblikazzjoni (CPC 88442)	Fil-HR: Ir-rekwiżit ta' residenza għall-bord editorjali u l-pubblikaturi. Fil-LT, LV: Id-drittijiet li wieħed jistabbilixxi ruħu fis-settur tal-pubblikazzjoni jingħataw biss lil persuni ġuridiċi inkorporati nazzjonalment (mhux lill-fergħat). Fil-PL: Rekwiżit ta' nazzjonalità għall-editur kap tal-gazzetti u rivisti.
(q) Servizzi ta' kongressi (parti minn CPC 87909)	Xejn.
(r)1. Servizzi ta' traduzzjoni u interpretar (CPC 87905)	Fil-BG, HU, SK: Mingħajr restrizzjonijiet għal traduzzjoni u interpretazzjoni uffiċjali. Fid-DK: Bla restrizzjonijiet. Fil-HR: Bla restrizzjonijiet għas-servizzi tat-traduzzjoni u l-interpretrazzjoni għal / quddiem il-qrati Kroati. Fil-PL: Bla restrizzjonijiet għall-forniment tas-servizzi ta' interpretazzjoni bil-liċenzja.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(r) 2. Id-disinn intern u servizzi oħra marbutin mad-disinn ta' speċjalità (CPC 87907)	Xejn.
(r) 3. Servizzi ta' aġenziji li jiġbru d-dejn (CPC 87902)	Fir-CZ: Bla restrizzjonijiet. Fid-DK: Is-servizzi ta' aġenzija tal-ġbir tad-djun huma rregolati mil-Liġi Nru 319 tal-14 ta' Mejju 1997 (b'emendi sussegwenti) fuq il-ġbir tad-dejn. L-att fih numru ta' rekwiżiti għas-servizzi tal-ġbir tad-djun fid-Danimarka. Fost kwistjonijiet oħra l-att jistabbilixxi r-regoli għall-awtorizzazzjoni ta' min jiġbor id-dejn, l-approvazzjoni tal-persunal involut fil-ġbir tad-dejn, dispożizzjoni rigward il-ġbir tad-dejn u r-revoka tal-awtorizzazzjoni għal min jiġbor id-dejn. Fl-IT, PT: Il-kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-investituri tapplika.
(r) 4. Servizzi ta' tagħrif finanzjarju fuq il-konsumatur (CPC 87901)	Fil-BE: Għal databanks tal-kreditu tal-konsumaturi, kundizzjoni ta' nazzjoanlità għall-investituri. Fl-IT, PT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-investituri.
(r) 5. Servizzi ta' duplikazzjoni (CPC 87904) ¹	Xejn.
(r) 6. Servizzi ta' kollegament tat-telekomunikazzjonijiet (CPC 7544)	Xejn.
(r) 7. Servizzi tat-tweġib tat-telefon (CPC 87903)	Xejn.

¹ Ma jinkludix servizzi ta' stampar, li jaqgħu taħt CPC 88442 u jinsabu taħt 6.F.(p).

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
7. SERVIZZI TA' KOMUNIKAZZJONI	
A. Servizzi Postali u ta' Kurjer (Servizzi relati mal-maniġġar ta' oġġetti postali ¹ skont il-lista li ġejja ta' sottosetturi, kemm jekk għal destinazzjonijiet domestiċi kif ukoll barranin: (i) l-immaniġġar ta' komunikazzjonijiet miktubin indirizzati fuq kwalunkwe mezz fiżiku ² , inkluż servizz ta' posta ibrida u posta diretta; (ii) l-immaniġġar ta' kaxxi u pakketti indirizzati ³ ;	Xejn.

¹ “Oġġett postali” tfisser oġġetti pproċessati minn kwalunkwe tip ta' operatur kummerċjali, kemm pubbliku kif ukoll privat.

² Perez. ittri, kartolini.

³ Kotba u katalgi huma inklużi hawn taħt.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(iii) l-immaniġġar ta' prodotti stampati indirizzati ¹ ; (iv) l-immaniġġar tal-oġġetti msemmija hawn fuq minn (i) sa (iii) bħala posta rreġistrata jew assicurata; (v) is-servizzi ta' kunsinna express ² għall-oġġetti msemmija hawn fuq fil-punti minn (i) sa (iii) hawn fuq; (vi) l-immaniġġar ta' oġġetti mhux indirizzati; u (vii) l-iskambju ta' dokumenti ³ .	

¹ Ġurnali, gazzetti, u rivisti.

² Is-servizzi ta' kunsinna express jistgħu jinkludu, flimkien ma' veloċità u affidabbiltà akbar, elementi ta' valur miżjud bħal ma huma għbir mill-punt tal-oriġini, kunsinna personali lid-destinatarju, intraċċar u tiftix, il-possibbiltà ta' bdil tad-destinazzjoni u tad-destinatarju waqt it-tranżitu, u konferma tal-wasla.

³ Provvista tal-mezzi, inklużi l-provvista ta' bini *ad hoc* kif ukoll trasport minn parti terza, li tippermetti awtotwassil permezz ta' skambju reċiproku ta' oġġetti postali bejn utenti sottoskritti għal dan is-servizz. "Oġġett postali" tfisser oġġetti pproċessati minn kwalunkwe tip ta' operatur kummerċjali, kemm pubbliku kif ukoll privat.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Is-sottosetturi (i), (iv) u (v), madankollu, huma esklużi meta dawn jaqgħu fl-ambitu tas-servizzi li jistgħu jkunu riżervati għal oġġetti ta' korrispondenza li l-prezz tagħhom ikun inqas minn ħames darbiet it-tariffa bażika pubblika, sakemm dawn ikunu jiżnu inqas minn 100 gramma¹, u għas-servizz ta' posta reġistrata użata matul il-proċeduri ġudizzjali jew amministrattivi.) (parti minn CPC 751, parti minn CPC 71235² u parti minn CPC 73210³)	

1. Il-lista ta' impenji speċifikati f'dan l-Appendiċi tindika s-setturi liberalizzati skont l-Artikolu 8.7 (Skeda ta' Impenji Speċifiċi) u l-Artikolu 8.12 (Skeda ta' Impenji Speċifiċi) li għalihom japplikaw limitazzjonijiet fuq viżitaturi kummerċjali, trasferiti intra-korporattivi, bejjiegħa kummerċjali u fornituri tas-servizz kuntrattwali skont l-Artikoli 8.14 (Viżitaturi Kummerċjali u Trasferiti Intra-Korporattivi), 8.15 (Bejjiegħa Kummerċjali) u 8.16 (Fornituri tas-Servizz Kuntrattwali). Din il-lista tikkonsisti fl-elementi li ġejjin:
 - (a) l-ewwel kolonna tindika s-settur jew is-sottosettur li fih japplikaw il-limitazzjonijiet; u
 - (b) it-tieni kolonna tiddekrivi l-limitazzjonijiet applikabbli.

2. L-Unjoni ma twettaq l-ebda impenn għal viżitaturi kummerċjali jew trasferiti intra-korporattivi f'setturi li mhumiex liberalizzati (jibqgħu mhux marbuta) skont l-Artikoli 8.4 (Aċċess għas-Suq) u 8.10 (Aċċess għas-Suq).
3. L-Unjoni ma twettaq l-ebda impenn għall-fornituri ta' servizzi kontrattwali f'setturi li mhumiex elenkati fl-Artikolu 8.16 (Fornituri tas-Servizz Kuntrattwali).
4. L-impenji għal viżitaturi kummerċjali trasferiti intra-korporattivi u fornituri tas-servizz kuntrattwali ma japplikawx f'każijiet fejn l-għan jew l-effett tal-preżenza temporanja tagħhom huwa li jinterferixxi mal-eżitu ta' kwalunke tilwima jew negozjati bejn il-ħaddiema / il-maniġment, jew b'xi mod ieħor jaffettwahom.

5. Il-lista li tinsab hawn taħt ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u mal-proċeduri tal-kwalifiki, standards tekniċi u rekwiżiti u proċeduri ta' liċenzji meta dawn ma jkunux jikkostitwixxu limitazzjoni fit-tifsira tat-Taqsima D (Preżenza Temporanja ta' Persuni Fiżiċi għal Skopijiet Kummerċjali). Dawk il-miżuri, bħall-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, il-ħtieġa li jinkiseb rikonoxximent ta' kwalifiki f'setturi regolati, il-ħtieġa li jsiru eżamijiet speċifiċi, inklużi eżamijiet lingwistiċi, u l-ħtieġa li jkun hemm domiċilju legali fit-territorju fejn titwettaq l-attività ekonomika, anke jekk mhux elenkati f'dan l-Appendiċi, japplikaw fi kwalunkwe każ għal viżitaturi kummerċjali, trasferiti intra-korporattivi u fornituri ta' servizzi kontrattwali tal-Vjetnam.
6. Ir-rekwiżiti kollha skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Unjoni rigward miżuri ta' dħul, residenza, impjieg u sigurtà soċjali jkomplu japplikaw, inkluż ir-regolamenti dwar il-perjodu ta' residenza, il-paga minima, kif ukoll ftehimiet kollettivi dwar is-salarju, anki jekk dawn ma jkunux elenkati f'dan l-Appendiċi.
7. Skont il-paragrafu 6(a) tal-Artikolu 8.1 (Għan u Kamp ta' Applikazzjoni), il-lista ta' impenji speċifikata f'dan l-Appendiċi ma tinkludix miżuri dwar sussidji mogħtija minn Parti.

8. Il-lista ta' impenji speċifikati f'dan l-Appendiċi hija mingħajr preġudizzju għall-eżistenza ta' monopolji pubbliċi u drittijiet esklussivi kif deskritti fil-lista ta' impenji dwar il-liberalizzazzjoni tal-investimenti stabbiliti fl-Appendiċi 8-A-2.
9. Fis-setturi fejn jiġu applikati testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi, il-kriterji ewlenin tagħhom se jkunu l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni rilevanti tas-suq fl-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea jew ir-reġjun fejn għandu jiġi pprovdut is-servizz, inkluż fir-rigward tal-għadd ta' fornituri eżistenti tas-servizz u l-impatt fuqhom.
10. Id-drittijiet u l-obbligi li ġejjin minn dan il-Ftehim, inkluża l-lista ta' hawn taħt ma għandu jkollhom l-ebda effett awtoeżekuttiv, u għalhekk ma jagħtu l-ebda dritt direttament lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi.
11. Għal ċertezza akbar, il-lista ta' impenji speċifikati f'dan l-Appendiċi tapplika biss għat-territorji li fihom it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea huma applikati u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawn it-Trattati, fil-kuntest tar-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Vjetnam, min-naħa l-oħra. Hija ma taffettwax id-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri li jiġu mil-liġi tal-Unjoni.
12. L-Unjoni tiegħu impenji ddifferenzjati mill-Istati Membri tagħha, fejn applikabbli.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
SETTURI KOLLHA	Kamp ta' applikazzjoni tal-persuni ttrasferiti fil-kumpanija Fil-BG: In-numru ta' persuni ttrasferiti fil-kumpanija m'għandux jaqbeż l-10 % tal-medja annwali ta' ċittadini tal-Unjoni impjegati mill-persuna ġuridika Bulgara. Jekk din timpjega anqas minn 100 persuna, in-numru ta' persuni ttrasferiti fil-kumpanija jista' jaqbeż l-10 %, suġġett għal awtorizzazzjoni. Fl-HU: Bla restrizzjonijiet għal persuna naturali li hija msieħba ta' persuna ġuridika fil-Vjetnam.
SETTURI KOLLHA	Impjegati apprendisti Fl-AT, DE, ES, FR, HU, LT, SK: it-taħriġ għandu jkun marbut ma' lawrja tal-università li nkisbet.
SETTURI KOLLHA	Diretturi maniġerjali u awdituri Fl-AT: Diretturi maniġerjali ta' ferġhat ta' persuni ġuridiċi jridu jkunu residenti fl-Awstrija; Persuni fiżiċi f'entità ġuridika jew ferġha li tkun responsabbli għall-osservanza tal-Att dwar il-Kummerċ tal-Awstrija jrid ikollha domiċilju fl-Awstrija.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Fil-FI: Barrani li jaħdem bħala intraprenditur privat jeħtieġ permess kummerċjali u għandu jkun resident permanenti fl-Unjoni. Għas-setturi kollha, ħlief għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni u ħtiġijiet ta' residenza japplikaw għal direttur maniġerjali ta' kumpanija limitata. Għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni, residenza permanenti għald-direttur maniġerjali. Fi FR: Id-direttur maniġerjali ta' attività industrija, kummerċjali jew artiġjanali, jekk ma jkunx id-detentur ta' permess ta' residenza, jeħtieġ awtorizzazzjoni speċifika. Fir-RO: Il-maġġoranza tal-awdituri tal-kumpaniji kummerċjali u d-deputati tagħhom iridu jkunu ċittadini Rumani. Fl-SE: Id-direttur maniġerjali ta' persuna ġuridika jew ferġha jkun jgħix fl-Iżvezja.
SETTURI KOLLHA	Rikonoxximent Fl-UE: Direttivi tal-Unjoni dwar rikonoxximent reċiproku ta' diplomi japplikaw biss għaċ-ċittadini tal-Unjoni. Id-dritt li tipprattika servizz irregolat ta' professjoni fi Stat Membru wieħed tal-Unjoni ma jagħtix id-dritt ta' prattika fi Stat Membru ieħor¹.

¹ Sabiex ċittadini mhux tal-Unjoni jiksbu rikonoxximent fl-Unjoni kollha għall-kwalifiki tagħhom, huwa meħtieġ ftehim ta' rikonoxximent reċiproku, innegozjat fil-qafas definit fl-Artikolu 8.22. (Ftehim Ta' Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki Professjonali), huwa meħtieġ.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
4. IL-MANIFATTURA ¹	
H. Pubblikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta' midja rrekordjata (ISIC rev 3.1: 22), minbarra l-pubblikazzjoni u l-istampar fuq bażi ta' ħlas jew kuntratt ²	Għal Viżitaturi Negożjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: FI-IT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-pubblikaturi. FI-HR: Rekwiżit ta' residenza għall-pubblikaturi. FI-PL: Rekwiżit ta' nazzjonalità għall-editur kap tal-gazzetti u rivisti. FI-SE: Ir-rekwiżit tar-residenza għall-pubblikaturi u s-sidien ta' djar tal-pubblikazzjoni u kumpaniji tal-istampar.
6. SERVIZZI TA' NEGOZJI	
A. Servizzi professjonali	

¹ Dan is-settur ma jinkludix servizz ta' konsulenza dwar il-manifattura, li jinsabu fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJI taħt 6.F).(h).

² Pubblikazzjoni u stampar fuq bażi ta' miżata jew kuntratt jinstabu fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJU under 6.F.(p).

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(a) Servizzi legali (CPC 861) ¹ għajr pariri legali u dokumenti legali u servizzi ta' awtentikar legali pprovduti minn professjonisti legali b'funzjonijiet pubbliċi, bħal nutara, “ <i>huissiers de justice</i> ” jew “ <i>officiers publics et ministériels</i> ” oħra	Għal Viżitaturi Negozjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: FI-AT, CY, ES, EL, LT, MT, PL, RO, SK: L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura rikjesta għall-prattika tal-liġi domestika (tal-Unjoni u tal-Istat Membru), hija soġġetta għal kundizzjoni ta' ċittadinanza. Għal ES, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu eżenzjonijiet. Fil-BE, FI, LU: Sħubija sħiħa fil-Kamra tal-Avukati, meħtieġa għal servizzi tar-rappreżentanza legali, hija soġġetta għall-kundizzjoni ta' ċittadinanza, flimkien mar-rekwiżit tar-residenza. Fil-BE, hemm kwoti li japplikaw għar-rappreżentanza quddiem il-“<i>Cour de cassation</i>” f'każijiet mhux kriminali. Fil-BG: L-avukati Vjetnamiżi jistgħu biss jipprovdu servizzi ta' rappreżentanza legali lil ċittadin Vjetnamiż soġġett għar-reċiproċità u l-kooperazzjoni ma' avukat Bulgaru. Għal servizzi ta' medjazzjoni legali, ir-residenza permanenti hija meħtieġa. Fid-DK: Ir-rikliamar ta' attivitajiet ta' konsulenza legali huwa limitat għal avukati b'liċenzja Daniża għall-prattika. Rekwiżit ta' eżami legali Daniż sabiex tinkiseb liċenzja Daniża

¹ Tinkludi servizzi ta' konsulenza legali, servizzi ta' rappreżentanza legali, arbitraġġ legali u servizzi ta' konċiljazzjoni / medjazzjoni, u servizzi ta' dokumenti u ta' awtentikar legali.

Il-provviżjoni ta' servizzi legali huwa awtorizzat biss fir-rigward tal-liġi internazzjonali pubblika, il-liġi tal-UE u l-liġi ta' kwalunkwe ġurisdizzjoni fejn il-fornitur tas-servizz jew l-impjegati tiegħu jkunu kkwaliċikati biex jipprattikaw bħala avukati, u, bħall-provviżjoni ta' servizzi oħra, ikun soġġett għar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-liċenzja li japplikaw fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Għall-avukati li jipprovdu servizzi legali fir-rigward tad-dritt internazzjonali pubbliku u l-liġi barranija, dawn ir-rekwiżiti u l-proċeduri ta' liċenzjar jistgħu, fost oħrajn, jieħdu l-forma ta' konformità mal-kodiċi ta' etika lokali, l-użu ta' titolu lokali (sakemm ikun inkiseb ir-rikonnoxximent mat-titolu lokali), rekwiżiti ta' assigurazzjoni, reġistrazzjoni sempliċi mal-Avukatura tal-pajjiż ospitanti jew sħubija simplifikata fl-Avukatura tal-pajjiż ospitanti permezz ta' test ta' attitudni u uffieċċju legali jew professjonali fil-pajjiż ospitanti. Is-servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni għandhom, fil-prinċipju, jitwettqu minn jew permezz ta' avukat ikkwaliċikat mogħti l-awtorizzazzjoni tal-prattika ta' avukat fi Stat Membru tal-Unjoni li jaġixxi fuq bażi personali, filwaqt li s-servizzi legali fir-rigward tal-liġi ta' Stat Membru tal-Unjoni għandhom, fil-prinċipju, jitwettqu minn jew permezz ta' avukat mogħti l-awtorizzazzjoni tal-prattika ta' avukat f'dak l-Istat Membru waqt li jaġixxi fuq bażi personali. L-ammissjoni sħiħa fl-Avukatura tal-Istat Membru rilevanti tal-Unjoni tista' għalhekk tkun meħtieġa għar-rappreżentanza fil-qrati u awtoritajiet kompetenti oħra fl-Unjoni billi tinvolvi l-prattika ta' liġi proċedurali nazzjonali u tal-Unjoni. Madankollu, f'ċerti Stati Membri, avukati barranin li ma jkollhomx sħubija sħiħa fil-Kamra tal-Avukati jkunu awtorizzati li jirrappreżentaw parti fi proċeduri ċivili li tkun ċittadin ta' jew tappartjeni lil Stat li fih l-avukat ikun awtorizzat li jipprattika.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Fi FR: L-aċċess tal-avukati għall-professjoni ta' “<i>avocat auprès de la Cour de Cassation</i>” u “<i>avocat auprès du Conseil d’Etat</i>” huwa soġġett għal kwoti u kundizzjoni ta' nazzjonalità. Fil-HR: Ammissjoni sħiħa għall-Qorti, metħieġa għal servizzi ta' rappreżentanza legali, hija suġġetta għal kundizzjoni ta' ċittadinanza (ċittadinanza Kroata u, wara dħul fl-Unjoni, ċittadinanza ta' Stat Membru). Fl-HU: L-ammissjoni sħiħa għall-Avukatura hija suġġetta għal kundizzjoni ta' ċittadinanza, flimkien ma' rekwiżit ta' residenza. Għal avukati barranin, l-ambitu tal-attivitajiet legali huwa limitat għall-ġhoti ta' pariri legali, li għandu jseħħ fuq il-bażi ta' kuntratt ta' kollabo razzjoni konkluż ma' prokuratur Ungeriż jew ditta ta' avukati Ungeriża. Fil-LU: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza għall-ġhoti ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-Lussemburgu u tal-UE. Fil-LV: Ir-rekwiżit ta' nazzjonalità għal avukati liċenzjati li r-rappreżentanza legali fi proċedimenti kriminali hi riżervata għalihom Fl-SE: L-ammissjoni fl-avukatura, meħtieġa biss għall-użu tat-titlu Żvediż "<i>advokat</i>", hija soġġetta għal rekwiżit ta' residenza.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Fis-SI: Ir-rappreżentanza tal-klijenti quddiem il-qorti kontra l-ħlas hija kkundizzjonata minn preżenza kummerċjali fis-Slovenja, ħlief meta avukati barranin jidħlu fir-reġistru taħt it-titlu professjonali tal-pajjiż tagħhom u jaħdmu ma' avukat li għandu d-dritt li jipprattika l-liġi fis-Slovenja taħt it-titolu Sloven "avukat" ("odvetnik"). L-avukati kollha (dawk bit-titlu Sloven "odvetnik" u dawk b'titolu professjonali minn pajjiżhom) għandhom jidħlu fir-Reġistru tal-Avukati. L-avukati kollha għandhom ikunu membri tal-Avukatura.
(b) 1. Servizzi tal-kontabbiltà u taż-żamma tal-kotba (CPC 86212 minbarra "servizzi ta' awditjar", CPC 86213, CPC 86219 u CPC 86220)	Għal Viżitaturi Negozjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: Fi FR: Għoti ta' servizzi tal-kontabbiltà u ż-żamma tal-kotba hi kundizzjonali fuq deċiżjoni tal-Ministeru tal-Ekonomija, tal-Finanzi u tal-Industrija, bi qbil mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin. Ir-rekwiżit tar-residenza ma jistax jaqbeż ħames snin.
(b) 2. Servizzi tal-awditjar (CPC 86211 u 86212 minbarra servizzi ta' kontabbiltà)	Għal Viżitaturi Negozjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: Fl-AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal rappreżentazzjoni quddiem awtoritajiet kompetenti u għat-twettiq ta' awditjar msemija fil-liġijiet Awstrijaċi speċifiċi (pereż. liġi dwar il-kumpaniji b'titoli konġunti, liġi dwar il-borża, liġi dwar il-bankarja, eċċ.) Flimkien mal-impenji orizzontali fuq talba ta' konsumatur, awdituri jistgħu temporanjament jidħlu fit-territorju tal-Awstrija sabiex ifornu servizz speċifiku. Minkejja dan, bħala regola persuni fiżiċi li jfornu servizzi ta' verifika mitluba li jkollhom iċ-ċentru professjonali tagħhom (preżenza kummerċjali) fl-Awstrija.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Fid-DK: Rekwiżit ta' residenza. Fil-EL: Kundizzjoni ta' ċittadinanza għall-awdituri statutarji. F'ES: Kundizzjoni ta' ċittadinanza għal awdituri statutarji u għall-amministraturi, diretturi u msieħba ta' kumpaniji minbarra dawk koperti bid-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("it-Tmien Direttiva dwar il-Liġi tal-Kumpaniji"). Fil-HR: Awdituri ċċertifikati biss li jkollhom liċenzja rikonoxxuta formalment mill-Kamra tal-Awdituri Kroati jistgħu jipprovdu servizzi ta' awditjar. Fil-FI: Rekwiżit ta' residenza għal tal-inqas wieħed mill-awdituri ta' kumpanija Finlandiża ta' Responsabbiltà. Fl-IT: Kundizzjoni ta' ċittadinanza għall-amministraturi, diretturi u msieħba ta' kumpaniji minbarra dawk koperti bid-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("it-Tmien Direttiva dwar il-Liġi tal-Kumpaniji"). Rekwiżit ta' residenza għal awdituri individwali.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Fil-LV: Is-sid tal-ishma jew il-kap tal-impriża għandu jkun kwalifikat bħala awditur li ħa l-ġurament fil-Latvja. Awdituri li ħadu l-ġurament jistgħu jkunu persuni li ma jkollhomx inqas minn 25 sena u: a) ikollhom diploma fl-ekonomija jew fi speċjalitajiet oħra, jekk jgħaddu minn eżami dwar ekonomija bażika; b) li għandhom mill-anqas tliet snin esperjenza fl-awditjar rikonoxxuti mill-Assoċjazzjoni Latvjana ta' Awdituri li ħadu l-ġurament; c) ikunu għaddew mill-eżami ta' kwalifikazzjoni u kisbu liċenzja ta' awditur bil-ġurament skont ir-rekwiżiti tal-Assoċjazzjoni Latvjana ta' Awdituri li ħadu l-ġurament; d) ikunu ta' reputazzjoni eċċellenti. Fl-SE: L-awdituri approvati fl-Iżvezja biss jistgħu jwettqu servizzi legali ta' verifika f'ċerti entitajiet legali, inter alia, fil-kumpaniji limitati kollha. Ir-residenza hija meħtieġa għall-approvazzjoni.
(c) Servizzi ta' konsulenza dwar it-tassazzjoni (CPC 863) ¹	Għal Viżitaturi Negozjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: Fl-AT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għar-rappreżentazzjoni quddiem l-awtoritajiet kompetenti. Fil-BG, SI: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti. Fl-HU: Rekwiżit ta' residenza.

¹ Għal aktar ċertezza, dan ma jinkludix servizzi ta' konsulenza legali u servizzi ta' rappreżentanza legali dwar kwistjonijiet ta' taxxa, li jinsabu taħt 6.A.a) Servizzi Legali.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(d)Servizzi Arkitettoniċi u (e)Servizzi tal-ippjanar urban u tal-pajsaġġ arkitetturali (CPC 8671 u CPC 8674)	Għal Viżitaturi Negożjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: Fl-EE: Tal-inqas persuna reponsabbli (manġer tal-proġetti jew konsulent) trid tkun residenti fl-Estonja. Fil-BG: Speċjalisti barranin irid ikollhom esperjenza ta' mill-anqas sentejn fis-settur tal-bini. Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal servizzi ta' ppjanar urban u servizzi arkitettoniċi tal-pajżaġġ Fil-EL, HR, HU, SK: Rekwiżit ta' residenza. Fi FR: L-użu ta' titolu professjonali minn professjonisti kkwalifikati f'pajjiżi terzi mhuwiex possibbli ħlief fil-qafas ta' ftehimiet ta' rikonossiment reċiproku. Fi FR: Kundizzjoni ta' nazzjonalità ħlief jekk revokata minn awtorizzazzjoni ministerjali. Għal Servizzi ta' Arkitettura biss: Għal Viżitaturi Negożjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: Fl-AT: Meħtieġa preżenza kummerċjali Fil-BG: L-aċċess huwa limitat għal persuni fiżiċi suġġett għar-rikonossiment tal-kwalifiki tekniċi u l-akkreditazzjoni tagħhom minn kamra ta' professjonisti fil-Bulgarija. F'CY, PT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità. F'MT, PL: Bla restrizzjonijiet.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Għal Fornituri ta' Servizzi Kuntrattwali: Għal Servizzi ta' arkitettura biss Fil-FI: Il-persuna fiżika trid turi li għandha għarfien speċjali rilevanti għas-servizz li qed ikun furnut. Fil-BG, CZ, DE, DK, FI, HU, LT, LV, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fil-AT: Servizzi tal-ippjanar biss, soġġett għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fil-HR, HU, SK: Rekwiżit ta' residenza. F'CY: Bla restrizzjonijiet.
(f) Servizzi ta' inġinerija u (g) Servizzi tal-inġinerija integrata (CPC 8672 u CPC 8673)	Għal Viżitaturi Negożjanti, Trasferimenti Intra-ażġendali, Bejjiegħa Kummerċjali: Fl-EE: Tal-inqas persuna reponsabbli (maniġer tal-proġetti jew konsulent) trid tkun residenti fl-Estonja. Fil-BG: Speċjalisti barranin irid ikollhom esperjenza ta' mill-anqas sentejn fis-settur tal-bini. Fir-CZ, HR, SK: Rekwiżit ta' residenza. Fil-EL, HU: Rekwiżit ta' residenza (għal CPC 8673 Rekwiżit ta' residenza japplika biss għall-impjegati apprentice). F'CY: Kundizzjoni tan-nazzjonalità

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Għal servizzi ta' inġinerija Integrata biss; Fl-AT: Meħtieġa preżenza kummerċjali Fil-BG: L-aċċess huwa limitat għal persuni fiżiċi suġġett għar-rikonoxximent tal-kwalifiki tekniċi u l-akkreditazzjoni tagħhom minn kamra ta' professjonisti fil-Bulgarija. L-akkreditazzjoni hija suġġetta għall-kriterji li ġejjin: kwalifika teknika rikonoxxuta fil-Bulgarija; esperjenza fil-qasam tal-bini; proġetti mwettqa matul l-aħħar sentejn; persunal u kapaċità teknika. F'CY, CZ, MT, PL, RO: Bla restrizzjonijiet Għal Fornituri ta' Servizzi Kuntrattwali: Għal servizzi ta' Inġinerija biss: Fil-FI: Il-persuna fiżika trid turi li għandha għarfien speċjali rilevanti għas-servizz li qed ikun fornut. Fil-BG, CZ, DE, DK, FI, HU, LT, LV, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fl-AT: Servizzi tal-ippjanar biss, soġġett għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fil-HR, HU: Rekwiżit ta' residenza. F'CY: Bla restrizzjonijiet.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(h)Servizzi Mediċi (inklużi Psikologi) u Dentali (CPC 9312 u parti minn CPC 85201)	Għal Viżitaturi Negożjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: Fl-AT: Mhemmx irbit għal servizzi mediċi u dentali ħlief psikologi u psikoterapisti. F'CY, EL: Kundizzjoni ta' nazzjonalità. Fir-CZ, IT, SK: Rekwiżit ta' residenza. Fir-CZ, LT, SK: Awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hija meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin. Fil-BE, LU: Għal Impjegati Apprendisti, l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hi meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin. F'MT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Fil-DE: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza li tista' tiġi eżentata fuq bażi eċċezzjonali f'każijiet ta' interess għas-saħħa pubblika. Fid-DK: Awtorizzazzjoni limitata sabiex titwettaq funzjoni speċifika tista' tingħata għal massimu ta' 18-il xahar u teħtieġ residenza. Fi FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Madankollu, l-aċċess huwa possibbli fi kwoti stabbiliti annwalment. Fil-HR: Il-persuni kollha li jipprovdu servizzi direttament lil pazjenti / li jittrattaw lil pazjenti jeħtieġu liċenzja mill-kamra tal-professjoni.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Fil-LV: Għal servizzi mediċi u dentali, rekwiżit ta' nazzjonalità. Il-prattika tal-professjoni medika minn barranin teħtieġ permess mill-awtorità tas-saħħa lokali, ibbażat fuq il-ħtiġijiet ekonomiċi għal tobba u dentisti f'reġjun partikolari. Fil-PL: Il-prattika tal-professjoni medika minn barranin teħtieġ il-permess. Tobba barranin għandhom drittijiet limitati ta' elezzjoni fil-kmamar tal-professjonisti. Rekwiżit tan-nazzjonalità. Fil-PT: Rekwiżit ta' residenza għall-psikologi. Kundizzjoni ta' nazzjonalità. Fil-BG, FI, RO: Bla restrizzjonijiet.
(i) Servizzi Veterinarji (CPC 932)	Għal Viżitaturi Negozjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: Fil-BG, DE, EL, FR, HR, HU: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. F'CY,CZ, SK: Kundizzjoni ta' nazzjonalità u rekwiżit ta' residenza. FI-IT: Rekwiżit ta' residenza. Fil-PL: Rekwiżit tan-nazzjonalità. Persuni barranin jistgħu japplikaw għall-permess biex jipprattikaw.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(j) 1. Servizzi ta' qbiela (parti minn CPC 93191)	Għal Viżitaturi Negozjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: Fil-BG, CZ, CY, EE, HU, RO, SI: Bla restrizzjonijiet. Fl-AT: Sabiex tistabbilixxi Prattika professjonali fl-Awstrija, il-persuna kkonċernata trid tkun ipprattikat il-professjoni kkonċernata għal mill-inqas tliet snin qabel l-istabbiliment ta' dik il-professjoni legali. Fil-BE, LU: Għal apprendisti gradwati, l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hi meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin. Fi FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Madankollu, l-aċċess huwa possibbli fi kwoti stabbiliti annwalment. Fl-IT: Rekwiżit ta' residenza. Fil-LT: Awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hija meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin. Fil-LV: Soġġett għall-ħtiġijiet ekonomiċi, stabbilit bin-numru totali ta' qwiebel f'reġjun partikolari, awtorizzati mill-awtoritajiet tas-saħħa lokali. Fil-PL: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Persuni barranin jistgħu japplikaw għall-permess biex jipprattikaw. Fis-SK: Rekwiżit ta' residenza. Fil-HR: Il-persuni kollha li jipprovdu servizzi direttament lil pazjenti / li jittrattaw lil pazjenti jeħtieġu liċenzja mill-kamra tal-professjoni.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(j) 2. Servizzi pprovduti mill-infirmiera, il-fiżjoterapisti u l-persunal paramediku (parti minn CPC 93191)	Għal Viżitaturi Negożjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: Fil-BG, CZ, EE, ES, HU, MT, RO, SI, SK: Bla restrizzjonijiet. Fl-AT: Persuni fiżiċi jistgħu jistabbilixxu prattika professjonali fl-Awstrija sakemm il-persuna kkonċernata pprattikat il-professjoni fil-kwistjoni għal mill-anqas tliet snin qabel it-twaqqif tal-prattika professjonali fl-Awstrija Fil-BE, FR, LU: Għal apprendisti gradwati, l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hi meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin. F'CY, EL, PT, PL: Kundizzjoni ta' nazzjonalità. Fid-DK: Awtorizzazzjoni limitata sabiex titwettaq funzjoni speċifika tista' tingħata għal massimu ta' 18-il xahar u teħtieġ residenza. Fil-EL, IT: Suġġett għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi: id-deċiżjoni hi suġġetta għal pożizzjonijiet vakanti u nuqqasijiet reġjonali. Fil-HR: Il-persuni kollha li jipprovdu servizzi direttament lil pazjenti / li jittrattaw lil pazjenti jeħtieġu liċenzja mill-kamra tal-professjoni. Fil-LT: Awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hija meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin. Fil-LV: Rekwiżit tan-nazzjonalità. L-aċċess huwa limitat għal persuni fiżiċi biss. Ħtiġijiet ekonomiċi determinati min-numru totali ta' infirmiera f'reġjun partikolari, awtorizzati mill-awtoritajiet lokali tas-saħħa.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(k)Bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċinali u bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċinali u ortopediċi u servizzi oħra pprovduti minn spiżjara ¹	Għal Viżitaturi Negożjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: Fi FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Madankollu, fi kwoti stabbiliti, l-aċċess għal ċittadini tal-Vjetnam hu possibbli sakemm il-fornitur tas-servizz ikollu grad universitarju Franċiż fil-farmaċija. F'CY, DE, EL, SK: Kundizzjoni ta' nazzjonalità. Fl-HU: Kundizzjoni ta' nazzjonalità ħlief għal bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċi u ortopediċi (CPC 63211). Fl-IT, PT: Rekwiżit ta' residenza. Fil-LT: Awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hija meħtieġa għal persuni fiżiċi barranin. Fis-SK: Rekwiżit ta' residenza
B. Servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati (CPC 84)	Għal Fornituri ta' Servizzi Kuntrattwali: Fl-AT, BG, CY, CZ, DE, DK, FI, HU, LT, LV, RO, SK, UK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Fil-HR: Rekwiżit ta' residenza.
D. Servizzi ta' proprjetà immobbli ²	

¹ Il-forniment tal-farmaċewtiċi lill-pubbliku ġenerali, bħall-għoti ta' servizzi oħra, huwa soġġett għal rekwiżiti ta' liċenzji u kwalifiki u l-proċeduri applikabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni. Bħala regola ġenerali, din l-attività hi riżervata għall-ispiżjara. F'xi Stati Membri, il-forniment ta' mediċina bir-riċetta biss huwa riżervat għall-ispiżjara.

² Is-servizz konċernat hu relatat mal-professjoni ta' aġent ta' proprjetà immobbli u ma jaffettwa l-ebda dritt u / jew restrizzjoni fuq persuni fiżiċi u ġuridiċi li jixtru proprjetà immobbli.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(a) Li jinvolvu proprjetà jew beni immobbli mikrija (CPC 821)	Għal Viżitaturi Negożjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: F'CY, LV, MT, SI: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Fi FR, HU, IT, PT: Rekwiżit ta' residenza.
(b) Fuq bażi ta' ħlas jew kuntratt (CPC 822)	F'CY, LV, MT, SI: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Fid-DK: Ħtieġa ta' residenza sakemm mhux imneħħija mill-Aġenzija Daniża tal-Kummerċ u tal-Kumpaniji. Fi FR, HU, IT, PT: Rekwiżit ta' residenza.
E. Servizz ta' kera / lokazzjoni mingħajr operaturi	
(e) Relatati ma' prodotti personali u tad-dar (CPC 832)	Għal Viżitaturi Negożjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: FI-UE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti u għall-impjegati apprendisti
(f) Kiri ta' tagħmir tat-telekomunikazzjoni (CPC 7541)	Għal Viżitaturi Negożjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: FI-UE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti u għall-impjegati apprendisti

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
F. Servizzi oħra ta' negozju	
(e) Servizzi ta' ttestjar tekniku u analiżi (CPC 8676)	Għal Viżitaturi Negożjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: Fl-AT: Meħtieġa preżenza kummerċjali. F'CY: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. F'CZ, MT, PL, RO, SK, SE: Bla restrizzjonijiet. Fl-IT, PT: Rekwiżit ta' residenza għall-bijologi u għall-analisti kimiċi.
(f) Servizzi ta' konsulenza u pariri relatati mal-agrikoltura, il-kaċċa u l-forestrija (parti minn CPC 881)	Għal Viżitaturi Negożjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: Fl-AT: Meħtieġa preżenza kummerċjali. Fl-IT: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza għall-agronomisti u "<i>periti agrari</i>". F'CY, EE, MT, RO, SI: Bla restrizzjonijiet.
(j) 2. Servizzi ta' sigurtà (CPC 87302, CPC 87303, CPC 87304 u CPC 87305)	Għal Viżitaturi Negożjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: Fl-AT: Meħtieġa preżenza kummerċjali. Fil-BE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità u rekwiżit ta' residenza għall-persunal tal-ġestjoni. Fid-DK: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza u rekwiżit ta' residenza għall-maniġers. Bla restrizzjonijiet għal servizzi ta' għassa tal-ajruport.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Fi ES, PT: Il-kundizzjoni ta' ċittadinanza għal persunal speċjalizzat. Fi FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal diretturi maniġerjali u diretturi. Fl-IT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità u residenza sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni meħtieġa għas-servizzi ta' gwardjani tas-sigurtà u t-trasport ta' oġġetti prezzjużi. Fil-BG, CY, CZ, EE, LV, LT, MT, PL, RO, SI, SK: Bla restrizzjonijiet.
(k) Is-Servizzi relatati ta' konsulenza xjentifika u teknika (CPC 8675)	Għal Viżitaturi Negozjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: Fil-BG: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti. Fil-DE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal surveyors li ġejjin mis-settur pubbliku. Fi FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għas-"sorveljar" ta' operazzjonijiet relatati mal-istabbiliment ta' drittijiet tal-proprjetà u l-liġi tal-artijiet. Fl-IT, PT: Rekwiżit ta' residenza.
(l) 1. Manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti (parti minn CPC 8868)	Għal Viżitaturi Negozjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: F'MT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(l) 2. Manutenzjoni u tiswija ta' apparat tat-trasport bil-ferrovija (parti minn CPC 8868)	Għal Viżitaturi Negozjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: Fil-LV: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.
(l) 3. Il-manutenzjoni u t-tiswija ta' vetturi bil-mutur, muturi u snowmobiles u tagħmir għat-trasport fuq it-triq (parti minn CPC 6112, CPC 6122, parti minn CPC 8867 u parti minn CPC 8868)	Għal Viżitaturi Negozjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: FI-UE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti u l-impjegati apprendisti għal manutenzjoni u tiswija ta' vetturi bil-mutur, muturi u vetturi tas-silġ (snowmobiles).

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(l) 5. Manutenzjoni u Tiswija ta' prodotti tal-metall, ta' makkinarju (mhux tal-uffiċċju), ta' tagħmir (mhux tat-trasport u mhux tal-uffiċċju) u ta' prodotti personali u tad-dar ¹ (CPC 633, CPC 7545, CPC 8861, CPC 8862, CPC 8864, CPC 8865 u CPC 8866)	Għal Viżitaturi Negożjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: FI-UE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti u għall-apprentisti gradwati, minbarra: fi-AT għal CPC 633, 8861-8866; fi-BE, DE, DK, EL, ES, FR, HU, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SE, UK għal CPC 633, 8861, 8866; fi-BG għat-tiswija ta' prodotti personali u tad-dar (eskluża ġojjellerija): CPC 63301, 63302, parti minn 63303, 63304, 63309; fi CZ, SK għal CPC 633, 8861-8865; fi-EE, FI, LT, LV għal CPC 633, 8861-8866; u fi-SI għal CPC 633, 8861, 8866.
(m) Servizzi ta' tindif tal-bini (CPC 874)	Għal Viżitaturi Negożjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: F'CY, EE, HR, MT, PL, RO, SI: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti.

¹ Servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport (CPC 6112, 6122, 8867 u CPC 8868) jinstabu fi 6.F.(l)1. to 6.F.(l)4.
Is-servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' makkinarju u tagħmir tal-uffiċċju inklużi l-kompjuters (CPC 845) jinsabu f'6.B. Servizzi tal-Kompjuter u Servizzi Relatati.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(n)Servizzi fotografiċi (CPC 875)	Għal Viżitaturi Negozjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: Fil-HR, LV: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għal servizzi fotografiċi ta' speċjalità. Fil-PL: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-forniment ta' servizzi fotografiċi mill-ajru
(p)Stampar u pubblikazzjoni (CPC 88442)	Għal Viżitaturi Negozjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: Fil-BG, CY, CZ, MT, RO, SI, SK: Bla restrizzjonijiet. Fil-HR: Rekwiżit ta' residenza għall-pubblikaturi. Fl-SE: Ir-rekwiżit tar-residenza għall-pubblikaturi u s-sidien ta' djar tal-pubblikazzjoni u kumpaniji tal-istampar.
(q)Servizzi ta' kongressi (parti minn CPC 87909)	Għal Viżitaturi Negozjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: Fis-SI: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.
(r) 1. Servizzi ta' traduzzjoni u interpretar (CPC 87905)	Għal Viżitaturi Negozjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: Fid-DK: Rekwiżit ta' residenza għal tradutturi u interpreti pubbliċi awtorizzati sakemm mhux revokat mill-Aġenzija Daniża tal-Kummerċ u l-Kumpaniji. Fil-FI: Rekwiżit ta' residenza għal tradutturi ċertifikati.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(r) 3. Servizzi ta' aġenziji li jiġbru d-dejn (CPC 87902)	Għal Viżitaturi Negożjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: Fil-BE, EL, IT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.
(r) 4. Servizzi ta' tagħrif finanzjarju fuq il-konsumatur (CPC 87901)	Għal Viżitaturi Negożjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: Fil-BE, EL, IT: Kundizzjoni tan-nazzjonalità.
(r) 5. Servizzi ta' duplikazzjoni (CPC 87904) ¹	Għal Viżitaturi Negożjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: FI-UE: Kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-ispeċjalisti u għall-Impjegati Apprendisti.
8. KOSTRUZZJONI U SERVIZZI TA' INĠINERIJA RELATATI (CPC 511, CPC 512, CPC 513, CPC 514, CPC 515, CPC 516, CPC 517 u CPC 518)	Għal Viżitaturi Negożjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: Fil-BG: Speċjalisti barranin irid ikollhom esperjenza ta' mill-anqas sentejn fis-settur tal-bini.

¹ Ma jinkludix servizzi ta' stampar, li jaqgħu taħt CPC 88442 u jinsabu taħt 6.F. p).

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
9. SERVIZZI TA' DISTRIBUZZJONI (eskluża distribuzzjoni ta' armi tan-nar, munizzjon, splussivi u materjal ieħor tal-gwerra)	
C. Servizzi ta' bejgħ bl-imnut ¹	
(c) Servizzi relatati mal-bejgħ bl-imnut tal-ikel (CPC 631)	Għal Viżitaturi Negozjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: Fi FR: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għal bejjiegħa tat-tabakk (jiġifieri, buraliste).
10. SERVIZZI EDUKATTIVI (servizzi ffinanzjati mill-privat biss)	

¹ Ma jinkludix servizzi ta' manutenzjoni u tiswija li jinsabu taħt SERVIZZI TAN-NEGOZJU taħt 6.B. u 6.F.I).
Ma jinkludix servizzi bl-imnut tal-prodotti tal-enerġija li jinsabu taħt is-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA taħt 19.E. u 19.F.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
A. Servizzi ta' edukazzjoni primarja (CPC 921)	Għal Viżitaturi Negożjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: F'CY, EL: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-għalliema. Fi FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Madankollu, iċ-ċittadini tal-Vjetnam jista' jkollhom awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti sabiex iwaqqfu u jmexxu istituzzjoni edukattiva, u biex jgħallmu. Fl-IT: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza għal fornituri ta' servizzi li jkunu awtorizzati li joħorġu diplomi rikonoxxuti mill-Istat.
B. Servizzi ta' edukazzjoni sekondarja (CPC 922)	Għal Viżitaturi Negożjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: F'CY, EL: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għall-għalliema. Fi FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Madankollu, iċ-ċittadini tal-Vjetnam jista' jkollhom awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti sabiex iwaqqfu u jmexxu istituzzjoni edukattiva, u biex jgħallmu. Fl-IT: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza għal fornituri ta' servizzi li jkunu awtorizzati li joħorġu diplomi rikonoxxuti mill-Istat. Fil-LV: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għal servizzi tekniċi u vokazzjonali tat-tip tal-iskola sekondarja għal studenti bi bżonnijiet speċjali (CPC 9224).

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
C. Servizzi ta' edukazzjoni oġħla (CPC 923)	Għal Viżitaturi Negożjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: Fir-CZ, SK: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza għal servizzi ta' edukazzjoni għolja, ħlief għal servizzi ta' edukazzjoni teknika u vokazzjonali postsekondarja (CPC 92310). F'CY: Kundizzjonijiet ta' nazzjonalità għall-għalliema. Fi FR: Kundizzjoni tan-nazzjonalità. Madankollu, iċ-ċittadini tal-Vjetnam jista' jkollhom awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti sabiex iwaqqfu u jmexxu istituzzjoni edukattiva, u biex jgħallmu. Fl-IT: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza għal fornituri ta' servizzi li jkunu awtorizzati li joħorġu diplomi rikonoxxuti mill-Istat. Għal Fornituri ta' Servizzi Kuntrattwali; Għal servizzi ffinanzjati mill-privat biss Fl-AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FI, HR, HU, IE, IT, LT, LV, MT, NL, PL, PT, RO, SI, SK, UK: Bla restrizzjonijiet. Fil-LU: Għall-professuri tal-università biss.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Fi FR: Għall-professuri tal-università biss. Il-professuri jridu jkunu kisbu kuntratt ta' impjeg minn università jew istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja oħra. It-test tal-ħtiġiet ekonomiċi, sakemm daww il-professuri ma jinħatrux direttament mill-Ministru inkarigat mill-edukazzjoni ogħla. Il-permess tax-xogħol ingħata għal perijodu li ma jaqbiżx id-disa' xhur li jiġġedded għad-durata tal-kuntratt. L-istituzzjoni ta' reklutaġġ għandha tħallas taxxa lill-"<i>Office Français de l'Immigration et de l'Intégration</i> (OFII)". Fl-SE: L-Iżvezja tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tal-fornituri ta' servizzi edukattivi li huma approvati mill-awtoritajiet pubbliċi biex jipprovdu l-edukazzjoni. Din ir-riżerva tapplika għal fornituri ta' servizzi edukattivi ffinanzjati pubblikament u privatament b'xi forma ta' appoġġ mill-Istat, fost l-oħrajn fornituri ta' servizzi edukattivi rikonoxxuti mill-Istat, fornituri ta' servizzi edukattivi taħt superviżjoni mill-Istat jew edukazzjoni li tintitola għal appoġġ ta' studju.
Taħriġ fil-lingwi barranin	Għal Fornituri ta' Servizzi Kuntrattwali; Fil-FI, SI, SK, UK: Bla restrizzjonijiet. Fl-AT, DK, LT: Testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Servizzi Ambjentali (CPC 9401 ¹ , CPC 9402, CPC 9403, CPC 9404 ² , parti minn CPC 94060 ³ , CPC 9405, parti minn CPC 9406, CPC 9409)	Għal Fornituri ta' Servizzi Kuntrattwali: FI-AT, BG, CY, CZ, DE, DK, EL, FI, HU, LT, LV, RO, SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.
12. SERVIZZI FINANZJARJI	
A. Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni	Għal Viżitaturi Negozjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: FI-AT: Il-maniġment ta' uffiċċju ta' fergħa jrid ikun magħmul minn żewġ persuni residenti fl-Awstrija. FI-EE: Għal assikurazzjoni diretta, il-korp ta' ġestjoni ta' kumpanija ta' assikurazzjoni b'kapital konġunt b'parteċipazzjoni mill-Vjetnam tista' tinkludi ċittadini mill-Vjetnam biss f'proporzjoni għall-parteċipazzjoni mill-Vjetnam u fi kwalunkwe każ mhu iktar minn nofs il-membri tal-korp ta' ġestjoni. Il-kap tal-maniġment ta' sussidjarja jew kumpanija indipendenti jrid ikun jgħix b'mod parmanenti fl-Estonja.

¹ Tikkorrisponi għal servizzi tad-drenaġġ.

² Tikkorrisponi għas-Servizzi ta' Tindif ta' Gassijiet tal-Egżost.

³ Tikkorrisponi għal partijiet tas-Servizzi ta' Protezzjoni tan-Natura u l-Pajsaġġ.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	F'ES: Rekwiżit tar-residenza u tliet snin esperjenza għall-professjoni attwarjali (jew alternattivament sentejn esperjenza) Fil-FI: Id-diretturi maniġerjali u għallinqas awditur wieħed ta' kumpanija tal-assikurazzjoni għandu jkollhom il-post tar-residenza tagħhom fl-Unjoni, sakemm l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux taw eżenzjoni. L-aġent ġenerali tal-kumpanija ta' assikurazzjoni tal-Vjetnam jkollu l-post tiegħu ta' residenza fil-Finlandja, sakemm il-kumpanija ma jkollhiex l-uffiċċju ewlieni tagħha fl-Unjoni. Fil-HR: Rekwiżit ta' residenza. Fl-IT: Rekwiżit ta' residenza għall-professjoni attwarja.
B. Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni)	Għal Viżitaturi Negozjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjieġha Kummerċjali: Fil-BG: Residenza permanenti fil-Bulgarija hi meħtieġa għad-diretturi eżekuttivi u l-aġent maniġerjali. Fil-FI: Id-diretturi maniġerjali u għallinqas awditur wieħed ta' istituzzjonijiet tal-kreditu għandu jkollhom il-post tar-residenza tagħhom fl-Unjoni Ewropea, sakemm l-Awtorità għas-Superviżjoni Finanzjarja ma tkunx tat eżenzjoni. Is-sensar kummerċjali (persuna individwali) tal-iskambju ta' strumenti derivattivi għandu jkollu l-post ta' residenza tiegħu fl-Unjoni. Fil-HR: Rekwiżit ta' residenza. Il-bord ta' ġestjoni jidderieġi n-negozju ta' istituzzjoni tal-kreditu mit-territorju tal-Kroazja. Mill-inqas membru wieħed tal-bord ta' ġestjoni għandu jkun jaf jitkellem sew bil-lingwa Kroata.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
	Fl-IT: Il-kundizzjoni tar-residenza fit-territorju ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għall-<i>“promotori di servizi finanziari”</i> (bejjiegħa finanzjarji). Fil-LT: Tal-inqas kap wieħed mill-amministrazzjoni ta' bank irid jittellem il-lingwa Litwana u jirrisjedi b'mod permanenti fil-Litwanja. Fil-PL: Rekwiżit ta' nazzjonalità għal mill-anqas persuna waħda tal-eżekuttiv tal-bank.
13. SERVIZI TAS-SAĦĦA U SERVIZI SOĊJALI (biss servizzi ffinanzjati mill-privat) A. Servizzi tal-isptar (CPC 9311) B. Servizzi ta' Ambulanza (CPC 9312) C. Servizzi ta' faċilitajiet residenzjali tas-saħħa għajr servizzi fl-isptar (CPC 9313)	Għal Viżitaturi Negozjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: Fi FR: L-awtorizzazzjoni hija meħtieġa għall-aċċess għal funzjonijiet ta' ġestjoni. L-awtorizzazzjoni meħtieġa għall-aċċess għal funzjonijiet ta' ġestjoni tqis id-disponibbiltà tal-maniġers lokali. Fil-HR: Il-persuni kollha li jipprovdu servizzi direttament lil pazjenti / li jitrattaw lil pazjenti jeħtieġu liċenzja mill-kamra tal-professjoni. Fil-LV: Testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal tobba, dentisti, qwiebel, infirmiera, fiżjoterapisti, u persunal paramediku. Fil-PL: Il-prattika tal-professjoni medika mill-barranin teħtieġ il-permess. Tobba barranin għandhom drittijiet limitati ta' elezzjoni fil-kmamar tal-professjonisti.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
E. Servizzi soċjali (CPC 933)	
14. SERVIZZI TAT-TURIŻMU U SERVIZZI RELATATI MAL-IVJAĠĠAR	
A. Lukandi, ristoranti u catering (CPC 641, CPC 642 u CPC 643) (minbarra catering fis-servizzi tat-trasport tal-ajru)	Għal Viżitaturi Negożjanti, Trasferimenti Intra-ażjendali, Bejjiegħa Kummerċjali: Fil-BG: In-numru ta' maniġers barranin ma għandux jaqbeż in-numru ta' maniġers li jkunu ċittadini Bulgari, f'każijiet fejn is-sehem pubbliku (tal-istat jew muniċipali) fil-kapital azzjonarju ta' kumpanija Bulgara jkun ta' iktar minn 50 %. Fil-HR: Ir-rekwiżit ta' nazzjonalità għal servizzi ta' ospitalità u ta' forniment tal-ikel f'unitajiet domestiċi u proprjetajiet residenzjali rurali.
A. Servizi tat-Trasport Marittimu (a) Trasport ta' passiġġieri għajr kabottaġġ (CPC 7211) (b) Trasport ta' merkanzija għajr kabottaġġ (CPC 7212)	(1) Xejn. (2) Xejn. (3) (a) Stabbiliment ta' kumpaniji reġistrati sabiex joperaw flotta taħt il-bandiera nazzjonali tal-Vjetnam: Il-fornituri tas-servizzi barranin huma permessi li jistabbilixxu impriżi konġunti b'kontribuzzjoni ta' kapital barrani li ma jaqbiżx is-70 % tal-kapital legali totali. Il-baħħara barranin jistgħu jitħallew jaħdmu f'vapuri taħt il-bandiera nazzjonali tal-Vjetnam (jew irreġistrati fil-Vjetnam) li huma proprjetà ta' impriżi konġunti fil-Vjetnam iżda li ma jaqbiżux it-1/3 tal-impjegati totali tal-vapuri. Il-Master jew l-ewwel kap eżekuttiv għandu jkun ċittadin Vjetnamiż.	(1) Xejn. (2) Xejn. (3) Xejn.	Is-servizzi li ġejjin fil-port huma disponibbli għall-fornituri tat-trasport marittimu internazzjonali fuq termini u kundizzjonijiet raġonevoli u mhux diskriminatorji: 1. Pilotaġġ; 2. Assistenza ta' rmonk; 3. Proviżjonament, għoti ta' fjuwil u għoti tal-ilma 4. Ġbir tal-iskart u rimi ta' skart tas-saborra; 5. Servizi tal-Kaptan Port / Harbour Master; 6. Għajnuniet għan-navigazzjoni; 7. Servizi operattivi bbażati fuq l-art essenzjali għall-operazzjonijiet tal-bastiment, inklużi mezzi ta' komunikazzjoni, provvisti ta' ilma u ta' elettriku;

Modalità ta' kunsinna: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra 3) Preżenza kummerċjali			
Setturi u sotto-setturi	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq	Limitazzjonijiet fuq it-Trattament Nazzjonali	Impenji Addizzjonali
	(b) Forom oħra ta' preżenza kummerċjali għall-provvista ta' servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali¹: Kumpaniji tat-tbaħħir barranin jistgħu jistabbilixxu intrapriżi b'investiment 100 % barrani. L-intrapriżi b'investiment barrani huma permessi biss li jwettqu attivitajiet minn (1) sa (7) kif indikat hawn taħt: 1. Kummerċjalizzazzjoni u bejgħ ta' servizzi ta' trasport marittimu u servizzi permezz ta' kuntatt dirett mal-klijenti, mill-istima sal-fattura;		8. Faċilitajiet ta' tiswijiet ta' emerġenza; 9. Ankraġġ, irmiġġ u servizzi ta' rmiġġ; 10. Aċċess għal servizzi ta' aġenzija marittima².

¹ "Forom oħra ta' preżenza kummerċjali għall-provvista ta' servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali" tfisser il-kapaċità għal kumpaniji tal-bastimenti barranin li jwettqu attivitajiet lokalment li huma relatati mat-tagħbija li tinġarr minnhom u meħtieġa għall-provvista tas-servizz integrat ta' trasport lill-klijenti tagħhom, li fih it-trasport marittimu internazzjonali jikkostitwixxi elementi sostanzjali u huwa pprovdut mill-kumpanija marittima barranija kkonċernata.

² Rigward l-aċċess għal u l-użu ta' servizzi ta' aġenziji marittimi msemmija fil-kolonna ta' Impenji Addizzjonali, meta t-trasport bit-triq, ferrovija, passaġġi fuq l-ilma interni, kostali u interni, u servizzi awżiljari relatati mhumiex koperti b'mod ieħor fl-iskeda, operatur tat-trasport multimodali jkollu l-ħila li jkollu aċċess għal fornituri ta' servizzi ta' aġenziji marittimi Vjetnamiżi għall-bejgħ, kiri jew charter ta' trakkijiet, vaguni tal-ferrovija jew braken u tagħmir relatat, għall-iskop tal-konsenja 'l quddiem ta' tagħbijiet internazzjonali trasportati bil-baħar.

Modalità ta' kunsinna: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra 3) Preżenza kummerċjali			
Setturi u sotto-setturi	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq	Limitazzjonijiet fuq it-Trattament Nazzjonali	Impenji Addizzjonali
	2. Aġir f'isem is-sidien tal-merkanzija; 3. Provvista ta' informazzjoni kummerċjali meħtieġa; 4. It-tnejn ta' dokumentazzjoni li tikkonċerna dokumenti tat-trasport, inklużi d-dokumenti tad-dwana, jew dokumenti oħra relatati mal-orijini u t-tip tal-merkanzija trasportata; u 5. Provvista ta' servizzi ta' trasport marittimu inklużi servizzi ta' kabotaġġ minn bastimenti bil-bandiera Vjetnamiża għall-provvista ta' servizzi tat-trasport integrati. 6. Il-ħidma f'isem il-kumpanija, biex jiġi organizzat id-dħul tal-bastiment f'port jew it-teħid tal-kontroll tat-tagħbijiet tal-merkanzija meta jkun hemm bżonn;		

Modalità ta' kunsinna: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra 3) Preżenza kummerċjali			
Setturi u sotto-setturi	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq	Limitazzjonijiet fuq it-Trattament Nazzjonali	Impenji Addizzjonali
	7. In-negozjar u l-iffirmar ta' kuntratti għat-trasport bit-triq, bil-ferrovija, bil-passaġġi fuq l-ilma interni relatati ma' tagħbijiet trasportati mill-kumpanija.		
(d) Manutenzjoni u tiswija ta' bċejjeċ tal-baħar (CPC 8868*)	(1) Xejn. (2) Xejn. (3) M'hemmx obbligi ħlief għall-impriża konġunta. L-ekwità barranija fl-impriża konġunta ma għandhiex taqbeż is-70 %.	(1) Xejn. (2) Xejn. (3) Xejn.	
Servizzi Marittimi Awżiljari – Servizzi ta' maniġġar tal-kontejners (CPC 7411) ¹	(1) Bla restrizzjonijiet. (2) Xejn. (3) Xejn, ħlief li impriżi konġunti b'kontribuzzjoni ta' kapital barrani li ma jaqbiżx il-50 % jistgħu jiġu stabbiliti.	(1) Bla restrizzjonijiet. (2) Xejn. (3) Xejn.	

¹ Konċessjoni t'utilità pubblika jew proċeduri ta' liċenzji jistgħu japplikaw f'każ ta' okkupazzjoni ta' dominju pubbliku. A Impenn fuq dan il-mod mhux vijabbli.

Modalità ta' kunsinna: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra 3) Preżenza kummerċjali			
Setturi u sotto-setturi	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq	Limitazzjonijiet fuq it-Trattament Nazzjonali	Impenji Addizzjonali
– Servizi ta' permessi tad-dwana ¹	(1) Bla restrizzjonijiet.* (2) Xejn. (3) Xejn, ħlief li impriżi konġunti jistgħu jiġu stabbiliti bl-ebda limitazzjoni tas-sjeda barranija.	(1) Bla restrizzjonijiet.* (2) Xejn. (3) Xejn.	
– Servizi ta' aġenzija marittima ² (CPC 748*)	(1) Xejn. (2) Xejn. (3) Ma hemmx obbligi ħlief għall-impriża konġunta. L-ekwità barranija fl-impriża konġunta ma għandhiex taqbeż id-49 %.	(1) Xejn. (2) Xejn. (3) Bla restrizzjonijiet.	

¹ "Servizi ta' żdoganar" (b'mod alternattiv "servizi ta' sensara tad-dwana") tfisser attivitajiet li jikkonsistu fit-tweqqif f'isem parti oħra tal-formalitajiet doganali fir-rigward tal-importazzjoni, l-esportazzjoni jew it-trasport tal-merkanzija, kemm jekk dan is-servizz ikun l-attività prinċipali tal-fornitur tas-servizz jew akkumpanjament normali tal-attività prinċipali tiegħu.

* Impenn dwar din il-modalità ta' konsenja mhuwiex fattibbli.

² Servizi ta' aġenzija marittima jew aġenzija tal-vapur huma servizz li l-aġent tal-vapur huwa awtorizzat li jwettaq, f'isem is-sid tal-vapur jew l-operatur tal-vapur, li jwettaq servizzi konnessi mal-operazzjonijiet tal-vapur fil-port inkluż arranġament ta' dħul u tluq tal-vapur; konklużjoni ta' kuntratti ta' trasport, kuntratti ta' assigurazzjoni marittimi, kuntratti għall-immaniġġar tal-merkanzija, partijiet tal-kiri, u ftehimiet ta' reklutaġġ; il-ħruġ u l-iffirmar ta' poloz ta' tagħbija jew dokumenti simili; il-provvista ta' ħwienet, bunkers u provvisti lill-vapur; is-sottomessjoni tal-protesti tal-baħar tal-vapur; il-komunikazzjoni mas-sid tal-bastiment jew mal-operatur tal-vapur; l-arranġament ta' servizzi rilevanti għall-ekwipaġġ tal-vapur; ir-riċeviment u l-ħlas tal-ammonti kollha inċidentali għall-operazzjoni tal-vapur; l-immaniġġar tat-talbiet li joħroġu minn kuntratti ta' ġarr jew inċidenti marittimi, u jforu servizzi oħra b'konnessjoni mal-vapur kif meħtieġ.

Modalità ta' kunsinna: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra 3) Preżenza kummerċjali			
Setturi u sotto-setturi	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq	Limitazzjonijiet fuq it-Trattament Nazzjonali	Impenji Addizzjonali
– Servizzi ta' stazzjon tal-Containers u ta' depot ¹	(1) Xejn. (2) Xejn. (3) Xejn.	(1) Xejn. (2) Xejn. (3) Xejn.	
– Manutenzjoni u tiswija ta' bċejjeċ tal-baħar (CPC 8868*)	(1) Xejn. (2) Xejn. (3) Fornituri tas-servizz barrani huma permessi jipprovdu servizzi biss permezz tal-istabbiliment ta' impriża konġunta ma' sħab Vjetnamiżi, b'ishma barranin li ma jaqbżux il-51 %.	(1) Xejn. (2) Xejn. (3) Xejn.	

¹ “Servizzi ta' stazzjon u ta' maħzna tal-kontejners” tfisser attivitajiet li jikkonsistu fil-ħażna tal-kontejners, kemm jekk f'żoni portwali jew aktar 'il għewwa fuq l-art, sabiex jimtlew / jinħattu, jissewwew u jitlestew biex ikunu disponibbli għall-ġarr tal-merkanzija bil-baħar.

Modalità ta' kunsinna: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra 3) Preżenza kummerċjali			
Setturi u sotto-setturi	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq	Limitazzjonijiet fuq it-Trattament Nazzjonali	Impenji Addizzjonali
C. Servizzi tat-Trasport bl-Ajru			
(a) Servizzi ta' bejgħ u marketing ta' prodotti tal-arja	(1) Xejn. (2) Xejn. (3) Il-linji tal-ajru huma permessi li jipprovdu servizz fil-Vjetnam permezz tal-uffiċċji jew l-aġenti tal-biljetti tagħhom fil-Vjetnam.	(1) Xejn. (2) Xejn. (3) Xejn.	
(b) Servizzi kompjuterizzati ta' riżervazzjoni	(1) Xejn, ħlief il-fornitur tas-servizz barrani għandu juża network pubbliku tat-telekomunikazzjoni taħt il-ġestjoni tal-awtorità tat-telekomunikazzjoni tal-Vjetnam. (2) Xejn ħlief kif indikat fil-Modalità 1. (3) Xejn ħlief kif indikat fil-Modalità 1.	(1) Xejn. (2) Xejn. (3) L-ebda waħda	

Modalità ta' kunsinna: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra 3) Preżenza kummerċjali			
Setturi u sotto-setturi	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq	Limitazzjonijiet fuq it-Trattament Nazzjonali	Impenji Addizzjonali
(c) Manutenzjoni u tiswija ta' bċejjeċ tal-ajru (CPC 8868**)	(1) Xejn. (2) Xejn. (3) Il-fornituri tas-servizzi barranin jistgħu jipprovdu servizzi permezz ta' impriżi konġunti ma' sħab Vjetnamiżi jew ma' intrapriżi b'investiment 100 % barrani.	(1) Xejn. (2) Xejn. (3) Xejn.	
(d) Servizzi ta' maniġġar fuq l-art, minbarra manutenzjoni u tindif ta' inġenji tal-ajru, trasport tal-wiċċ, ġestjoni tal-ajruport u navigazzjoni tas-servizz tal-ajru	(1) Xejn. (2) Xejn. (3) Bla restrizzjonijiet. Ħames snin wara li l-Vjetnam jippermetti lill-fornituri privati aċċess għal ajruport jew terminal, fornituri ta' servizzi barranin huma permessi li jipprovdu servizzi lejn tali ajruport jew terminal biss permezz tal-istabbiliment ta' impriżi konġunti ma' sħab Vjetnamiżi, b'ekwità barranija li ma taqbiżx id-49 %. Tliet snin wara, din il-limitazzjoni tal-kapital għandha tkun ta' 51 %.	(1) Xejn. (2) Xejn. (3) Ebda, ħlief: Kwalunkwe trasferiment ta' kapital barrani fl-impriżi konġunti għandu jkun suġġett għall-approvazzjoni minn qabel tal-awtoritajiet rilevanti tal-Vjetnam. Is-sieħeb / sħab rilevanti Vjetnamiż(i) f'impriżi konġunti għandu jkollu/hom l-ewwel dritt ta' rifjut f'tali trasferimenti.	

Modalità ta' kunsinna: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra 3) Preżenza kummerċjali			
Setturi u sotto-setturi	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq	Limitazzjonijiet fuq it-Trattament Nazzjonali	Impenji Addizzjonali
	Il-kategoriji tal-attivitajiet jiddependu fuq id-daqs tal-ajruport. In-numru ta' fornituri tas-servizz f'kull ajruport jista' jkun limitat, minħabba r-restrizzjonijiet ta' spazju disponibbli. Għal ċertezza akbar, il-Vjetnam jirriżerva d-drittijiet li jikkunsidra l-awtorizzazzjoni u / jew il-liċenzjar tal-impriża/i konġunta/i msemmija fuq il-bażi tal-kunsiderazzjonijiet li ġejjin, fost oħrajn: (i) il-benefiċċji soċjoekonomiċi netti li l-investitur(i) tal-Unjoni jistgħu jiġġeneraw, inklużi iżda mhux limitati għall-impenji fit-tul tagħhom, bini ta' kapaċità u trasferiment tat-teknoloġija għall-Vjetnam, il-kontribuzzjoni preċedenti tagħhom għall-ekonomija tal-Vjetnam; (ii) il-kapaċità finanzjarja u l-esperjenza rilevanti tagħhom; u (iii) l-impatt possibbli tas-sigurtà u d-difiża nazzjonali tal-Vjetnam.	Għal aktar ċertezza, l-impenji f'dan is-settur ma jipprekludux lill-Vjetnam, fir-rigward ta' proġetti soċjoekonomiċi sinifikanti (pereż. l-infrastruttura) li jeħtieġu liċenzja jew ftehim ta' konċessjoni mal-Vjetnam, milli jieħu azzjoni, f'termini mhux inkonsistenti ma' dan il-Ftehim, biex: (i) jeħtieġ kunsens minn qabel għat-trasferiment ta' liċenzja jew konċessjoni; (ii) jipprojbixxi t-trasferiment ta' liċenzja jew konċessjoni lil ċittadin jew intrapriża ta' pajjiż li mhux Stat Membru tal-Unjoni fid-data ta' dan; jew (iii) jeħtieġ il-kunsens tiegħu minn qabel għat-trasferiment tal-kontroll ta' detentur ta' liċenzja jew konċessjonarju.	

Modalità ta' kunsinna: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra 3) Preżenza kummerċjali			
Setturi u sotto-setturi	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq	Limitazzjonijiet fuq it-Trattament Nazzjonali	Impenji Addizzjonali
	L-aċċess privat għas-settur imsemmi hawn fuq ifisser l-awtorizzazzjoni għall-parteċipazzjoni ta' mill-inqas kumpanija Vjetnamiża waħda 100 % privata jew impriża konġunta waħda fejn il-kontribuzzjoni tal-kapital privat tal-Vjetnam jammonta għal mill-inqas 51 %.		
(e) Servizzi li jservu l-ikel matul it-titjira	(1) Xejn. (2) Xejn. (3) Fornituri tas-servizz barrani huma permessi jipprovdu servizzi biss permezz tal-istabbiliment ta' impriża konġunta ma' sħab Vjetnamiżi, b'ishma barranin li ma jaqbżux id-49 %.	(1) Xejn. (2) Xejn. (3) Xejn.	

Modalità ta' kunsinna: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra 3) Preżenza kummerċjali			
Setturi u sotto-setturi	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq	Limitazzjonijiet fuq it-Trattament Nazzjonali	Impenji Addizzjonali
E. Servizzi tat-Trasport bil-Ferrovija (a) Trasport tal-passiġġieri (CPC 7111) (b) Trasport tal-merkanzija (CPC 7112)	(1) Bla restrizzjonijiet. (2) Xejn. (3) Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief: Il-fornituri barranin huma permessi li jipprovdu servizzi ta' trasport tal-merkanzija permezz tal-istabbiliment ta' impriżi konġunti ma' sħab Vjetnamiżi li fihom il-kontribuzzjoni tal-kapital ta' barranin ma taqbiżx id-49 % tal-kapital legali totali.	(1) Bla restrizzjonijiet. (2) Xejn. (3) Bla restrizzjonijiet.	
F. Servizzi tat-Trasport fuq l-Art (a) Trasport tal-passiġġieri (CPC 7121+7122) (b) Trasport tal-merkanzija (CPC 7123)	(1) Bla restrizzjonijiet. (2) Xejn. (3) Ebda, ħlief: Il-fornituri tas-servizzi barranin huma permessi li jipprovdu servizzi ta' trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija permezz ta' kuntratti ta' kooperazzjoni fin-negozju jew impriżi konġunti bil-kontribuzzjoni tal-kapital ta' pajjiżi barranin li ma taqbiżx id-49 %.	(1) Bla restrizzjonijiet. (2) Xejn. (3) Xejn.	

Modalità ta' kunsinna: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra 3) Preżenza kummerċjali			
Setturi u sotto-setturi	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq	Limitazzjonijiet fuq it-Trattament Nazzjonali	Impenji Addizzjonali
	Suġġett għall-bżonnijiet tas-suq¹, jistgħu jiġu stabbiliti impenji konġunti b'kontribuzzjoni ta' kapital barrani li ma taqbiżx il-51 % biex jipprovdu servizzi tat-trasport tal-merkanzija. 100 % tas-sewwieqa ta' impenji konġunti għandhom ikunu ċittadini Vjetnamiżi.		
H. Servizzi Awżiljarji għall-Modalitajiet Kollha ta' Trasport			
(a) Is-servizzi marittimi ta' ġarr tal-merkanzija (CPC 741)	(1) Xejn. (2) Xejn. (3) Fornituri ta' servizz barranin jistgħu jipprovdu servizzi ta' maniġġar ta' merkanzija marittima biss permezz ta' impenji konġunti, b'ekwità barranija li ma taqbiżx id-49 %.	(1) Xejn. (2) Xejn. (3) Bla restrizzjonijiet.	

¹ Il-kriterji li jiġqiesu huma fost oħrajn: ħolqien ta' impjiegi ġodda; bilanċ pożittiv tal-munita barranija; l-introduzzjoni ta' teknoloġija avvanzata, inkluża l-ħila ta' ġestjoni; tniġġis industrijali mnaqqas; taħriġ professjonali għall-ħaddiema Vjetnamiżi; eċċ.

Modalità ta' kunsinna: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra 3) Preżenza kummerċjali			
Setturi u sotto-setturi	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq	Limitazzjonijiet fuq it-Trattament Nazzjonali	Impenji Addizzjonali
(a) Servizzi ta' maniġġar tal-kontejners, minbarra servizzi provduti fl-ajruporti (parti minn CPC 7411)	(1) Xejn. (2) Xejn. (3) Il-fornituri tas-servizz barrani huma permessi jipprovdu servizzi biss permezz tal-istabbiliment ta' impriżi konġunta ma' sħab Vjetnamiżi, b'kontribuzzjoni tal-kapital barranija li ma taqbiżx il-50 %.	(1) Xejn. (2) Xejn. (3) Xejn.	
(b) Servizzi ta' ħżin u maġažinagġ (CPC 742)	(1) Xejn. (2) Xejn. (3) Xejn.	(1) Xejn. (2) Xejn. (3) Xejn.	
(c) Servizzi ta' aġenzija tat-trasport tal-merkanzija (CPC 748) ¹	(1) Bla restrizzjonijiet *. (2) Xejn. (3) Xejn.	(1) Bla restrizzjonijiet *. (2) Xejn. (3) Xejn.	

¹ Inklużi servizzi ta' twassil tal-merkanzija. Dawn is-servizzi jfissru l-attivitajiet li jikkonsistu fl-organizzazzjoni u l-monitoraġġ tal-operat tat-tbajhir f'isem min jimbarka l-merkanzija, permezz tal-akkwist ta' trasport u servizzi relatati, il-preparazzjoni tad-dokumentazzjoni u l-forniment ta' informazzjoni tan-negozju.

* Impenn dwar din il-modalità ta' konsenja mhuwiex fattibbli.

Modalità ta' kunsinna: 1) Forniment transkonfinali 2) Konsum barra 3) Preżenza kummerċjali			
Setturi u sotto-setturi	Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq	Limitazzjonijiet fuq it-Trattament Nazzjonali	Impenji Addizzjonali
(d) Oħrajn (parti minn CPC 749) ¹	(1) Xejn. (2) Xejn. (3) Xejn.	(1) Xejn. (2) Xejn. (3) Xejn.	
Servizzi ta' tħammil	(1) Bla restrizzjonijiet. (2) Xejn. (3) Il-fornituri tas-servizz barrani huma permessi jipprovdu servizzi biss permezz tal-istabbiliment ta' impriżi konġunta ma' sħab Vjetnamiżi, b'kontribuzzjoni tal-kapital barranija li ma taqbiżx id-49 %. Ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, din il-limitazzjoni tal-kapital għandha tkun ta' 51 %.	(1) Bla restrizzjonijiet. (2) Xejn. (3) Xejn.	

¹ Inklużi l-attivitajiet li ġejjin: verifika tal-kontijiet; servizzi ta' senserija tal-merkanzija; servizzi ta' spezzjoni tal-merkanzija, użin u teħid ta' kampjuni; servizzi ta' riċeviment u aċċettazzjoni tal-merkanzija; servizzi ta' preparazzjoni tad-dokumenti tat-trasport. Dawn is-servizzi huma pprovduti f'isem is-sidien tal-merkanzija.

TAQSIMA B

SKEDA TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI FIL-LIBERALIZZAZZJONI TAL-INVESTIMENT FIS-SETTURI MHUX TAS-SERVIZZI

NOTI SPJEGATTIVI

Il-lista ta' din l-Iskeda hija magħmula mill-elementi li ġejjin:

- (a) l-ewwel kolonna tindika s-settur jew is-sottosettur li fih l-impenn ikun meħud mill-Vjetnam, u l-kamp ta' applikazzjoni ta' liberalizzazzjoni li għalih japplikaw ir-riżervi; u
- (b) it-tieni kolonna li tiddekrivi r-riżervi li japplikaw.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
1. AGRIKOLTURA	Mingħajr restrizzjonijiet għall-ikkoltivar, il-produzzjoni jew l-ipproċessar ta' pjanti rari jew prezzjużi, it-trobbija ta' annimali selvaġġi prezzjużi jew rari u l-ipproċessar ta' daww il-pjanti jew annimali (inkluż kemm annimali haġġin u materjal ipproċessat meħud mill-annimali) ¹ . L-ebda liċenzja ta' investiment ma għandha tinħareġ lil investituri barranin f'dawn is-setturi u sotto-setturi ² .
2. FORESTRIJA	Bla restrizzjonijiet.
3. SAJD U AKKWAKULTURA	Bla restrizzjonijiet.
4. TĦAFFIR FIL-MINJIERI U L-BARRIERI ³	
A. Estrazzjoni ta' żejt grezz u gass naturali ⁴ (ISIC rev3.1:111, 112)	Bla restrizzjonijiet.
B. Minjieri ta' minerali metalliċi (ISICrev3.1:1310, 1320)	Bla restrizzjonijiet.
C. Tħaffir f'minjieri u barrieri oħra (ISIC rev 3.1: 1410)	Bla restrizzjonijiet.

¹ Lista ta' pjanti u annimali rari jew prezzjużi tista' tinstab fil-websajt: www.kiemlam.org.vn.

² Għal ċertezza akbar, xejn f'dan l-impenn ma għandu jiġi interpretat bħala li jwaqqaf lill-Vjetnam milli joħroġ liċenzji ta' investiment f'dawn is-setturi jew sotto-setturi lil investituri tal-Parti l-oħra.

³ Japplika l-limitu orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

⁴ Ma jinkludix servizzi inċidentali għall-minjieri magħmula fuq bażi ta' hla jew kuntratt f'impjanti taż-żejt u l-gass.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
5. IL-MANIFATTURA ¹	
A. Manifattura ta' prodotti tal-ikel u x-xorb (ISIC rev3.1:15)	Ebda, ħlief: Produzzjoni ta' xorb alkoħoliku u soft drink (ISIC 1551): Bla restrizzjonijiet.
B. Manifattura ta' prodotti tat-tabakk (ISIC rev3.1:16)	Bla restrizzjonijiet.
C. Manifattura ta' tessuti (ISIC rev3.1:17)	Xejn.
D. Manifattura tal-ħwejjeġ; preparazzjoni u tiżbiġ ta' fer (ISIC rev3.1:18)	Xejn.
E. Tiswid u ggumar tal-ġilda; manifattura ta' bagalji, basktijiet, prodotti tas-sarraġ, ċineġ integrali u żraben (ISIC rev3.1:19)	Xejn.
F. Il-manifattura tal-injam u tal-prodotti tal-injam u tas-sufra, ħlief l-għamara; manifattura ta' oġġetti tat-tiben u ta' materjali ta' trizza (ISIC rev3.1:20)	Xejn, ħlief miżuri biex jiproteġu l-foresti naturali.

¹ Dan is-settur ma jinkludix servizz ta' konsulenza relatti mal-manifattura. Dan is-settur ma jinkludix il-manifattura mill-ġdid.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
G. Manifattura ta' karta u prodotti tal-karta (ISIC rev3.1:21)	Xejn.
H. Pubblikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta' midja rrekordjata ¹ (ISIC rev 3.1: 22)	Bla restrizzjonijiet.
I. Manifattura ta' prodotti tal-fran tal-kokk (ISIC rev3.1:231)	Xejn.
J. Manifattura ta' prodotti taż-żejt raffinat ² (ISIC rev3.1:2320)	Bla restrizzjonijiet.
K. Manifattura ta' kimiċi u ta' prodotti kimiċi għajr splussivi (ISIC rev3.1:24)	Xejn ħlief: Produzzjoni ta' apparati splussivi industrijali (ISIC 2429). L-ebda liċenzja ta' investiment ma għandha tinħareġ lil investituri barranin ³ f'dawn is-setturi u sotto-setturi ⁴ .

¹ Is-settur huwa limitat għal attivitajiet ta' manifattura. Dan ma jinkludix attivitajiet li huma awdjoviżivi jew li jippreżentaw kontenut kulturali.

² Japplika l-limitu orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

³ Għall-fini ta' din ir-riżerva, it-terminu "Investitur barrani" jista' jinstab fil-Liġi dwar l-Investiment, 2014

⁴ Għal ċertezza akbar, xejn f'dan l-impenn ma għandu jiġi interpretat bħala li jwaqqaf lill-Vjetnam milli joħroġ liċenzji ta' investiment f'dawn is-setturi jew sotto-setturi lil investituri tal-Parti l-oħra.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
L. Manifattura ta' prodotti tal-gomma u tal-plastik (ISIC rev3.1:25)	Xejn.
M. Manifattura ta' prodotti minerali oħra mhux metalliċi (ISIC rev3.1:26)	Xejn ħlief: Produzzjoni ta' nuċċalijiet tal-kostruzzjoni (ISIC 2610): L-investment f'dawn is-sotto-setturi għandu jkun suġġett għall-ippjanar tal-Gvern. Produzzjoni ta' briks tat-tafal (ISIC 2693): L-investment f'dawn is-sotto-setturi għandu jkun suġġett għall-ippjanar tal-Gvern. Produzzjoni ta' tagħmir ta' produzzjoni ta' siment vertikali tax-xaft u briks u madum tal-ħamrija (ISIC 2694): L-investment f'dawn is-sotto-setturi għandu jkun suġġett għall-ippjanar tal-Gvern. Produzzjoni ta' konkrit mħallat lest, tgħaffiġ tal-ġebel (ISIC 2695): L-investment f'dawn is-sotto-setturi għandu jkun suġġett għall-ippjanar tal-Gvern.
N. Manifattura ta' metalli bażiċi (ISIC rev3.1:27)	Xejn ħlief: Produzzjoni ta' vireg tal-azzar tal-kostruzzjoni D6-D32 mm u pajp tal-azzar tal-ħjata D15-D114mm; Folji galvanizzati taż-żingu u kulur (ISIC 2710): Mingħajr restrizzjonijiet għall-investment barrani f'dawn is-setturi u sottosetturi.
O. Manifattura ta' prodotti ta' metall fabbrikat, ħlief makkinarju u tagħmir (ISIC rev3.1:28)	Xejn.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
P. Il-manifattura ta' makkinarju	
(a) Manifattura ta' makkinarju għal għanijiet ġenerali (ISIC rev 3.1:291)	Xejn.
(b) Manifattura ta' makkinarju speċjali minbarra armi tan-nar u munizzjonijiet (ISIC rev3.1:292)	Ebda, ħlief: Produzzjoni ta' faqqaturi, inklużi logħob tan-nar (ISIC 2927): L-ebda liċenzja ta' investiment ma għandha tinħareġ lil investituri barranin ¹ f'dawn is-setturi u sotto-setturi ² .
(c) Manifattura ta' apparat domestiku n.e.c (ISIC rev3.1:2930)	Xejn.
(d) Manifattura ta' makkinarju għall-uffiċċju u għal xogħol tal-kompjuters (ISIC rev3.1:30)	Xejn.
(e) Manifattura ta' makkinarju u apparat elettriku n.e.c. (ISIC rev3.1:31)	Ebda, ħlief: Produzzjoni ta' fanali tal-ajru (ISIC 3150): L-ebda liċenzja ta' investiment ma għandha tinħareġ lil investituri barranin ³ f'dawn is-setturi u sotto-setturi ⁴ .

¹ Għall-fini ta' din ir-riżerva, it-terminu "Investitur barrani" jista' jinstab fil-Liġi dwar l-Investiment, 2014

² Għal ċertezza akbar, xejn f'dan l-impenn ma għandu jiġi interpretat bħala li jwaqqaf lill-Vjetnam milli joħroġ liċenzji ta' investiment f'dawn is-setturi jew sotto-setturi lil investituri tal-Parti l-oħra.

³ Għall-fini ta' din ir-riżerva, it-terminu "Investitur barrani" jista' jinstab fil-Liġi dwar l-Investiment, 2014

⁴ Għal ċertezza akbar, xejn f'dan l-impenn ma għandu jiġi interpretat bħala li jwaqqaf lill-Vjetnam milli joħroġ liċenzji ta' investiment f'dawn is-setturi jew sotto-setturi lil investituri tal-Parti l-oħra.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(f) Manifattura ta' tagħmir u apparat għar-radju, televiżjoni u komunikazzjoni ¹ (ISIC rev3.1:32)	Xejn.
Q. Manifattura ta' strumenti mediċi, ta' preċiżjoni u ottiċi, arloġġi tal-idejn u arloġġi tal-ħajt (ISIC rev3.1:33)	Xejn.
R. Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers (ISIC rev3.1:34)	Xejn, ħlief l-investiment fl-assemblaġġ u l-manifattura tal-karozzi (ISIC 3410) għandu jkun suġġett għall-ippjanar tal-Gvern li jista' jagħti preferenzi lill-investituri lokali ²
S. Manifattura ta' tagħmir ieħor ta' trasport (mhux militari)	
(a) Bini u tiswija ta' bastimenti (ISIC 3511)	Ebda, ħlief: - Mingħajr restrizzjonijiet għall-investiment barrani fil-produzzjoni ta' vapuri tal-merkanzija ta' inqas minn 10000DWT; taħt vapuri tal-kontejners ta' 800 TEU; lajters u vapuri tal-passiġġieri taħt il-500 siġġu (ISIC 3511). - Il-ħtieġa ta' impriża konġunta u l-parteċipazzjoni ta' ekwità barranija ma għandhomx jaqbu 1-50 %.

¹ Dan is-settur ma jinkludix tagħmir u apparat li jinkludi kontenuti installati minn qabel.

² Għal skop illustrattiv, il-manifattur lokali tal-muturi jista' jingħata privileġġi f'termini ta' kwantità ta' produzzjoni biex jissodisfa d-domanda tas-suq domestiku u l-preferenzi tal-post.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(b) Manifattura ta' lokomotivi tal-ferroviji u tat-tramm u vetturi ferrovjarji (parti mill-ISIC rev 3.1: 3520)	Xejn, ħlief biss il-forma ta' impriża konġunta hija permessa u l-parteċipazzjoni ta' ekwità barranija ma għandhiex taqbeż id-49 %.
(c) Manifattura ta' inġenji tal-ajru u vetturi spazjali (parti mill-ISIC rev 3.1: 3530)	Xejn, ħlief ir-rekwiżit ta' impriża konġunta u l-parteċipazzjoni ta' ekwità barranija ma għandhiex taqbeż id-49 %.
(d) Manifattura ta' muturi (parti mill-ISIC rev 3.1: 3591)	Xejn, ħlief l-investiment fl-assemblaġġ u l-manifattura tal-muturi (ISIC 3591) għandu jkun suġġett għall-ippjanar tal-Gvern li jista' jagħti preferenzi lill-investituri lokali.
(e) Manifattura ta' roti u karrozzi invalidi (parti mill-ISIC rev 3.1: 3592)	Xejn.
T. Manifattura ta' għamara; manifattura n.e.c. (parti minn ISIC rev 3.1: 361, 369)	Xejn.
U. Riċiklaġġ (ISIC rev 3.1:37)	Ebda, ħlief: L-intrapriża b'investiment barrani huma ristretti milli jiġbru l-iskart direttament mid-djar. Huma permessi biss li jipprovdu servizzi fil-punti ta' għbir ta' skart kif speċifikat mill-awtoritajiet lokali muniċipali u provinċjali.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
5. PRODUZZJONI; TRAŻMISSJONI U DISTRIBUZZJONI AWTONOMI TAL-ELETTRIKU, GASS, FWAR U ILMA SĦUN ¹ (ħliet il-Ġenerazzjoni Nukleari tal-Elettriku)	
A. Produzzjoni tal-elettriku; trażmissjoni u distribuzzjoni tal-elettriku awtonomi (parti minn ISIC rev 3.1: 4010) ²	Bla restrizzjonijiet.
B. Manifattura ta' gass; distribuzzjoni ta' fwar u ilma sħun awtonomu (parti minn ISIC rev 3.1: 4020) ³	Bla restrizzjonijiet.
C. Produzzjoni ta' fwar u ilma sħun; distribuzzjoni ta' fwar u ilma sħun awtonomu (parti minn ISIC rev 3.1: 4030) ⁴	Bla restrizzjonijiet.

¹ Japplika l-limitu orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

² Dan ma jinkludix l-operat ta' sistemi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni tal-elettriku fuq bażi ta' tariffa jew kuntratt, li huma servizzi tal-enerġija.

³ Ma jinkludix it-trasport ta' gass naturali u fjuwils gassużi bil-pipeline, it-trasmissjoni u d-distribuzzjoni ta' gass fuq bażi ta' tariffi jew kuntratt, u l-bejgħ ta' gass naturali u fjuwils gassużi, li huma servizzi tal-enerġija.

⁴ Ma jinkludix it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni ta' fwar u misħun fuq bażi ta' tariffi jew kuntratt u l-bejgħ ta' fwar u misħun, li huma servizzi tal-enerġija.

Impenji Speċifiċi f'Konformità mat-Taqsima D
(Preżenza Temporanja ta' Persuni Naturali Għal Għanijiet ta' Negozju)
tal-Kapitolu 8 (Il-Liberalizzazzjoni tal-Investimenti,
Il-Kummerċ fis-Servizzi u l-Kummerċ Elettroniku)

1. Il-lista ta' impenji speċifikati f'dan l-Appendiċi tindika s-setturi liberalizzati skont l-Artikoli 8.7 (Skeda ta' Impenji Speċifiċi) u 8.13 (Skeda ta' Impenji Speċifiċi) li għalihom japplikaw limitazzjonijiet fuq viżitaturi kummerċjali, trasferiti intra-korporattivi, bejjiegħa kummerċjali u fornituri tas-servizz kuntrattwali skont l-Artikoli 8.15 (Trasferiti Intra-Korporattivi u Viżitaturi Kummerċjali), 8.16 (Bejjiegħa Kummerċjali) u 8.17 (Fornituri tas-Servizz Kuntrattwali). Din il-lista tikkonsisti fl-elementi li ġejjin:
 - (a) l-ewwel kolonna tindika s-settur jew is-sotto-settur li fih japplikaw il-limitazzjonijiet; u
 - (b) it-tieni kolonna tiddekrivi l-limitazzjonijiet applikabbli.
2. Il-Vjetnam ma jwettaq l-ebda impenn għal viżitaturi kummerċjali jew trasferiti intra-korporattivi f'setturi li mhumiex liberalizzati (jibqgħu mhux marbuta) skont l-Artikoli 8.4 (Aċċess għas-Suq) u 8.10 (Aċċess għas-Suq).

3. Il-Vjetnam ma jwettaq l-ebda impenn għal bejjiegħa kummerċjali f'setturi li mhumiex liberalizzati (jibqgħu mhux marbuta) skont l-Artikoli 8.4 (Aċċess għas-Suq) u 8.10 (Aċċess għas-Suq).
4. Il-Vjetnam ma jwettaq l-ebda impenn għall-fornituri ta' servizzi kontrattwali f'setturi li mhumiex elenkati fl-Artikolu 8.17 (Fornituri tas-Servizz Kuntrattwali).
5. L-impenji għal viżitaturi kummerċjali trasferiti intra-korporattivi, bejjiegħa kummerċjali u fornituri tas-servizz kuntrattwali ma japplikawx f'każijiet fejn l-għan jew l-effett tal-preżenza temporanja tagħhom huwa li jinterferixxi mal-eżitu ta' kwalunke tilwima jew negozjati bejn il-ħaddiema / il-maniġment, jew b'xi mod ieħor jaffettwahom.
6. Il-lista li tinsab hawn taħt ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u mal-proċeduri tal-kwalifiki, standards tekniċi u rekwiżiti u proċeduri ta' liċenzji meta dawn ma jkunux jikkostitwixxu limitazzjoni fit-tifsira tat-Taqsima D (Preżenza Temporanja ta' Persuni Fiżiċi għal Skopijiet Kummerċjali). Dawk il-miżuri, bħall-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, il-ħtieġa li jinkiseb rikonoxximent ta' kwalifiki f'setturi regolati, il-ħtieġa li jsiru eżamijiet speċifiċi, inklużi eżamijiet lingwistiċi, u l-ħtieġa li jkun hemm domiċilju legali fit-territorju fejn titwettaq l-attività ekonomika, anke jekk mhux elenkati f'dan l-Appendiċi, japplikaw fi kwalunkwe każ għal viżitaturi kummerċjali, trasferiti intra-korporattivi, bejjiegħa kummerċjali u fornituri ta' servizzi kontrattwali tal-Unjoni.

7. Ir-rekwiżiti kollha skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Vjetnam rigward miżuri ta' dħul, residenza, impjieg u sigurtà soċjali jkomplu japplikaw, inkluż ir-regolamenti dwar il-perjodu ta' residenza, il-paga minima, kif ukoll ftehimiet kollettivi dwar is-salarju, anki jekk dawn ma jkunux elenkati f'dan l-Appendiċi.
8. Skont il-paragrafu 6(a) tal-Artikolu 8.1 (Għan u Kamp ta' Applikazzjoni), il-lista ta' impenji speċifikata f'dan l-Appendiċi ma tinkludix miżuri dwar sussidji mogħtija minn Parti.
9. Il-lista ta' impenji speċifikati f'dan l-Appendiċi hija mingħajr preġudizzju għall-eżistenza ta' monopolji pubbliċi u drittijiet esklussivi kif deskritti fil-lista ta' impenji dwar il-liberalizzazzjoni tal-investimenti stabbiliti fl-Appendiċi 8-B-1.
10. Id-drittijiet u l-obbligi li ġejjin minn dan il-Ftehim, inkluża l-lista ta' impenji speċifikata fit-tabella f'dan l-Appendiċi ma għandu jkollhom l-ebda effett dirett u ma jagħtu l-ebda dritt direttament lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
SETTURI KOLLHA	Trasferimenti intrakorporattivi Mill-inqas 20 % ta' maniġers, eżekuttivi u speċjalisti għandhom ikunu ċittadini Vjetnamiżi, sakemm ma jkunux jistgħu jiġu sostitwiti mill-Vjetnamiżi. Madankollu, minimu ta' 3 maniġers, eżekuttivi u speċjalisti mhux Vjetnamiżi għandhom ikunu permessi għal kull intrapriża.
1. SERVIZZI TA' NEGOZJI	
B. Servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati (CPC 84)	Il-kap tal-fergħa għandu jkun residenti fil-Vjetnam.
F. Servizzi oħra ta' negozju	
(c) Servizzi ta' konsulenza dwar l-immaniġġar (CPC 865)	Il-kap tal-fergħa għandu jkun residenti fil-Vjetnam.
(d) Servizzi relatati ma' konsulenza maniġerjali – CPC 866, ħlief CPC 86602) Servizzi ta' arbitraġġ u konċiljazzjoni għal tilwim kummerċjali bejn in-negozji (CPC 86602**)	Il-kap tal-fergħa għandu jkun residenti fil-Vjetnam.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
3. SERVIZZI TA' KOSTRUZZJONI U TA' INĠENERIJA RELATATI	
A. Xogħol ġenerali ta' kostruzzjoni għall-bini (CPC 512) B. Xogħol ġenerali ta' kostruzzjoni għall-inġinerija ċivili (CPC 513) C. Xogħol ta' installazzjoni u assemblaġġ (CPC 514, 516) D. L-ikkompletar tal-bini u x-xogħol tal-irfinar (CPC 517) E. Oħrajn (CPC 511, 515, 518)	Il-kap tal-fergħa għandu jkun residenti fil-Vjetnam.
4. SERVIZZI TA' DISTRIBUZZJONI	
D. Servizzi ta' Franchising (CPC 8929)	Il-kap tal-fergħa għandu jkun residenti fil-Vjetnam.
5. SERVIZZI EDUKATTIVI Biss fl-oqsma tax-xjenzi tekniċi, naturali u teknoloġiċi, tal-amministrazzjoni tan-negozju u tan-negozju, l-ekonomija, il-kontabilità, il-liġi internazzjonali u t-taħriġ tal-lingwa. Fir-rigward tal-punti (C), (D), u (E) hawn taħt, il-kontenut tal-edukazzjoni għandu jkun approvat mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ tal-Vjetnam.	

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
C. Servizzi ta’ edukazzjoni ogħla (CPC 923)	L-għalliema barranin li jixtiequ jaħdmu fil-Vjetnam għandu jkollhom mill-inqas ħames snin esperjenza fit-tagħlim, u l-kwalifiki tagħhom għandhom ikunu rikonoxxuti mill-awtorità kompetenti.
D. Edukazzjoni għall-adulti (CPC 924)	
E. Servizzi oħra tal-edukazzjoni (CPC 929 inkluż it-taħriġ tal-lingwi barranin)	
9. SERVIZZI TAT-TURIŻMU U SERVIZZI RELATATI MAL-IVJAĠĠAR	
B. Aġenziji tal-ivvjaġġar u servizzi ta' operaturi ta' tours (CPC 7471)	Il-gwidi turistiċi f'intrapriżi b'investiment barrani għandhom ikunu ċittadini Vjetnamiżi.
11. SERVIZZI TA' TRASPORT	
A. It-trasport marittimu	
(a) Trasport ta’ passiġġieri għajr kabottaġġ (CPC 7211)	Il-baħħara barranin jistgħu jitħallew jaħdmu f'vapuri taħt il-bandiera nazzjonali tal-Vjetnam (jew irreġistrati fil-Vjetnam) li huma proprjetà ta’ impriżi konġunti fil-Vjetnam iżda li ma jaqzbux it-1/3 tal-impjegati totali tal-vapuri. Il-Master jew l-ewwel kap eżekuttiv għandu jkun ċittadin Vjetnamiż.
(b) Trasport ta’ merkanzija għajr kabottaġġ (CPC 7212)	

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(c) Servizzi ta' aġenzija marittima ¹ (CPC 748*)	Il-manigiers tal-Unjoni jitħallew jaħdmu fl-aġenziji tal-vapuri.
D. It-trasport bit-triq	
(a) Trasport tal-passiġġieri (CPC 7121+7122) (b) Trasport tal-merkanzija (CPC 7123)	100 % tas-sewwieqa ta' impriża konġunta għandhom ikunu ċittadini Vjetnamiżi.

¹ Servizzi ta' aġenzija marittima jew aġenzija tal-vapur huma servizzi li l-aġent tal-vapur huwa awtorizzat li jwettaq, f'isem is-sid tal-vapur jew l-operatur tal-vapur, li jwettaq servizzi konnessi mal-operazzjonijiet tal-vapur fil-port inkluż arranjament ta' dħul u tluq tal-vapur; konklużjoni ta' kuntratti ta' trasport, kuntratti ta' assigurazzjoni marittimi, kuntratti għall-immaniġġar tal-merkanzija, partijiet tal-kiri, u ftehimiet ta' reklutaġġ; il-ħruġ u l-iffirmar ta' poloz ta' tagħbija jew dokumenti simili; il-provvista ta' ħwienet, bunkers u provvisti lill-vapur; is-sottomessjoni tal-protesti tal-baħar tal-vapur; il-komunikazzjoni mas-sid tal-bastiment jew mal-operatur tal-vapur; l-arranjament ta' servizzi rilevanti għall-ekwipaġġ tal-vapur; ir-riċeviment u l-ħlas tal-ammonti kollha inċidentali għall-operazzjoni tal-vapur; l-immaniġġar tat-talbiet li joħorġu minn kuntratti ta' ġarr jew inċidenti marittimi, u jforu servizzi oħra b'konnessjoni mal-vapur kif meħtieġ.

Eżenzjoni għall-Vjetnam dwar it-Trattament Nazzjonali

1. Fis-setturi, sottosetturi jew attivitajiet li ġejjin, il-Vjetnam jista' jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura fir-rigward tal-operazzjoni ta' intrapriża kif definita fis-subparagrafi 1(e) u 1(m) tal-Artikolu 8.2 (Definizzjonijiet) li ma jkunx konformi mal-paragrafu 2 tal-Artikolu 8.5 (Trattament Nazzjonali), sakemm dik il-miżura ma tkunx inkonsistenti mal-impenji stabbiliti fl-Anness 8-B (Skeda ta' Impenji Speċifiċi tal-Vjetnam):
 - (a) gazzetti u aġenziji għall-ġbir tal-aħbarijiet, stampar, pubblikazzjoni, radju u xandir televiżiv, fi kwalunkwe forma;
 - (b) produzzjoni u distribuzzjoni ta' prodotti kulturali, inklużi rekords tal-vidjow;
 - (c) produzzjoni, distribuzzjoni u projezzjoni ta' programmi tat-televiżjoni u xogħlijiet ċinematografiċi;

- (d) investigazzjoni u sigurtà;
- (e) ġeodesija u kartografija;
- (f) servizzi ta' edukazzjoni sekondarja u primarja;
- (g) esplorazzjoni, prospezzjoni u esplotazzjoni ta' żejt u gass, minerali u riżorsi naturali;
- (h) l-idroelettriku u l-enerġija nukleari; trasmissjoni u / jew distribuzzjoni ta' enerġija;
- (i) servizzi oħra tal-kabotaġġ;
- (j) sajd u akkwakultura;
- (k) foresterija u kaċċa;
- (l) lotterija, imħatri u logħob;

(m) servizzi ta' amministrazzjoni ġudizzjarja, inklużi iżda mhux limitati għal servizzi relatati man-nazzjonalità;

(n) infurzar ċivili;

(o) produzzjoni ta' materjal jew tagħmir militari;

(p) tħaddim u ġestjoni ta' portijiet tax-xmajjar, portijiet tal-baħar u ajruporti; u

(q) sussidji.

2. Jekk il-Vjetnam jadotta jew iżomm tali miżura wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, ma għandux jirrikjedi li investitur tal-Unjoni, minħabba n-nazzjonalità tiegħu, ibiegħ jew jiddisponi b'mod ieħor minn intrapriża eżistenti meta dik il-miżura tidħol fis-seħħ.
